

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru

Werrej

Paġna

## I Tagħrif

**Il-Qorti ta' l-Awdituri**

Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija .....	1
Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija .....	6
Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija .....	12
Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija .....	18
Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija .....	24
Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija .....	30
Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija .....	36
Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Awtorità .....	42
Rapport dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru .....	48
Rapport dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru .....	54

(Ikompili fil-paġna ta' wara)


Prezz:  
22 EUR

\* Din il-Hargha Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU C 312

Rapport dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru .....	60
Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Eurojust .....	67
Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti tal-Fondazzjoni .....	73
Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti tal-Fondazzjoni .....	80
Rapport dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru .....	86
Rapport dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru .....	93
Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetà tal-Pjanti għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju .....	99
Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju .....	106

---

*Korriġenda*

Korriġendum għall-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-sigurta' fl-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2005 (ĠU C 266, 31.10.2006) .....	112
---	-----



## I

(Tagħrif)

## IL-QORTI TA' L-AWDITURI

## RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà  
tan-Netwerks u l-Infommazzjoni għas-sena finanzjarja 2005 flimkien  
mar-risposti ta' l-Aġenzija

## WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	2
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	2
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-8	2
Tabelli 1 sa 4 .....		3
<b>Ir-risposti ta' l-Aġenzija .....</b>		<b>5</b>

## INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Aġenzija) ġiet imwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' l-10 ta' Marzu 2004 <sup>(1)</sup>. Hija saret totalment awtonoma fit-tieni parti ta' l-2005. Il-kompitu prinċipali ta' l-Aġenzija huwa li ssaħħa il-kapaċità tal-Komunità fil-prevenzjoni u fir-rispons għal problemi fin-netwerks u fis-sigurtà ta' l-infurmazzjoni billi tibni fuq l-isforzi nazzjonali u Komunitarji. Fil-prinċipju, il-mandat tagħha jiskadi fl-2009.

2. It-*Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Infurmazzjoni prinċipali mir-rendikonti finanzjarji magħmula mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2005, huma preżentati fit-*Tabelli 2, 3 u 4*.

## DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002 <sup>(2)</sup>; hija ġiet magħmula wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif mitlub mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(3)</sup> ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 460/2004, u mib-ghuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika skond il-politika u l-istandards tagħha, li huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

### **Affidabilità tal-kontijiet**

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

### **Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi**

Il-tranżazzjonijiet fil-bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, meħuda f'daqqa, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-dikjarazzjoni tal-Qorti.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. L-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005 kienet ikkaratterizzata minn rata baxxa ta' impenji (70 %) u rata sostanzjali ta' trasferimenti (aktar minn 40 % b'mod ġenerali u bi kważi 80 % għan-nefqa operattiva). Din is-sitwazzjoni kienet parzjalment dovuta għal problemi inerenti għall-perijodu li fih bdiet topera l-Aġenzija u għall-fatt li hija ma bdietx topera ħlief fit-tieni parti ta' l-2005. Fil-futur, l-Aġenzija għandha tkun viġilanti għal dan ir-riskju, partikolarment billi tassigura program-mazzjoni stretta ta' l-attivitajiet tagħha.

8. Il-Qorti nnutat illi l-ebda tmexxija bbażata fuq l-attivitajiet ma kienet introdotta, minkejja illi r-regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija jipprovdi għall-introduzzjoni tagħha, fuq bażi ta' dik applikata għall-baġit ġenerali, bil-ħsieb illi jiġi mtejjeb il-monitor-aġġ tal-prestazzjoni. F'dan il-kuntest, l-ilħuq ta' l-għanijiet ta' l-Aġenzija m'għandux iffisser biss it-twettiq ta' serje ta' kompiti. Minflok, dan għandu jintwera fil-kontribuzzjoni lejn l-għanijiet stabbiliti fir-Regolament ta' bażi tagħha. Il-programm ta' xogħol ta' l-Aġenzija għandu, fil-prinċipju, jesprimi din il-kontribuzzjoni f'termini operattivi u miżurabbli.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri

Hubert WEBER

President

<sup>(1)</sup> ĠU L 77 tat-13.3.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> Dawn il-kontijiet ġew magħmula fl-1 ta' Lulju 2006 u rċevuti mill-Qorti fis-7 ta' Lulju 2006.

Tabella 1

## L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja	Kompetenzi ta' l-Aġenzija (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 460/2004 ta' l-10 ta' Marzu 2004)		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija	Prodotti u servizzi provduti
<p>Ir-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri, bi ftehim komuni, adottaw dikjarazzjoni dwar it-twaqqif ta' Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni. L-Aġenzija għandha topera bħala punt ta' referenza u toħloq kunfidenza permezz ta' l-indipendenza, il-kwalità tal-parir li hija tagħti u l-infommazzjoni li tqassam, it-trasparenza tal-proċeduri tagħha u tal-metodi li bihom topera, u d-diliġenza tagħha fit-tweqqif tal-kompiti assenjati lilha.</p> <p>(Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 2004 meħuda fuq bażi ta' l-Artikolu 251 tat-Trattat)</p>	<p><b>Objettivi:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Issaħħaħ il-kapaċità tal-Komunità, ta' l-Istati membri u tan-negozji sabiex jipprevjenu problemi tan-netwerks u tas-sigurtà ta' l-infommazzjoni.</li> <li>— Tipprovdi assistenza u pariri lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu man-netwerk u mas-sigurtà ta' l-infommazzjoni.</li> <li>— Tiżviluppa livell għoli ta' kompetenza fuq bażi ta' l-esperjenza nazzjonali u tal-Komunità.</li> <li>— Tassisti l-Kummissjoni fix-xogħol preparatorju għall-aġġornament u l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fil-qasam tan-netwerks u tas-sigurtà ta' l-infommazzjoni.</li> </ul>	<p><b>Kompiti</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Tiġbor l-infommazzjoni xierqa sabiex tanalizza r-riskji preżenti u dawk emerġenti.</li> <li>— Tipprovdi pariri lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni jew il-korpi nazzjonali.</li> <li>— Tiffaċilita l-koperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-iżvilupp tal-metodoloġiji komuni sabiex jipprevjenu kwistjonijiet relatati man-netwerks u s-sigurtà ta' l-infommazzjoni.</li> <li>— Issegwi l-iżvilupp ta' l-istandards għall-prodotti u s-servizzi dwar in-netwerks u s-sigurtà ta' l-infommazzjoni.</li> <li>— Tikkopera ma pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex tippromwovi approċċ globali komuni għal kwistjonijiet ta' netwerks u s-sigurtà ta' l-infommazzjoni.</li> <li>— Tesprimi l-konklużjonijiet tagħha stess b'mod indipendenti.</li> </ul>	<p><b>1. Bord Amministrattiv</b></p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru</li> <li>— tlett rappreżentanti mill-Kummissjoni</li> <li>— tlett rappreżentanti appuntati mill-Kunsill, mingħajr id-dritt tal-vot, kull wieħed minnhom jirrappreżenta l-gruppi li ġejjin:</li> <li>— l-industrija tat-teknoloġiji ta' l-infommazzjoni u tal-komunikazzjoni;</li> <li>— il-gruppi tal-konsumaturi;</li> <li>— esperti akkademiċi fis-sigurtà tan-netwerks u ta' l-infommazzjoni.</li> </ul> <p><i>Kompitu</i></p> <p>Jadotta l-programm ta' xogħol annwali ta' l-Aġenzija u r-rapport annwali tagħha.</p> <p><b>2. Direttur Eżekuttiv</b></p> <p>Nominat mill-Bord Amministrattiv fuq proposta mill-Kummissjoni</p> <p><b>3. Verifika esterna</b></p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p><b>4. Verifika interna</b></p> <p>L-Awditur Intern tal-Kummissjoni</p> <p><b>5. Awtorità t'approvazzjoni</b></p> <p>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p><b>Baġit finali għall-2005:</b></p> <p>6,3 miljun euro (100 % sussidju tal-Komunità)</p> <p><b>Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2005:</b></p> <p>38 kariga skond il-pjan ta' twaqqif,</p> <p>karigi okkupati: 35</p> <p>+ 15-il persunal ieħor (esperti nazzjonali sekondati, eċċ.)</p> <p><i>Total tal-persunal:</i> 50</p> <p>assenjati fid-dmijiet li ġejjin:</p> <p>operattivi: 22</p> <p>amministrattivi: 28</p>	<p><b>Gruppi ta' Xogħol:</b></p> <p>Tlett Gruppi ta' Xogħol ġew imwaqqfa fl-2005 u temmew ix-xogħlijiet tagħhom: Ġestjoni tar-Riskju, Tqajjim ta' Kuxjenza u CERTS</p> <p><b>Pubblikazzjonijiet</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Rapport Annwali</li> <li>— Pubblikazzjoni tan-Newsletter ta' l-ENISA ta' kull erba' xhur: 3 haġġiet ippubblikati</li> </ul> <p><b>Koperazzjoni ma' l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet L-Oħra</b></p> <p>(numru ta' avvenimenti organizzati b'mod konġunt):</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Stati Membri: 2 seminarji u 7 avvenimenti organizzati fl-Istati Membri</li> </ul> <p><b>Prodotti/Servizzi OĦRA:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Who's Who on Network and Information Security</li> <li>— CD-ROM 1: "inventarju ta' l-ENISA ta' l-attivitajiet CERT fl-Ewropa"</li> <li>— CD-ROM 1: "Raising Awareness in Information Security, Insight and Guidance for Member States"</li> </ul>

Sors: Infommazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

## L-AĠENZIJA EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ TAN-NETWERKS U L-INFORMAZZJONI

Tabella 2

## Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Infiq					
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet tal-baġit finali				
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati
Sussidji komunitarji	6 346	4 400	Titolu I Persunal	2 375	1 764	1 490	257	628
			Titolu II Amministrazzjoni	2 483	1 772	453	1 065	965
			Titel III Attivitajiet operattivi	1 488	1 004	196	790	502
<b>Total</b>	<b>6 346</b>	<b>4 400</b>	<b>Total</b>	<b>6 346</b>	<b>4 540</b>	<b>2 139</b>	<b>2 112</b>	<b>2 095</b>

Tabella 3

## Kont tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

<b>Dħul operattiv</b>	
Sussidji komunitarji	4 251
<b>Total (a)</b>	<b>4 251</b>
<b>Nefqa operattiva</b>	
Persunal	1 040
Amministrazzjoni	1 594
Operazzjonijiet	517
<b>Total (b)</b>	<b>3 151</b>
<b>Riżultat ekonomiku (c = a - b)</b>	<b>1 100</b>

Tabella 4

## Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005

(1 000 euro)

<b>Attiv</b>	
Attiv fiss	344
Riċevibbli	13
Likwidità	2 510
<b>Total</b>	<b>2 867</b>
<b>Passiv</b>	
Riżultati kumulattivi mis-snin preċedenti	0
Riżultat ekonomiku għas-sena	1 100
Passiv ta' skadenza qasira	1 767
<b>Total</b>	<b>2 867</b>

Sors: Dejta mogħtija mill-Aġenzija — Dawn it-tabelli jagħtu sommarju tad-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontrijiet annwali tagħha.

**IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZIJA**

7. L-Aġenzija bdiet topera biss f'Settembru ta' l-2005. Minħabba l-fatt li kellha nuqqas ta' personal u ż-żmien li kellha disponibbli kien limitat, kien kemmxejn diffiċli għaliha sabiex ittejjeb r-rati ta' implimentazzjoni tal-baġit. Il-maniġment se jieħu l-passi neċessarji u huwa mistenni jkollu rati ta' eżekuzzjoni aktar għoljin għal baġit ta' implimentazzjoni ta' l-2006.

8. Minħabba l-fatt li l-Aġenzija ilha topera biss għal inqas minn 12-il xahar, hija għandha nuqqas ta' riżorsi neċessarji sabiex tkun tista' tintroduċi u tapplika b'mod effettiv sistema ta' Ġestjoni Bbażata fuq l-Attivitajiet. Il-Ġestjoni Bbażata fuq l-Attivitajiet tista' tkun ta' għajjnuna kbira sabiex ix-xogħol ta' l-Aġenzija jkun jista' jtkompli. Il-maniġment se jagħmel mezz sabiex iqiegħed din is-sistema f'postha hekk kif l-Aġenzija tkun f'pożizzjoni li tiddedika r-riżorsi neċessarji sabiex tiżviluppa tali sistema.

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà  
fl-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta'  
l-Aġenzija****WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	7
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	7
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-11	7
Tabelli 1 sa 4 .....		9
<b>Ir-risposti ta' l-Aġenzija</b> .....		<b>11</b>



**INTRODUZZJONI**

1. L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Aġenzija) kienet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1592/2002 tal-15 ta' Lulju 2002 <sup>(1)</sup>. Il-missjonijiet ta' l-Aġenzija huma li żżomm livell għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili, li tiggarrantixxi l-iżvilupp korrett u li tistabbilixxi protokoll ta' ċertifikazzjoni kif ukoll li tippovdi ċertifikati lill-prodotti awronawtiċi.

2. It-Tabella 1 tippreżenta sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Għal skopijiet t'informazzjoni, informazzjoni prinċipali mill-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija hija preżentata fit-Tabelli 2, 3 u 4.

**DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(2)</sup>; hija ġiet magħmula wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif mitlub mill-Artikolu 248 tat-Trattat li waqaf il-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(3)</sup> ġew magħmula mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 49 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, u mibgħuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika skond il-politika u l-istandards tagħha, li huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

<sup>(1)</sup> ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> Dawn il-kontijiet ġew magħmula fit-30 ta' Ġunju 2006 u rċevuti mill-Qorti fit-3 ta' Lulju 2006.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

**Affidabilità tal-kontijiet**

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

**Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi**

It-tranżazzjonijiet fil-baży tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni l-opinjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. Ir-rata ta' l-użu ta' l-approprijazzjonijiet ta' impenji u ta' pagamenti kienet anqas minn 80 %. Din is-sitwazzjoni hija minħabba l-livell baxx ta' implimentazzjoni ta' approprijazzjonijiet għall-impenji (69 %) u għall-pagamenti (32 %) għan-nefġiet operattivi. Ir-rata ta' annullamenti ta' approprijazzjonijiet fis-sena finanzjarja hija għolja wkoll (bejn 7 % u aktar minn 30 % skond it-tip ta' nefqa u n-natura ta' l-approprijazzjonijiet). Ir-rati ta' kanċellament għall-approprijazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti huma għoljin ukoll. Din is-sitwazzjoni għandha tinfertiva lill-Aġenzija sabiex ittejjeb l-iprogrammar tagħha u sabiex issaħħaħ is-segwitu għall-implimentazzjoni tagħha sabiex tassigura illi r-riżorsi ma jiġux immobilizzati għalxejn.

8. L-approprijazzjonijiet taħt titolu baġitarju minnhom ġew modifikati b'1,2 miljun euro mingħajr ma l-Aġenzija ppreżentat dokumenti li jiġġustifikaw dan it-tnaqqis.

9. Il-Qorti tinnota n-nuqqas li tiġi ntrodotta t-tmexxija bbażata fuq l-attivitajiet anke jekk ir-Regolament Finanzjarju ta' l-Aġenzija jirpovdi għall-introduzzjoni tagħha, skond il-linji applikati għall-baġit ġenerali, sabiex tippermetti monitoraġġ aħjar tal-prestazzjoni. F'dan ir-rigward, l-ilħuq ta' l-oġġettivi ta' l-Aġenzija ma jistax jiġi limitat għall-implimentazzjoni ta' serje ta' funzjonijiet imma jrid jiġi vvalutat f'termini tal-kontribuzzjoni għall-oġġettivi stabbiliti fir-Regolament bażiku tagħha. Il-programm ta' xogħol ta' l-aġenzija għandu, fil-prinċipju, jesprimi din il-kontribuzzjoni f'termini operattivi u miżurabbli.

10. Il-Bord Amministrattiv m'adottax standards tal-kontroll intern minimi. Is-sistemi tat-tmexxija u tal-kontroll intern u l-proċeduri ma kinux dejjem deskritti. Ir-riskji marbuta

mat-tranżazzjonijiet finanzjarja ma kinux analizzati. L-inizjazzjoni u l-verifika operattiva tal-funzjonijiet ta' pagament ma kinux dejjem separati fl-2005. Il-proċeduri introdotti mill-uffiċjali li jawtorizzaw sabiex jiggarrantixxu li l-informazzjoni preżentata lill-uffiċjal tal-kontabilità tkun preċiża u kompleta ma kinux ivvalidati. Fi tmiem l-2005, l-Aġenzija kienet għadha ma kelliex sistema sabiex tassigura illi l-miżati li hija titlob mill-klijenti tagħha għas-servizzi li hija tipprovdi kienu biżżejjed sabiex tkopri l-prezz ta' dawn is-servizzi.

11. Il-prinċipju tal-kompetizzjoni miftuħa għal kulħadd ma kienx osservat f'ċerti każijiet: l-Aġenzija wżat il-proċedura tan-negozjar għal kuntratt minnhom ta' 250 000 euro ma' aġenzija ta' l-impjeggi. Għal servizzi ta' sigurtà, l-Aġenzija gēddet il-kuntratt li hija kienet iffirmit fl-2004 (valur: 85 557 euro) bi ftehim dirett u mingħajr ġustifikazzjoni. F'każ ieħor, l-Aġenzija nvitat biss erba' offerenti sabiex jissottomettu offerta minkejja li kien hemm ħames ismijiet fil-lista magħmula wara sejħa sabiex jiġi espress interess.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*  
Hubert WEBER  
*President*

Tabella 1  
L-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni (Cologne)

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja li joħorġu mit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti mir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija	Prodotti u Servizzi
<p><b>Politika komuni tat-trasport</b></p> <p>"Il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi jekk safejn u b'liema proċedura, dispożizzjonijiet opportuni jistgħux jiġu addottati għat-traffiku fil-baħar u bl-ajru."</p> <p>(Artikolu 80 tat-Trattat)</p>	<p><b>Miri:</b></p> <p>Sabiex iżżomm livell uniformi għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa u sabiex tassigura l-funzjoni u l-iżvilupp tajjeb tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili</p>	<p><b>Miżuri li jridu jiġu addottati mill-Aġenzija:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— sabiex tohrög opinjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni;</li> <li>— sabiex tohrög speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni, inklużi kodiċi ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni u mezzi aċċettabbli ta' konformità, u kwalunkwe materjal ta' gwida għall-applikazzjoni tal-politika Komunitarja;</li> <li>— sabiex tieħu deċiżjonijiet rigward ċertifikazzjoni ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni u ambjentali;</li> <li>— sabiex twettaq spezzjonijiet standardizzati fl-awtoritajiet kompetenti tal-Pajjiżi Membri;</li> <li>— sabiex twettaq l-investigazzjonijiet neċessarji f'impriżi.</li> </ul>	<p><b>1. Bord ta' Tmexxija,</b> jikkonsisti f'rappreżentant ta' kull Stat Membru u rappreżentant tal-Kummissjoni, iwaqqaf <b>Korp ta' Konsultazzjoni</b> ta' partijiet interessati.</p> <p><b>2. Id-Direttur Eżekuttiv imexxi</b> l-Aġenzija; huwa maħtur mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p><b>3. Il-Bord ta' Appell</b> jirregola fuq id-deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija dwar ċertifikazzjoni, miżati u spejjeż u kontrolli mwettqa fuq impriżi.</p> <p><b>4. Kontroll Estern</b> il-Qorti ta' l-Awdituri.</p> <p><b>5. Awtorità t'Approvazzjoni</b> il-Parlament, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p><b>Baġit définitif 2005</b></p> <p>Baġit totali: 36,5 miljun euro, inklużi:</p> <p>Dħul minn onorarji u imposti: 8,6 miljun euro</p> <p>Sussidju tal-Komunità: 18,6 miljun euro</p> <p>200 post fil-pjan ta' twaqqif</p> <p>postijiet okkupati: 132</p> <p>+ 21 post ieħor</p> <p><i>Total ta' persunal:</i> 153</p> <p>assenjati għall-kompiti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— operattivi: 86</li> <li>— amministrattivi: 38</li> <li>— varji: 29</li> </ul>	<p><b>Opinjonijiet:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— erba' opinjonijiet rigward l-emendi għar-Regolamenti Nri. 1592/2002, 1702/2003 u 2042/2003;</li> <li>— opinjoni rigward l-aċċettazzjoni ta' fornituri tad-<i>database</i> tan-navigazzjoni</li> <li>— ħames opinjonijiet dwar derogazzjonijiet mitluba mill-Istati Membri ta' l-EASA.</li> </ul> <p><b>Deċiżjonijiet ta' regolamentazzjoni:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— emenda waħda ta' l-ispeċifikazzjonijiet tas-CS 25</li> <li>— emenda waħda tal-Mezzi Aċċettabbli ta' Materjal għall-Konformità u l-Gwida għar-Regolament Nru 2042/2003</li> </ul> <p><b>Koperazzjoni internazzjonali:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— żewġ ftehim ta' koperazzjoni ġodda maċ-Ċina rigward il-prodotti Eurocopter u Dassault.</li> <li>— Estenzjoni tal-ftehim ta' koperazzjoni mal-Kumitat Awtornatiku tal-Commonweath ta' l-Istati Indipendenti.</li> </ul> <p><b>Deċiżjonijiet ta' ċertifikazzjoni:</b></p> <p>Ċertifikati ta' tip: 78</p> <p>Ċertifikati ta' tip supplimentari: 900</p> <p>Direttivi dwar dak li hu tajjeb għat-titjir: 490</p> <p>Speċifikazzjonijiet Tekniċi Ewropej: 249</p> <p>Mezzi aċċettabbli għall-konformità: 116</p> <p>Modifikazzjonijiet maġġuri: 693</p> <p>Modifikazzjonijiet minuri: 2 369</p> <p>Tiswijiet maġġuri: 192</p> <p>Tiswijiet Minuri: 1 384</p> <p>AFM/RFM (= <i>Flight Manual Revisions</i>): 334</p> <p>Approvazzjoni t'organizzazzjonijiet ta' l-iddisinar: 55</p> <p>Approvazzjoni t'organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni (bilaterali): 85</p> <p>Approvazzjoni t'organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni (barranin): 113</p> <p>Approvazzjoni t'organizzazzjonijiet ta' taħriġ dwar il-manutenzjoni: 11</p> <p>Approvazzjoni t'organizzazzjonijiet ta' manufattura: 4</p> <p><b>Ispezzjonijiet dwar l-istandardizzazzjoni</b> (numru ta' pajjiżi permezz tat-tip):</p> <p>Approvazzjoni t'organizzazzjonijiet ta' manufattura: 7 pajjiżi</p> <p>Approvazzjoni t'organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni: 19-il pajjiż</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

# L-AĠENZJA EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ TA' L-AVJAZZJONI

Tabella 2

## Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa													
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur	Allokazzjoni tan-nefqa	Approprijazzjonijiet tal-baġit finali					Approprijazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti			Approprijazzjonijiet disponibbli (approprijazzjonijiet ta' din is-sena finanzjarja u ta' dik preċedenti)				
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	impenji pendenti	imħallsa	annullati	approprijazzjonijiet	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati
Sussidji komunitarji	22 138	18 930	Titolu I Persunal	16 192	13 968	13 754	214	2 224	314	212	102	16 506	14 282	13 966	214	2 326
Dħul proprju	8 000	8 569	Titolu II Amministrazzjoni	3 691	3 428	2 646	782	263	810	732	78	4 501	4 238	3 378	782	341
Dħul ieħor	1 443	1 472	Titolu III Attivitajiet Operattivi													
			— CE	20 098	13 865	0	0	6 233	0	0	0	20 098	13 865	0	0	6 233
			— CP	11 698	0	4 656	5 611	1 431	264	237	27	11 962	0	4 893	5 611	1 458
<b>Total</b>	<b>31 581</b>	<b>28 971</b>	<b>Total CE</b>	<b>39 981</b>	<b>31 261</b>	<b>0</b>	<b>996</b>	<b>8 720</b>	<b>1 124</b>	<b>944</b>	<b>180</b>	<b>41 105</b>	<b>32 385</b>	<b>0</b>	<b>996</b>	<b>8 900</b>
			<b>Total CP</b>	<b>31 581</b>	<b>0</b>	<b>21 056</b>	<b>6 607</b>	<b>3 918</b>	<b>1 388</b>	<b>1 181</b>	<b>207</b>	<b>32 969</b>	<b>0</b>	<b>22 237</b>	<b>6 607</b>	<b>4 125</b>

CE: approprijazzjonijiet ta' impenji, CP: approprijazzjonijiet ta' pagamenti.

Tabella 3

## Kont tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2005 u 2004

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Dħul operattiv</b>		
Sussidji Komunitarji	17 416	7 777
Sussidji/Dħul ieħor	13 053	601
<b>Total (a)</b>	<b>30 469</b>	<b>8 378</b>
<b>Nefqa operattiva</b>		
Persunal	13 636	5 557
Amministrazzjoni	4 016	1 521
Operazzjonijiet	11 660	2 081
<b>Total (b)</b>	<b>29 312</b>	<b>9 159</b>
<b>Riżultat operattiv (c = a - b)</b>	<b>1 157</b>	<b>- 781</b>
Dħul ieħor (d)	41	0
Spejjeż oħrajn (e)	- 14	- 1
<b>Riżultat ekonomiku (f = c + d + e)</b>	<b>1 184</b>	<b>- 782</b>

Sors: Deġta ta' l-Aġenzja — Dawn it-tabelli jagħtu sommarju tad-deġta provduta mill-Aġenzja fil -kontijiet annwali tagħha.

Tabella 4

## Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005 u 2004

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Attiv</b>		
Attiv tanġibbli	1 531	991
Attiv kurrenti	8 816	329
Likwidità	11 746	4 978
<b>Total</b>	<b>22 093</b>	<b>6 298</b>
<b>Passiv</b>		
Riżultati totali għas-sena preċedenti	1 845	2 627
Riżultat tas-sena	1 184	- 782
Passiv ta' skadenza qasira	19 064	4 453
<b>Total</b>	<b>22 093</b>	<b>6 298</b>

**IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZJA**

7. L-użu ta' l-appropriazzjonijiet ta' impenji kien inqas milli mistenni minħabba d-diffikultajiet fir-reklutaġġ. Il-livell baxx ta' eżekuzzjoni ta' l-appropriazzjonijiet għal pagamenti għall-attivitajiet operattivi huwa essenzjalment dovut għal fatt li l-awtoritajiet nazzjonali ma ħarġu l-ebda fattura għal Aġenzija matul din l-ewwel sena ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) nru 488/2005.

8. L-ammont ta' 1,2 miljun ewro ġie mniżżel bi żball taħt l-appropriazzjonijiet ordinarji u kellu jiġi trasferit fuq l-appropriazzjonijiet ta' dħul assenjat. L-Aġenzija se tassigura sabiex fil-ġejjieni tavża l-Bord Amministrattiv dwar kull modifika fil-baġit.

9. Fl-2006, l-Aġenzija bdiet proġett ta' ġestjoni integrata ta' l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni, inkluża sistema dettaljata ta' *follow up* ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija kif ukoll l-adattament tas-sistema finanzjarja sabiex tiġi stabbilita kontabilità analitika. Huwa mistenni li dan il-proġett jibda jaħdem mill-2008. Sadanittant, l-Aġenzija se tipproma tistabilixxi konnessjoni aktar stretta bejn il-baġit u l-objettivi operazzjonali tagħha. Il-baġit ta' l-2007 se jiġi għalhekk ippreżentat skond l-attivitajiet.

10. Fit-2 ta' Ġunju ta' l-2006, il-Bord Amministrattiv ta' l-Aġenzija adotta normi ta' kontroll intern ibbażati fuq in-normi applikati mill-Kummissjoni u fuq in-normi ISO 9000. F'Marzu ta' l-2006 ġie mniedi programm ta' assigurazzjoni tal-kwalità bl-iskop li japplika dawn in-normi. Id-deskrizzjoni tas-sistemi u tal-proċeduri u l-analiżi tar-riskji se jiġu żviluppati f'dan il-kuntest. L-anomalija misjuba mill-Qorti li tirrigwarda s-separazzjoni tal-funzjonijiet ġiet ikkoreġuta. L-installazzjoni ta' kollegamenti informatiċi bejn is-sistemi operazzjonali u dawk finanzjarji fl-2006 għandha tagħti garanzija aħjar tal-kwalità ta' l-informazzjoni finanzjarja trazzmessa mill-kompjuters lil persuna inkarigata għal kontabilità. Ir-reviżjoni li qed issir bħalissa fir-rigward tar-Regolament (KE) nru 488/2005 dwar il-ħlasijiet u l-piżijiet għandha tippermetti lill-Aġenzija sabiex tkopri l-ispejjeż ta' l-attivitajiet tagħha ta' ċertifikazzjoni.

11. Matul l-ewwel xhur li ġew wara l-ġarr li sar għal Cologne f'Novembru ta' l-2004, l-Aġenzija ma setgħetx tapplika l-proċeduri normali ta' akkwist ta' prodotti u servizzi minħabba t-tul taż-żmien disponibbli u n-nuqqas ta' riżorsi umani. Il-proċeduri regolatorji ġew applikati hekk kif hi setgħet twaqqaf unità speċjalizzata fil-qasam ta' l-akkwisti.

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena  
finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija****WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	13
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	13
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-11	13
Tabelli 1 sa 4 .....		15
<b>Ir-risposti ta' l-Aġenzija</b> .....		17

**INTRODUZZJONI**

1. L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Aġenzija) ġiet stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2309/93 tat-22 ta' Lulju 1993, li ġie sostitwit mir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 726/2004 tal-31 ta' Marzu 2004 <sup>(1)</sup>. L-Aġenzija topera permezz ta' netwerk u tikkoordina r-riżorsi xjentifiċi magħmula disponibbli mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex tiżgura l-evalwazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem u l-użu veterinarju.

2. It-*Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Informazzjoni prinċipali, meħuda mir-rendikonti finanzjarji preparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2005 hija preżentata f'*Tabelli 2, 3 u 4*.

**DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(2)</sup>; hija ġiet magħmula wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif mitlub mill-Artikolu 248 tat-Trattat li waqqaf il-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(3)</sup> ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, u mibgħuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika skond il-politika u l-istandards tagħha, li huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika ġiet ippanjata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

<sup>(1)</sup> ĠU L 214, 24.8.1993, p. 18 u ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1. Skond Regolament imsemmi l-aħħar l-isem oriġinali ta' l-Aġenzija, L-Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni tal-Prodotti Mediċinali, ġie mibdul għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> Dawn il-kontijiet ġew magħmula fis-27 ta' Ġunju 2006 u rċevuti mill-Qorti fis-27 ta' Lulju 2006.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

***Affidabilità tal-kontijiet***

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

***Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi***

Il-tranżazzjonijiet fil-baży tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni l-opinjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-implimentazzjoni tal-baġit, ir-rati ta' utilizzazzjoni ta' l-appropriazzjonijiet ta' impenji (94 %) u ta' appropriazzjonijiet ta' pagamenti (82 %) b'mod ġenerali kienu għolja. Iżda, għan-nefqa amministrattiva (Titolu II), ir-rata ta' utilizzazzjoni ta' appropriazzjonijiet ta' impenji hija inqas minn 90 %, u aktar minn 40 % ta' l-impenji ġew trasferiti għas-sena finanzjarja li ġejja.

8. Id-drittijiet t'aċċess għas-sistema informatika mhux dejjem kienu jikkorrispondu mad-delegazzjonijiet li kienu qed joperawha. Fl-2005, membru tal-persunal li ma kellu ebda delegazzjoni sa mill-2004, kienu għad kellu d-drittijiet t'aċċess korrispondenti għas-sistema informatika.

9. Sa minn tmien l-2004 l-Aġenzija ġestiet fondi <sup>(4)</sup> miġbura minn Aġenziji u korpi oħra biex jiffinanzjaw servizz ta' sostenn komuni biex jiżviluppaw is-sistemi ta' informazzjoni tal-ġestjoni finanzjarja tagħhom. Sa l-2005, dawn il-fondi ma kinux preżentati fil-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, kif kien il-każ ta' l-Aġenziji l-oħra li kienu jġestu l-fondi fis-snin ta' qabel billi jsegu sistema ta' rotazzjoni.

10. Waqt l-eżaminazzjonijiet ta' l-għoti tal-kuntratti, instabu xi anomaliji, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-kuntratti ta' l-IT. Ma kien hemm ebda deċiżjonijiet formali

<sup>(4)</sup> Madwar 400 000 euro.

dwar in-nomina ta' kumitati ta' evalwazzjoni. Ir-regoli li jistabilixxu l-indipendenza ġerarkika tal-membri tal-kumitat ma ġewx osservati. Saru laqgħat tal-kumitat ta' evalwazzjoni fl-assenza ta' xi membri, mingħajr ġustifikazzjoni formali għall-assenza tagħhom.

11. Il-Qorti terġa tinnota li l-kuntratti konklużi mal-banek ilhom operattivi għal aktar minn sitt snin minkejja li r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija jistipulaw li għandu jkun hemm sejħa ġdida għall-offerti minn ta' l-inqas darba kull ħames snin.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*  
Hubert WEBER  
*President*



Tabella 1

## L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (Londra)

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja skond it-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 726/2004 tal-31 ta' Marzu 2004		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija 2005(2004)	Prodotti u Servizzi 2005(2004)
<p>Livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Komunità.</p> <p>L-azzjoni tal-Komunità, li ser tikkomplimenta l-politiki nazzjonali, għandha tkun immirata lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, tipprevjeni l-mard fuq il-bniedem u twarrab għejun ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem(...)</p> <p>(Artikolu 152 tat-Trattat)</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Tikkoordina r-riċerka xjentifika li l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri jagħmlu disponibbli lill-Aġenzija għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu veterinarju;</li> <li>— Tippovdi lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea b'parir xjentifiku dwar prodotti mediċinali għall-użu veterinarju.</li> </ul>	<p><b>Kompiti</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Tikkoordina l-evalwazzjoni xjentifika ta' prodotti mediċinali li huma soġġetti għall-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-promozzjoni Komunitarja;</li> <li>— Tikkoordina s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali li ġew awtorizzati għal-Komunità (<i>pharmacovigilance</i>);</li> <li>— Tagħti pariri dwar il-limiti massimi għal residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji li jistgħu jkunu aċċettati f'oġġetti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali;</li> <li>— Tikkoordina verifikazzjoni ta' l-osservanza mal-prinċipji tajba ta' manifat-tura, prattika tal-laboratorju tajba u prattika tal-klinika tajba;</li> <li>— Tirreġistra l-istat ta' awtorizzazzjonijiet għall-promozzjoni mogħtija għall-prodotti mediċinali.</li> </ul>	<ol style="list-style-type: none"> <li>1. <b>Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu tal-Bniedem</b>, li jikkonsisti minn membru wieħed u altern wieħed minn kull Stat Membru, jagħti pariri fuq xi domandi li għandhom x'jaqsma ma' l-evalwazzjoni tal-prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem.</li> <li>2. <b>Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju</b>, li jikkonsisti minn membru wieħed u altern wieħed minn kull Stat Membru, jagħti pariri fuq domandi li għandhom x'jaqsma ma' l-evalwazzjoni tal-prodotti mediċinali veterinarji.</li> <li>3. <b>Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali Orfni</b>, jikkonsisti f'membri wieħed u altern wieħed minn kull Stat Membru, jagħti pariri dwar domandi relatati ma' l-evalwazzjoni ta' prodotti mediċinali orfni.</li> <li>4. <b>Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali li ġejjin mill-Ħwawar</b>, jikkonsisti f'membri wieħed u altern wieħed minn kull Stat Membru, jagħti pariri dwar domandi relatati ma' l-evalwazzjoni ta' prodotti mediċinali li ġejjin mill-ħwawar.</li> <li>5. <b>Il-Bord Amministrattiv</b> jikkonsisti f'membri wieħed u altern wieħed minn kull Stat Membru, żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni, żewġ rappreżentanti minn Parlament Ewropew, żewġ rappreżentanti minn organizzazzjonijiet tal-pazjenti, rappreżentant mill-organizzazzjonijiet tat-tobba u rappreżentant mill-organizzazzjonijiet veterinarji. Il-Bord jadotta l-programm ta' xogħol u r-rapport annwali.</li> <li>6. <b>Id-Direttur Eżekuttiv</b> huwa nominat mill-Bord Amministrattiv fuq proposta tal-Kummissjoni.</li> <li>7. <b>Verifika esterna:</b> Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri u s-Servizz tal-Verifika Interna KE.</li> <li>8. <b>Awtorità t'approvazzjoni:</b> Il-Parlament fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</li> </ol>	<p><b>Baġit finali 2005:</b></p> <p>111,8 miljun euro (99,4 mijun euro)</p> <p>Kontribuzzjoni Komunitarja (bl-esklużjoni tas-sussidju mill-mediċini orfni): 22,7 % (24,7 %)</p> <p><b>Numri tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2005:</b></p> <p>379 (314) karigi stabbiliti fil-pjan ta' twaqqif</p> <p>Karigi okkupati: 337,5 (290)</p> <p>+ 34 (50) karigi oħra (kun-tratti awżiljarji, esperti nazzjonali ssekonadati, persunal lokali, persunal ta' l-aġenzija ta' l-impjeggi)</p> <p>Total tal-persunal: 371,5 (340)</p> <p>Assenjati fid-dmirijiet li ġejjin:</p> <p>Operattivi: 302,5 (271)</p> <p>Amministrazzjoni: 69 (69)</p>	<p><b>Prodotti Mediċinali għall-Użu tal-Bniedem</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet għall-promozzjoni: 43 (51)</li> <li>— Opinjonijiet favorevoli: 24 (34)</li> <li>— Żmien medju ta' evalwazzjoni: 203 ġranet (187 ġranet)</li> <li>— Opinjonijiet wara l-awtorizzazzjoni: 1 148 (926)</li> <li>— <i>Pharmacovigilance</i>: 91 565 rapporti (64 186 rapporti)</li> <li>— Rapporti perjodiċi ta' affidabilità: 279 (253)</li> <li>— Opinjonijiet xjentifiki: 135 (77)</li> <li>— Proċeduri għar-rikonoxximent reċiproku: 8 451 (7 081)</li> </ul> <p><b>Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Applikazzjonijiet ġodda: 11 (8)</li> <li>— Applikazzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' varjanti: 70 (40)</li> <li>— Spezzjonijiet: 114 (93)</li> </ul> <p><b>Prodotti Mediċinali Orfni</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Applikazzjonijiet: 118 (108)</li> <li>— Opinjonijiet favorevoli: 88 (75)</li> </ul>

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

## L-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-MEDIĊINI

Tabella 2

### Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Infiq													
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet tal-baġit finali					Appropriazzjonijiet trasferiti 'il quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti			Appropriazzjonijiet għas-sena finanzjarja flimkien ma' appropriazzjonijiet trasferiti 'il quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti				
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti 'il quddiem	annullati	dispo-nibbli	mħallsa	annullati	dispo-nibbli	impenjati	imħallsa	trasferiti 'il quddiem	annullati
Sussidji komunitarji <sup>(1)</sup>	31 180	33 734	Titolu I Persunal	41 356	39 307	38 608	700	2 048	642	536	106	41 998	39 949	39 144	700	2 154
Dħul proprju	77 455	71 895	Titolu II Amministrazzjoni	27 105	24 047	15 974	10 041	1 090	10 935	10 590	345	38 040	34 982	26 564	10 041	1 435
Dħul ieħor	3 200	3 767	Titolu III Attivitajiet operattivi	43 374	42 000	33 907	8 092	1 375	11 174	10 523	651	54 548	53 174	44 430	8 092	2 026
<b>Total</b>	<b>111 835</b>	<b>109 396</b>	<b>Total</b>	<b>111 835</b>	<b>105 354</b>	<b>88 489</b>	<b>18 833</b>	<b>4 513</b>	<b>22 751</b>	<b>21 649</b>	<b>1 102</b>	<b>134 586</b>	<b>128 105</b>	<b>110 138</b>	<b>18 833</b>	<b>5 615</b>

<sup>(1)</sup> Jinkludi sussidji rċevuti miż-Żona Ekonomika Ewropea.

Tabella 3

### Kont tad-dħul u l-infiq għas-snin finanzjarji 2005 u 2004

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Dħul operattiv</b>		
Sussidji komunitarji	28 957	24 556
Dħul	77 679	71 857
<b>Total (a)</b>	<b>106 636</b>	<b>96 413</b>
<b>Infiq operattiv</b>		
Persunal	40 057	34 333
Amministrazzjoni	22 459	15 154
Attivitajiet operattivi	41 999	38 573
<b>Total (b)</b>	<b>104 515</b>	<b>88 060</b>
<b>Riżultat operattiv (c = a - b)</b>	<b>2 121</b>	<b>8 353</b>
Dħul ieħor (d)	2 257	1 160
Spejjeż oħra (e)	0	0
<b>Riżultat ekonomiku (f = c + d - e)</b>	<b>4 378</b>	<b>9 513</b>

Sors: Dejta ta' l-Aġenzija — Dawn it-tabelli jagħtu sommarju tad-dejta mogħtija mill -Aġenzija fil-kontijiet annwali.

Tabella 4

### Karta ta' bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005 u 2004

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Attiv</b>		
Attiv fiss	17 437	12 115
Riċevibbli	5 490	5 892
Kontijiet likwidi	29 934	35 010
<b>Total</b>	<b>52 861</b>	<b>53 017</b>
<b>Passiv</b>		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	23 280	13 767
Riżultat ekonomiku għas-sena	4 378	9 513
Passiv ta' skadenza qasira	25 203	29 737
<b>Total</b>	<b>52 861</b>	<b>53 017</b>

**IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZJA**

7. L-ammont għoli ta' flus miġjuba 'l quddiem bejn l-2004-2005 taħt it-Titolu 2 huwa dovut prinċipalment għall-programm ta' nfiq Telematiku, li jammonta għal 80 % ta' l-ammonti miġjuba 'l quddiem. L-ammonti ta' flus għat-Telematika miġjuba 'l quddiem kienu għolja minħabba li dan il-programm ikopri numru ta' proġetti wiesgħa u kumplessi pluriannwali li jestendu fuq l-UE kollha mill-2004 sa l-2005.

8. L-aċċess bis-sigurtà ġie korreġut u l-uffiċjali delegati li jagħtu l-awtorizzazzjonijiet ġew mogħtija istruzzjonijiet li huma għandhom jieħdu ħsieb jiffirmaw it-transazzjoni xierqa (PSI2) kif stipulat fid-deċiżjoni tad-delega u li huma għandhom jaġixxu bid-diliġenza mistennija minnhom f'dan ir-rigward.

9. L-infiq CSS għall-2006 ser ikun inkluż fil-baġit ta' l-EMEA fl-Ewwel Baġit ta' Emenda u l-ispejjeż ser jiġu mitluba li jitħallsu

mill-membri. Informazzjoni dwar l-attivitajiet CSS fl-2005 jin-sabu fin-nota nru 4 tal-Kontijiet ta' l-EMEA għall-2005.

10. Il-kompożizzjoni ta' kunitati ta' evalwazzjoni, sikwit komposti minn aktar minn tliet persuni, hija bbażata fuq il-prinċipju li l-offerti għandhom jiġu evalwati minn persuni li huma sew indipendenti kif ukoll li għandhom il-ħila xierqa. Fi kwalunkwe każ, minimu ta' tliet persuni jipparteċipaw fil-laqgħat u l-minuti ta' kull laqgħa jiġu mqassma għad-diskussjoni u l-approvazzjoni. Fil-futur, l-Aġenzija ser titlob sabiex il-minuti jkun fihom ġustifikazzjoni f'każ ta' assenza ta' membru.

11. Fl-2006, l-Aġenzija nidiet sejħa għall-offerti għal servizzi bankarji. Id-dewmien imsemmi mill-Qorti huwa dovut għall-fatt li f'dawn l-aħħar snin, is-sistema finanzjarja ta' l-Aġenzija ġiet reveduta b'mod totali u kien ikun ta' dannu għax-xogħol li kieku ġiet implimentata bidla ta' bank.

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni  
għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija****WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	19
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	19
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-11	19
Tabelli 1 sa 4 .....		21
<b>Ir-Risposti ta' l-Aġenzija</b> .....		<b>23</b>

## INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") ġiet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1628/96 <sup>(1)</sup>, kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2068/2004 <sup>(2)</sup>. Meta ġiet imwaqqfa fl-2000, l-Aġenzija kienet responsabbli mit-tmexxija tal-programmi ta' għajjnuna ta' l-Unjoni Ewropea fil-Kosovo. Aktar tard, il-mandat tagħha ġie estiż għas-Serbja u Montenegro u l-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Il-kwartieri ġenerali ta' l-Aġenzija qegħdin f'Thessaloniki, imma għandha ċentri ta' ħidma f'Belgrad, Podgorika, Pristina u Skopje. Hija timplimenta programmi bil-għan li jipromwovu l-bini ta' l-istituzzjonijiet u tmexxija tajba, isostnu l-iżvilupp ta' l-ekonomija tas-suq u l-infrastrutturi prinċipali u biex jikkonsolidaw is-soċjetà ċivili. Il-mandat tagħha huwa pjanat li jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2006 <sup>(3)</sup>.

2. *Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Informazzjoni prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji preparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2005, huma preżentati f'*Tabelli 2, 3 u 4*.

## DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(4)</sup>; hija ġiet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' Ċentru, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(5)</sup> ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 2667/2000 <sup>(6)</sup>, u mibgħuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika skond il-politika u l-istandards tagħha, li huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

<sup>(1)</sup> ĠU L 204, 14.8.1996, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 358, 3.12.2004, p. 2.

<sup>(3)</sup> Artikolu 1(4) tar-Regolament (KE) Nru 2068/2004.

<sup>(4)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(5)</sup> Dawn il-kontijiet ġew magħmula fil-11 ta' Lulju 2006 u rċevuti mill-Qorti fit-21 ta' Lulju 2006.

<sup>(6)</sup> ĠU L 306, 7.12.2000, p. 7.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

### **Affidabilità tal-kontijiet**

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

### **Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi**

Ħlief fil-każ imsemmi fil-paragrafu 9, it-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. Ir-rwol u l-kompiti ta' l-awditur intern mhumiex definiti biżżejjed u bosta drabi ma jaqblux mal-funzjonijiet relatati ma' din il-kariga <sup>(7)</sup>. Il-verifiki interni mwettqa fl-2005 ma sarux rapporti formali dwarhom għall-Amministrazzjoni.

8. Wara l-osservazzjonijiet imqajma mill-Qorti fir-rapporti annwali ta' l-2003 u l-2004, l-Aġenzija ħadet miżuri biex ittejjeb il-mod li bih jingħataw il-kuntratti. Dan irriżulta fi trasparenza akbar f'bosta oqsma; per eżempju, id-deċizzjonijiet importanti meħuda waqt il-proċeduri ta' evalwazzjoni li jeffettwaw l-għoti tal-kuntratti huma dokumentati b'mod aħjar. Dan tejjeb id-dixxiplina globali fir-rigward tal-proċeduri ta' evalwazzjoni u l-għoti tal-kuntratti.

9. Minkejja dak li ntqal hawn fuq, il-Qorti sabet diversi każi fejn ċerti anomaliji huma preżenti minħabba l-fatt li l-kriterji ta' l-għażla miżmuma mhumiex realistiċi minħabba li mhumiex adattati għall-ambjent li fihom topera l-Aġenzija.

10. Il-Qorti tfaħħar il-progress li sar fil-qasam tas-sejħiet għall-offerti u tinkoraġixxi lill-Aġenzija biex isaħħaħ l-isforzi tagħha biex tassigura li l-kuntratti mogħtija josservaw id-dispożizzjonijiet regolatorji kollha.

11. Fir-rapport tagħha ta' l-2004, f'evalwazzjoni ta' l-operazzjonijiet fdati lill-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo (MINUK), il-Qorti nnutat nuqqas ta' kontroll finanzjarju xieraq mill-Aġenzija fit-tweqqif tal-pagamenti u diffikultajiet serji fl-għeluq ta' l-operazzjonijiet, prinċipalment minħabba n-nuqqas ta' kontijiet adegwati għall-proġetti u ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-ispejjeż. Għalkemm fl-2005 l-Aġenzija għamlet

<sup>(7)</sup> L-awditur għandu l-kompiti li jagħti pariri lill-Bord Amministrattiv.

sforzi sinifikanti biex issolvi s-sitwazzjoni, il-problemi relatati ma' l-għeluq ta' l-operazzjonijiet baqgħu hemm. Il-verifiki mwettqa mill-kumpaniji tal-verifika privati fisem l-Aġenzija fuq numru ta' proġetti kkonfermaw li xi fondi għad iridu jiġu rkuprati

mingħand benefiċjarji, kwistjoni li l-Aġenzija għadha ma indirizzatx. Dawn il-problemi jistgħu jiġu solvuti jekk l-Aġenzija tassigura illi t-termini tal-ftehim applikabbli għall-ġestjoni ta' dawn il-fondi jkunu rrispettati <sup>(1)</sup>.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*

Hubert WEBER

*President*

---

<sup>(1)</sup> Ftehim strutturali finanzjarju u amministrattiv (29 ta' April 2003).

Tabella 1

## L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (Thessaloniki)

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja skond it-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/200005 ta' Diċembru 2000			Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija (2004)	Prodotti u servizzi provduti fl-2005
<p>Il-Komunità għandha twettaq, fl-isferi tal-kompetenzi tagħha, miżuri ta' koperazzjoni ekonomiċi, finanzjarji u tekniċi ma' pajjiżi terzi. Tali miżuri huma kumplementari ma' daww mweqqja mill-Istati Membri u konsistenti mal-politika ta' żvilupp tal-Komunità.</p> <p>(Artikolu 181a)</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <p>Tipprovdi assistenza ta' l-UE:</p> <p>i) għar-rikostruzzjoni u r-ripatrijazzjoni tar-refuġjati u persuni m'caqalqa minn pajjiżhom;</p> <p>ii) biex tippromwovi amministrazzjoni tajba, it-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet u l-liġi;</p> <p>iii) biex issostni l-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq u investimenti fl-infrastrutturi fiżiċi essenzjali u miżuri ambjentali;</p> <p>iv) biex issostni l-iżvilupp soċjali u ssaħħa is-soċjetà ċivili.</p>	<p><b>Xogħol imwettaq</b></p> <p>L-Aġenzija tmexxi programmi prinċipali ta' għajna fis-Serbja u Montenegro (Repubblika tas-Serbja, fil-Kosovo u r-Repubblika ta' Montenegro) u fl-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM). Benefiċjarji jistgħu jinkludu Stati, korpi taħt l-amministrazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, korpi federati reġjonali u lokali, korpi pubbliċi u parapubbliċi, l-imsieħba soċjali għas-sostenn ta' l-intrapriżi, iż-żewġ naħat ta' l-industrija, organizzazzjonijiet tas-sostenn tan-negozju, koperattivi, kumpaniji reċiproċi, assoċjazzjonijiet tal-karità, fondazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi.</p>	<p><b>Kompiti:</b></p> <p>— Tagħti pariri lill-Kummissjoni dwar każijiet urġenti;</p> <p>— Tfassal programmi għar-rikostruzzjoni u ripatrijazzjoni ta' refuġjati u persuni m'caqalqa minn pajjiżhom;</p> <p>— Tieħu l-miżuri kollha neċessarji biex timplimenta għajna Komunitarja.</p>	<p><b>1. Il-Bord Amministrattiv</b></p> <p>Jinkludi rappreżentant minn kull Stat Membru, żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni u osservatur tal-Bank Ewropew għall-Investment.</p> <p><b>2. Direttur</b></p> <p>Elett mill-Bord Amministrattiv fuq proposta tal-Kummissjoni.</p> <p><b>Ċentri ta' ħidma f'Belgrad, Pristina, Podgorika u Skopje</b> bi grad għoli ta' awtonomija fit-tmexxija.</p> <p><b>3. Kontroll estern</b></p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri.</p> <p><b>4. Awtorità t'approvazzjoni</b></p> <p>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p><b>Il-Baġit finali:</b></p> <p>307,5 miljun euro (374,6 miljun euro)</p> <p><b>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2005:</b></p> <p>114 (114) karigi AT mistennija skond it-tabella tal-persunal</p> <p>Karigi okkupati: 88 (88)</p> <p>Karigi oħra:</p> <p>Persunal lokali: 170 (195) kariga li minnhom 162 (173) kienu okkupati.</p> <p>Aġenti kontrattwali: 28 (0) kariga li minnhom 26 (0) huma okkupati.</p> <p><i>Total tal-persunal:</i> 276 (261)</p> <p>responsabbli minn</p> <p>Kompiti operattivi: 169 (184)</p> <p>Kompiti amministrattivi: 107* (77)</p> <p>* jinkludi l-persunal kollu fl-Amministrazzjoni, il-finanzi u fl-IT.</p>	<p><b>Skond iċ-ċentri ta' ħidma (żvilupp prinċipali):</b></p> <p><b>KOSOVO:</b> a) Għotjiet għall-bidu, self, taħriġ u pariri dwar in-negozju għall-intrapriżi żgħar; b) Assistenza għall-persuni vulnerabbli, inklużi minoranzi u persuni li ġew ripatrijati; c) Għestjoni tas-self provduti qabel minn skemi ta' kreditu EAR; d) Reabilitazzjoni tas-substation tas-sħana f'Mitrovika; e) Ftuħ mill-ġdid ta' sitt pontijiet bejn Pristina u l-fruntiera ma' l-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; f) Sostenn fl-oqsam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni u r-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika.</p> <p><b>SERBIA:</b> a) Abbozzi tal-liġijiet dwar ir-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika; b) Forniment ta' tagħmir lill-pulizija tal-fruntiera; c) Reabilitazzjoni u forniment ta' tagħmir lill-qradi; d) Programm ta' reabilitazzjoni ta' l-isptarijiet; e) Ħolqien ta' impjiegi ġodda permezz tas-self mill-Fond ta' Kreditu li Jiġġedded; f) Sostenn għat-taħriġ ta' l-intrapriżi; g) Ċentri reġjonali ta' taħriġ għall-adulti; h) Konklużjoni tar-reabilitazzjoni tal-pont Sloboda (Danubju, Novi Sad) u l-fruntiera Horgos ma' l-Ungerija; i) rinovazzjoni ta' l-infrastrutturi municijali; j) Riforma ta' l-uffiċċju ta' l-istatistika; k) Sostenn għall-għestjoni ta' l-investimenti dirett barrani; l) Sostenn għall-miżuri attivi ta' xogħol biex jipproteġu l-impjieg u jnaqqsu l-qgħad; m) Sostenn ta' l-attivitatiet għall-integrazzjoni Ewropea; n) Sostenn għall-gruppi vulnerabbli bħar-refuġjati u refuġjati interni.</p> <p><b>MONTENEGRO:</b> a) Kompletazzjoni tal-master plan għall-immaniġjar ta' l-iskart; b) Kompletazzjoni tal-fruntiera mal-Kroazja fil-qafas ta' l-assistenza mal-maniġment integrat tal-fruntieri; c) Database ta' l-IT ċentrali għall-Ministeru ta' l-Intern; d) Aġenzija għall-Għestjoni tar-Riżorsi Umani, ċentri reġjonali għall-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ; e) Direttorat Ġdid tat-Toroq u l-liġijiet tat-Trasport; f) Tqassim/ristrutturazzjoni ta' l-intrapriżi pubbliċi ta' l-elettriku, strateġija ta' l-enerġija effiċjenti.</p> <p><b>EX-REPUBBLIKA JUGOSLAVA TAL-MAĊEDONJA:</b> a) Assistenza fit-tisħiħ u l-ħolqien ta' istituzzjonijiet ġodda ta' l-amministrazzjoni pubblika (funzjoni tal-verifika interna, Aġenzija tal-Protezzjoni tad-Dejta); b) Riforma tal-pulizija; c) Tisħiħ tas-servizzi veterinarji u fitosanitarji; d) Assistenza bid-deċentralizzazzjoni tal-kompetenzi lill-muniċipalitajiet; e) Titjib ta' l-infrastruttura municijali; f) Taħriġ ta' l-uffiċjali ċivili, prinċipalment Albaniżi, sabiex isiru uffiċjali pubbliċi; g) Impjiegi ġodda maħluqa u impjiegi preservati permezz ta' self lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju mill-Fond ta' Kreditu li Jiġġedded.</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija

# L-AĠENZJA EWROPEA GĦAR-RIKOSTRUZZJONI

Tabella 2

## Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Infiq											
Sors tad-dħul	Dħul imniżżel fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur	Allokazzjoni tan-nefqa	Approprijazzjonijiet disponibbli						Approprijazzjonijiet trasferiti 'il quddiem mis-sinjor finanzjarji preċedenti				
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti 'il quddiem	annullati	Bilanċ għall-impenji	Impenji trasferiti 'il quddiem	imħallsa	annullati	impenji pendenti	
Sussidji Komunitarji	306 200	97 800	Titolu I Persunal	18 481	17 155	16 660	495	1 360	—	317	283	34	—	
Sussidji oħra u fondi ta' kontraparti	0	1 637	Titolu II Amministrazzjoni	6 831	5 299	4 799	500	1 532	—	1 073	1 011	62	—	
Bilanċ tal-fondi	1 312	1 312	Titolu III Attivitajiet operattivi	282 200	78 551	18 879	59 672	0	203 649	345 342	186 474	13 307	145 561	
Dħul ieħor (użat mill-ġdid)	p.m.	617	Sub-total	307 512	101 005	40 338	60 667	2 892	203 649	346 732	187 768	13 403	145 561	
			Approprijazzjonijiet trasferiti 'il quddiem mill-2004	309 139	143 049	34 040	166 090	4 749	170 838	0	0	0	0	
<b>Total</b>	<b>307 512</b>	<b>101 366</b>	<b>Total</b>	<b>616 651</b>	<b>244 054</b>	<b>74 378</b>	<b>226 757</b>	<b>7 641</b>	<b>374 487</b>	<b>346 732</b>	<b>187 768</b>	<b>13 403</b>	<b>145 561</b>	

Tabella 3

## Kont tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2005 <sup>(1)</sup>

(1 000 euro)

	2005
<b>Dħul operattiv</b>	
Sussidji komunitarji	261 009
Sussidji/dħul ieħor	1 832
<b>Total (a)</b>	<b>262 841</b>
<b>Nefqa operattiva</b>	
Persunal	15 727
Amministrazzjoni	7 212
Attivitajiet operattivi	243 442
<b>Total (b)</b>	<b>266 381</b>
<b>Riżultat ekonomiku (c = a - b)</b>	<b>- 3 540</b>

<sup>(1)</sup> Id-dejta għas-sena finanzjarja 2004 ma ġitx ippreżentata peress li mhix komparabbli ma dik ta' l-2005 minħabba bidla fil-metodu ta' kontabilità wżat.

Tabella 4

## Karta ta' bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005 u 2004 <sup>(1)</sup>

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Attiv</b>		
Attiv fiss	1 276	1 652
Attiv ta' skadenza twila	40 002	61 619
Riċevibbli	164 859	118 118
Attiv likwidu	57 917	223 860
<b>Total</b>	<b>264 054</b>	<b>405 249</b>
<b>Passiv</b>		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	166 840	166 840
Riżultat ekonomiku tas-sena finanzjarja	- 3 540	0
Avvanzi mill-Kummissjoni	74 169	205 933
Passiv ta' skadenza qasira	26 585	32 476
<b>Total</b>	<b>260 054</b>	<b>405 249</b>

<sup>(1)</sup> Id-dejta għas-sena finanzjarja 2004 ġiet iddikjarata mill-ġdid biex tkun tista tiġi mqabbla ma' dik ta l-2005.

Sors: Dejta ta' l-Aġenzija — Dawn it-tabelli jagħtu sommarju tad-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha.



**IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZIJA**

7. L-Aġenzija kienet pijuniera fit-twaqqif ta' Kapaċità ta' Verifika Interna, li hija funzjoni li għadha lanqas teżisti f'ħafna mill-Aġenziji. Ir-rwol u r-responsabbiltajiet (skond Artikolu 38.4 tar-Regolament Bażiku) jimxu fuq l-evoluzzjoni ta' l-approċċ tal-Kummissjoni fir-rigward ta' dan. Il-qafas regolatorju l-ġdid se jwassal sabiex dan ix-xogħol jiġi iktar formalizzat. Madanakollu din il-funzjoni għenet sabiex jittejjbu l-kontrolli interni fi ħdan l-Aġenzija.

8. L-Aġenzija tapprezza r-rikonnoximent ta' dan it-titjib.

9. Il-kriterji ta' selezzjoni qegħdin jiġu dejjem iktar irfinati u dawn qed jiġu implimentati b'mod kontinwu sabiex jinkisbu kriterji realistiċi u li jistgħu jiġu verifikati b'mod konsistenti. Dan jgħin ukoll sabiex min jitfa' l-offerti jkun jista' jippreżenta

proposti adegwati li jkunu jirriflettu kemm jista' jkun l-eżiġenzi mitluba.

11. Meta d-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Ftehim Amministrattiv u Finanzjarju ta' Qafas bejn il-KE u l-Ġnus Magħquda (UN) kif ukoll is-sitwazzjoni amministrattiva fuq il-post kienu jippermettu, l-Aġenzija mxiet b'mod iktar strett li ħafna drabi wassal sabiex kellha tiċħad jew tittardja pagamenti meta ma jkunx hemm ġustifikazzjoni adegwata jew prova ta' l-infiq. Ir-Rapporti ta' Verifika saru obbligatorji, u l-UNMIK (Missjoni tal-Ġnus Magħquda fil-Kosovo) u partijiet oħra tal-Ġnus Magħquda kkunċernati huma mfakkra li l-pagamenti finali fuq proġetti mwettqa se jsiru biss għall-ammont li jiġi ċċertifikat minn verifika esterna valida. Ġie mniedi l-proċess ta' rkupru għal daww il-fondi avanzati li ma ġewx użati skond id-dispożizzjonijiet tal-ftehim rilevanti għal għajnuna finanzjarja.

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa  
fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti  
ta' l-Aġenzija****WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	25
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	25
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-10	25
Tabelli 1 sa 4 .....		27
<b>Ir-Risposti ta' l-Aġenzija .....</b>		<b>29</b>

## INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Aġenzija) għet stabbilita permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 <sup>(1)</sup>. Il-kompiti ta' l-Aġenzija huma li tiġbor u tqassam informazzjoni dwar il-prijoritajiet nazzjonali u Komunitarji fil-qasam tas-sigurtà u saħħa fuq il-post tax-xogħol, li ssostni organizzazzjonijiet nazzjonali u komunitarji involuti fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u li tiprovdli informazzjoni dwar miżuri preventivi.

2. It-Tabella 1 tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Informazzjoni prinċipali mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjara 2005 hija preżentata f'Tabelli 2, 3 u 4.

## DIKJARAZZJONI T'ASIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 <sup>(2)</sup>; hija għet magħmula wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif mitlub mill-Artikolu 248 tat-Trattat li waqqaf il-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(3)</sup> ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 2062/94, u mib-ghuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika skond il-politika u l-istandards tagħha, li huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika għet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

<sup>(1)</sup> ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1. Ir-Regolament ġie emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1112/2005 ta' l-24 ta' Ġunju 2005, (ĠU L 184, 15.7.2005, p. 5).

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> Dawn il-kontijiet ġew magħmula fid-29 ta' Ġunju 2006 u rċevuti mill-Qorti fl-4 ta' Lulju 2006.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

### **Affidabilità tal-kontijiet**

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

### **Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi**

Il-tranżazzjonijiet fil-baży tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni l-opinjoni tal-Qorti.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. Ir-rata ta' impenji għall-approprijazzjonijiet imdaħħla fil-baży għas-sena finanzjarja 2005 kienet aktar minn 90 %. Min-kejja dan, ir-rata ta' trasferimenti baqgħet għolja għan-nefqa operattiva (Titolu III), 30 %, waqt li r-rata ta' annullamenti għall-approprijazzjonijiet trasferiti, hija qrib il-15 %. Tali sitwazzjoni għandha ġġiegħel lill-Aġenzija ttejjeb l-ipprogrammar tagħha u timxi miegħu b'mod aktar strett. Il-ġestjoni tal-baży turi numru għoli ta' trasferimenti ta' approprijazzjonijiet bejn il-linji tal-baży. Id-dokumentazzjoni ta' sostenn għal dawn it-trasferimenti hija inadegwata. Barra dan, ma twaqqaf ebda mekkaniżmu ta' kontroll biex jiċċekkja li r-regoli u limiti applikabbli għat-trasferimenti jiġu osservati.

8. L-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll intern ma kinitx għadha ntemmet fl-2005. Il-Bord Amministrattiv ma adotta ebda standards ta' kontroll intern. Il-kwestjonarji użati għall-verifikazzjoni *ex ante* ta' impenji u pagamenti ma jkopru l-aspetti operattivi. M'hemmxi analiżi ta' riskju u m'hemm ebda listi ta' kontrolli biex jgħinu lill-uffiċjali li jawtorizzaw u l-persunal li jwettaq il-kontrolli operattivi.

9. Id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' l-implimentazzjoni li jikkonċernaw ir-reklutaġġ tal-persunal għall-Aġenzija ma jispesifikaw il-kriterji u l-formalitajiet li għandhom jiġu osservati fil-varji fażijiet ta' l-għażla tal-kandidati. Evalwazzjoni ta' proċedura waħda ta' reklutaġġ uriet li l-għażliet li saru ma ġewx dokumentati b'mod xieraq (rapport ta' sommarju finali biss ġie preparat u ffirmat mill-membri tal-bord ta' l-għażla). Deċiżjonijiet meħuda f'dan il-qasam għandhom ikunu dokumentati b'mod rigoruż sabiex jiżguraw trasparenza u imparzjalità tad-deċiżjonijiet li jitteħdu.

10. L-eżaminazzjoni mill-Qorti tal-proċeduri ta' xiri pubbliku wriet li ta' spiss ma ingħatat ebda evidenza ta' sostenn dwar l-analiżi tal-kwalità ta' l-offerti mill-kumitat għall-evalwazzjoni ta' l-offerti. Barra dan, ir-rapporti ta' evalwazzjoni huma ffirmati biss mill-uffiċjal li jawtorizza responsabbli u mhux mill-membri

kollha tal-kumitat għall-evalwazzjoni ta' l-offerti. Sabiex il-prinċipju ta' trasparenza jkun osservat, deċiżjonijiet meħuda matul il-proċedura ta' l-għoti ta' l-offerti għandhom ikun dokumentati b'mod rigoruż.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*  
Hubert WEBER  
*President*

Tabella 1

## L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (Bilbao)

Oqsma ta' kompetenzi Komunitarji skond it-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija hekk kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (Regolament (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 hekk kif emedat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1112/2005 ta' l-24 ta' Ġunju 2005)	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija 2005 (2004)	Prodotti u servizzi provduti	
<p><b>Dispożizzjonijiet Soċjali</b></p> <p>Il-Komunità u l-Istati Membri(...) għandhom ikollhom bħala mira (...) titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, sabiex jagħmlu possibbli l-armonizzazzjoni tagħhom waqt li jitkompla t-titjib.</p> <p>Bl-iskop li jintlaħqu l-objettivi ta' l-Artikolu 136, il-Komunità għandha ssostni u tikkomplimenta l-attivitajiet ta' l-Istati Membri f'dawn l-oqsma li ġejjin: (a) titjib partikolarment fl-ambjent tax-xogħol biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema; (b) il-kundizzjonijiet tax-xogħol; (...)</p> <p>(Siltiet minn Artikoli 136 u 137 tat-Trattat)</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <p>Sabiex ikun imtejjeb l-ambjent tax-xogħol, f'dak li jirrigwardja l-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema skond it-trattat u strateġiji Komunitarji suċċessivi u programmi ta' azzjoni li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, l-għan ta' l-Aġenzija għandu jkun biex tipprovdi lill-korpi tal-Komunità, lill-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u dawk involuti f'dan il-qasam bl-informazzjoni teknika, xjentifika u ekonomika fil-qasam tas-sigurtà u saħħa fuq il-post tax-xogħol.</p>	<p><b>Kompiti</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Tiġbor, tanalizza u tqas-sam informazzjoni dwar prijoritajiet nazzjonali u komunitarji u dwar ir-riċerka.</li> <li>— Tippromwovi l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' l-informazzjoni, inkluża l-informazzjoni dwar il-programmi ta' taħriġ.</li> <li>— Tipprovdi lill-korpi tal-Komunità u lill-Istati Membri bl-informazzjoni li jeh-tieġu sabiex jifformulaw u jimplimentaw politiki, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam ma' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.</li> <li>— Tagħmel disponibbli informazzjoni dwar attivitajiet preventivi.</li> <li>— Tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' strateġiji u programmi ta' azzjoni Komunitarja.</li> <li>— Tistabilixxi netwerk li jinkludi focal points nazzjonali u topic centres.</li> </ul>	<p><b>1. Bord Governattiv</b></p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— rappreżentant wieħed tal-Gvern ta' kull Stat Membru.</li> <li>— rappreżentant wieħed ta' l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem ta' kull Stat Membru.</li> <li>— rappreżentant wieħed ta' l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema ta' kull Stat Membru.</li> <li>— tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni.</li> </ul> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Jadotta l-programm ta' xogħol ta' l-Aġenzija u r-rapport ġenerali annwali.</p> <p><b>2. Direttur</b></p> <p>Appuntat mill-Bord Governattiv fuq proposta tal-Kummissjoni.</p> <p><b>3. Kumitati</b></p> <p>Konsultazzjoni obligatorja tal-Kummissjoni u tal-Kumitat tal-Pariri dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol fir-rigward tal-programm ta' xogħol.</p> <p><b>4. Verifika esterna</b></p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri.</p> <p><b>5. Awtorità t'Approvazzjoni</b></p> <p>Il-Parlament fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p><b>Baġit finali 2005</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— 13,7 miljun euro (10,7 miljun euro)</li> </ul> <p>jinkludi:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— sussidji komunitarji, DĠ għall-Impjeggi: 96 % (98 %)</li> <li>— sussidji komunitarji, DĠ għat-Tkabbir: 3 % (0 %)</li> </ul> <p><b>Persunal fil-31 ta' Diċembru:</b></p> <p>40 (38) kariga fil-pjan ta' twaqqif</p> <p>minn liema, karigi okkupati: 32 (29)</p> <p>20 (22) kariga (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali ssekondati, persunal lokali u persunal ta' l-aġenzija ta' l-impjeggi).</p> <p><i>Total tal-persunal:</i> 52 (51)</p> <p>assenjati fuq</p> <p>kompiti operattivi: 35 (34)</p> <p>kompiti amministrattivi: 9 (9)</p> <p>kompiti varji: 8 (8)</p>	<p><b>Il-bini tar-rabtiet — Networking</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Aktar żvilupp fil-focal point network (implimentazzjoni tan-netwerk tat-2 ġenerazzjoni)</li> <li>— Bini tal-kapaċita istituzzjonali fil-Pajjiżi Kandidati (programm PHARE)</li> </ul> <p><b>Komunikazzjoni ta' l-informazzjoni:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Kampanja tal-Ġimgħa Ewropea 2005 dwar il-Ħsejjes li spiċċat b'summit Ewropew f'Bilbao.</li> <li>— Servizz ta' informazzjoni web-based tattietet ġenerazzjoni dwar is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol.</li> <li>— Twaqqif ta' portal globali dwar is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol.</li> <li>— Programm ta' kampanja mmirat għall-UE-10.</li> </ul> <p><b>L-iżvilupp tat-tagħrif</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Prodotti ta' informazzjoni għall-Kampanja ta' Ġimgħa nazzjonali u Ewropej 2005 (dwar il-Ħsejjes) u 2006 (dwar iż-Żaġhżagħ).</li> <li>— Prodotti ta' informazzjoni dwar prattika tajba fl-agrikoltura.</li> <li>— Prodotti ta' informazzjoni għaċ-Ċentru tar-riskji (per eżempju, rapporti fuq il-ħsejjes, MSD u l-istress, informazzjoni fuq l-internet dwar il-kostruzzjoni u l-agrikoltura, fost suġġetti oħra; identifikazzjoni ta' riskji emerġenti bijoloġiċi u kimiċi).</li> </ul>

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SIGURTÀ U S-SAĦĦA FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

Tabella 2

Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Infiq													
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet tal-baġit finali					Appropriazzjonijiet trasferiti 'il quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti			Appropriazzjonijiet għas-sena finanzjarja u trasferiti 'il quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti				
				finali	impenjati	imħallsa	trasferiti 'il quddiem	annullati	disponibbli	imħallsa	annullati	disponibbli	impenjati	imħallsa	trasferiti 'il quddiem	annullati
Sussidji komunitarji	13 200	12 208	Titolu I Persunal	4 579	3 796	3 435	75	1 069	60	42	18	4 639	3 856	3 477	75	1 087
Phare	358	340	Titolu II Amministrazzjoni	1 501	1 406	1 052	331	118	248	187	61	1 749	1 654	1 239	331	179
Dħul ieħor	180	217	Titolu III Attivitajiet operattivi	7 300	7 090	4 589	2 213	498	2 549	2 224	325	9 849	9 639	6 813	2 213	823
			Phare	358	172	133	225	—	0	0	—	358	172	133	225	—
<b>Total</b>	<b>13 738</b>	<b>12 765</b>	<b>Total</b>	<b>13 738</b>	<b>12 464</b>	<b>9 209</b>	<b>2 844</b>	<b>1 685</b>	<b>2 857</b>	<b>2 453</b>	<b>404</b>	<b>16 595</b>	<b>15 321</b>	<b>11 662</b>	<b>2 844</b>	<b>2 089</b>

Tabella 3

Kont tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2005 <sup>(1)</sup>

(1 000 euro)

	2005
<b>Dħul operattiv</b>	
Sussidji komunitarji	13 673
Sussidji/dħul ieħor	92
<b>Total (a)</b>	<b>13 765</b>
<b>Spejjeż operattivi</b>	
Persunal	3 312
Amministrazzjoni	1 679
Attivitajiet operattivi	8 584
<b>Total (b)</b>	<b>13 575</b>
<b>Riżultat operattiv (c = a - b)</b>	<b>190</b>
Dħul ieħor (d)	0
Spejjeż oħra (e)	7
<b>Riżultat ekonomiku (f = c + d - e)</b>	<b>183</b>

<sup>(1)</sup> Id-dejta għas-sena finanzjarja 2004 mhix murija minħabba li mhix komparabbli mad-dejta ta' l-2005 minħabba l-bidla fil-prinċipji tal-kontabilità applikati.

Tabella 4

Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005 u 2004 <sup>(1)</sup>

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Attiv</b>		
Attiv fiss	339	325
Riċevibbli	596	426
Likwidità	3 392	3 117
<b>Total</b>	<b>4 327</b>	<b>3 868</b>
<b>Passiv</b>		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	1 637	1 637
Riżultat ekonomiku għas-sena	183	0
Passiv ta' skadenza qasira	2 507	2 231
<b>Total</b>	<b>4 327</b>	<b>3 868</b>

<sup>(1)</sup> Id-dejta għas-sena finanzjarja 2004 ġiet iddikjarata mill-ġdid biex tkun komparabbli ma' dik ta' l-2005.

Sors: Dejta ta' l-Aġenzija. Dawn it-tabelli jagħtu sommarji tad-dejta provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha.

**IT-TWEĠBIET TA' L-AĠENZJA**

7. L-Aġenzja tinsab bħalissa fil-proċess fejn qed itejjeb il-ġestjoni finanzjarja tagħha. Ir-rata globali ta' trasferimenti mig-juba l quddiem mis-sena preċedenti naqqset minn 27 % fl-2004 għal 20 % fl-2005 u l-annulament ta' dawn it-trasferimenti ġie mnaqqas minn kważi 900 000 EUR fl-2004 għal 400 000 EUR fl-2005. L-Aġenzja qed tieħu miżuri sabiex ittejjeb il-ġestjoni tagħha tal-baġit fir-rigward tat-trasferiment ta' l-appropriazzjonijiet.

8. F'Marzu ta' l-2006 ġew adottati Standards ta' Verifika Interna mill-Bord Governattiv. Kull unità qed tagħmel verifika operazzjonali tat-transazzjonijiet skond in-natura ta'

l-operazzjoni. Din il-proċedura se tiġi formalizzata. L-Aġenzja qed tiżviluppa approċċ sistematiku għall-analiżi tar-riskju.

9. Għal kull kompetizzjoni, il-kriterji għall-ewwel selezzjoni tal-kandidati li għandhom jiġu intervistati jiġu maqbula minn Kumitat ta' Selezzjoni nnominat mid-Direttur. Madanakollu, l-Aġenzja qed tieħu miżuri sabiex ittejjeb id-dokumentazzjoni tal-proċessi ta' analiżi.

10. L-Aġenzja qed tieħu miżuri sabiex ittejjeb id-dokumentazzjoni tal-proċessi ta' l-għotja ta' kuntratti.

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima  
għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija****WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	31
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	31
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-12	31
Tabelli 1 sa 4 .....		33
<b>Ir-Risposti ta' l-Aġenzija</b> .....		<b>35</b>



## INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Aġenzija) kienet imwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 <sup>(1)</sup>. Il-kompiti ta' l-Aġenzija huma li tassigura livell għoli ta' sigurtà marittima u prevenzjoni tat-triġġiz mill-bastimenti, biex tippovdi lill-Kummissjoni u l-Istati Membri b'assistenza teknika, biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni Kumunitarja u biex tevalwa l-effettività tagħha.

2. It-Tabella 1 tagħti sommorju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Informazzjoni finanzjarja prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparata mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2005 hija preżentata fit-Tabelli 2, 3 u 4.

## DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002 <sup>(2)</sup>; hija ġiet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(3)</sup> ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, u mib-ghuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika skond il-politika u l-istandards tagħha, li huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

<sup>(1)</sup> ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> Dawn il-kontijiet ġew magħmula fis-16 ta' Ġunju 2006 u rċevuti mill-Qorti fit-3 ta' Lulju 2006.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

### **Affidabilità tal-kontijiet**

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

### **Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi**

It-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni l-opinjoni tal-Qorti.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. L-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005 kienet milquta minn dewmien osservat fir-reklutaġġ tal-persunal, kif muri mir-rata ta' impenji ta' inqas minn żewġ terzi ta' l-appropriazzjonijiet ibbaġitjati taħt it-Titolu I (nefqa tal-persunal). Din is-sitwazzjoni kellha riperkussjonijiet fuq l-utilizzazzjoni ta' l-appropriazzjonijiet għan-nefqa amministrattiva (Titolu II, b'żewġ terzi ta' appropriazzjonijiet impenjati) u, b'mod partikolari, fuq l-utilizzazzjoni ta' l-appropriazzjonijiet għall-attivitajiet operattivi (Titolu III), b'rata ta' pagament ta' 33 % biss.

8. Il-Qorti tinnota li t-tmexxija bbażata fuq l-attività ma ġietx introdotta, għalkemm ir-regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija għamel dispożizzjoni għal din l-introduzzjoni, fuq il-mudell li kien applikat għall-baġit ġenerali bil-ħsieb li jissorvelja aħjar l-eżekuzzjoni. F'dan il-kuntest, li jinkisbu l-miri ta' l-Aġenzija ma għandhux ifisser biss li jitwettqu serje ta' kompiti. Għandha pjuttost tkun evalwata fit-termini ta' kontribuzzjoni għall-iskopijiet imniżżla fir-Regolament bażiku ta' l-Aġenzija. Il-programm ta' xogħol ta' l-Aġenzija għandu, fil-prinċipju, jesprimi din il-kontribuzzjoni f'termini operattivi u miżurabbli.

9. Is-sistema ta' kontabilità kompjuterizzata għall-kontijiet ġenerali tippermetti bidliet diretti biex isiru għar-rekords tal-kontabilità mingħajr dħul korrettiv fil-ġurnal. Din is-sitwazzjoni tinvolvi riskji mill-punt ta' l-integrità tal-kontijiet u għandha tiġi rettifikata mill-aktar fis possibbli. Barra dan, ir-reġistru tal-passiv li jridu jiddaħlu fil-karta ta' bilanċ għandhom jiġu ċċekkjati b'aktar attenzjoni: huma attwalment smati aktar mill-inqas b'92 000 euro (jiġifieri, madwar 10 % tal-passiv attwali) li jikkorrispondu għal oġġetti u servizzi li għadhom ma ġewx riċevuti fil-31 ta' Diċembru 2005.

10. Id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet, pre-rekwiżit għal sistema valida ta' kontroll intern, turi ċerti nuqqasijiet. Fajls li jirrelataw ma' impenji u pagamenti huma ħafna drabi inkompleti jew konfużi, li jagħmlu t-tranżazzjonijiet diffiċli biex jiġu traċċati. Huwa diffiċli wkoll biex jiġu monitorjati kuntratti li għamlet l-Aġenzija. L-Infurmazzjoni hija mxerrda fuq diversi listi. Huwa diffiċli li jiġi aċċertat in-numru totali ta' kuntratti konklużi matul is-sena finanzjarja u n-numru ta' kuntratti fis-seħħ. Is-sistema ta' kontroll għandha tiġi msaħħa, l-ewwel bl-adozzjoni ta' standards minimi għall-proċeduri amministrattivi u kontroll, inkluża n-natura u l-organizzazzjoni tad-dejta.

11. Klawsoli tal-kuntratt li jipprovdu għal pre-finanzjament mhumiex standardizzati fir-rigward tad-dispożizzjoni tal-garanziji bankarji. B'hekk, għal erba' kuntratti għal somom bejn

wieħed u ieħor ekwivalenti, garanzija hija meħtieġa f'żewġ każijiet imma mhux fit-tnejn l-oħra. F'żewġ każijiet, barra dan, il-pagamenti bil-quddiem provduti għalihom saru, għalkemm il-garanziji kienu invalidi.

12. Hemm diversi nuqqasijiet fit-tmexxija ta' l-akkwist pubbliku. Għal kuntratt minnhom magħmul minn diversi partijiet, il-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni ta' l-offerta ma kinitx konformi mar-rekwiżiti <sup>(1)</sup>. Ma dan, il-fajl ta' l-għotja ta' parti minn kuntratt, ipprovda dokumentazzjoni inkompleta <sup>(2)</sup>.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*  
Hubert WEBER  
*President*

---

<sup>(1)</sup> Il-kumitat ta' evalwazzjoni ta' l-offerta kien jikkonsisti minn membri ta' l-istess unità, għalkemm id-dispożizzjonijiet applikabbli stabbiliti jipprovdu li għal inqas żewġ entitajiet organizzattivi għandhom ikunu rappreżentati fuq il-kumitat ta' evalwazzjoni ta' l-offerta.

<sup>(2)</sup> Fir-rigward tal-parti 3, l-intrapriża magħżula ma sottomettietx evidenza dokumentarja tal-kapaċità teknika biex twettaq il-kompi meħtieġa.

Tabella 1

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (kwartieri ġenerali temporanji fi Brussell, rilokazzjoni pjanata f'Liżbona)

Oqsma ta' kompetenzi komunitarji stipulati fit-Trattat	Kompetenza ta' l-Aġenzija kif definita fir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 kif emendat mir-Regolamenti (KE) Nru 1644/2003 tat- 22 ta' Lulju 2003 u Nru 724/2004 tal-31 ta' Marzu 2004		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija (2004)	Prodotti u servizzi provduti 2005
<p><b>Politika komuni tat-trasport</b></p> <p>"Il-Kunsill jista', billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jid-deċiedi jekk, safejn u b'liema proċedura, dispożizzjonijiet jistgħu jiġu adottati għat-trasport bil-baħar u bl-ajru".</p> <p>(Artikolu 80 tat-Trattat)</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Biex tassigura livell uniformi u effettiv ta' sigurtà marittima u prevenzjoni tat-tniġġiż mill-bastimenti.</li> <li>— Biex tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni b'assistenza teknika u xjentifika.</li> <li>— Biex timmonitorja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam u tevalwa l-effettività tal-miżuri stabbiliti.</li> <li>— Biex tintroduċi metodi operattivi għall-ġlieda kontra t-tniġġiż fl-ibħra Ewropej.</li> </ul>	<p><b>Kompiti</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Biex tassisti lill-Kummissjoni fil-preparazzjoni ta' leġiżlazzjoni Komunitarja u fl-implimentazzjoni tagħha;</li> <li>— Biex timmonitorja l-ħidma ġenerali tar-reġim ta' kontroll ta' l-Istat tal-port Komunitarju, li jista' jinkludi żjarat lill-Istati Membri;</li> <li>— Biex tipprovdi assistenza teknika għall-port ta' kontroll ta' l-Istat tal-bastimenti;</li> <li>— Biex taħdem ma' l-Istati membri fuq l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tekniċi u biex tipprovdi assistenza teknika relatati ma' l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni Komunitarja;</li> <li>— Biex tippromwovi koperazzjoni bejn Stati riparat-ori fiż-żoni kkonċernati tal-bastimenti;</li> <li>— Biex tiżviluppa u topera kull sistema neċessarja;</li> <li>— Biex tiffaċilita l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' metodoloġija komuni għall-investigament ta' inċidenti marittimi;</li> <li>— Biex tipprovdi lill-Kummissjoni u l-Istati Membri b'informazzjoni affidabbli dwar is-sigurtà marittima u dwar it-tniġġiż mill-bastimenti;</li> <li>— Biex tassisti lill-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-identifikazzjoni u fl-insewiment ta' bastimenti li jarmu skart b'mod illegali;</li> <li>— Biex timmonitorja s-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni rikonoxxuti mill-UE u biex toħroġ rapporti korrispondenti lill-Kummissjoni;</li> <li>— Biex tassisti lill-Kummissjoni bil-kontribut għal u l-implimentazzjoni tal-kompiti relatati mad-Direttiva dwar it-tagħmir tal-baħar;</li> <li>— Biex tipprovdi lill-Kummissjoni b'dejta dwar l-introduzzjoni tad-Direttiva dwar faċilitajiet ta' għbir għall-iskart tal-bastimenti fil-portijiet Ewropej.</li> </ul>	<p><b>1. Il-Bord Amministrattiv</b></p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru, erbgħa rappreżentanti tal-Kummissjoni, mingħajr id-dritt li jivvutaw, mis-setturi professjonali kkonċernati.</p> <p><i>Kompiti</i></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Biex jadotta l-baġit u l-programm ta' xogħol.</li> <li>— Biex jeżamina t-talbiet mill-Istati Membri għall-assistenza.</li> </ul> <p><b>2. Id-Direttur Eżekuttiv</b></p> <p>Maħtur mill-Bord Amministrattiv fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p><b>3. Verifika esterna</b></p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p><b>4. Awtorità t'Approvazzjoni</b></p> <p>Il-Parlament fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill</p>	<p><b>Baġit finali għall-2005:</b></p> <p>35,3 miljun euro</p> <p>(13,3 miljun euro) Kontribuzzjoni komunitarja: 100 % (100 %)</p> <p><b>Persunal totali fil-31 ta' Diċembru 2005:</b></p> <p>95 (55) karigi fil-pjan ta' twaqqif</p> <p>Nru ta' karigi okkupati: 80 (34)</p> <p>+ 20 (9) karigi oħra (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali sekondati, persunal mill-aġenzija ta' l-impjeggi)</p> <p>Total tal-persunal: 100 (43)</p> <p>assenjati għad-doveri segwenti:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— kompiti operattivi: 65 (27)</li> <li>— kompiti amministrattivi: 27 (13)</li> <li>— kompiti varji: 8 (3)</li> </ul>	<p>Numru ta' speċifikazzjonijiet u dokumenti ta' linji gwida: 29</p> <p>Spezzjonijiet/-Verifiki: 40</p> <p>Investigazzjonijiet: 10</p> <p>Seminarji: 22</p>

Sors Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija

AĠENZJA EWROPEA GĦAS-SIGURTÀ MARITTIMA

Tabella 2

mplimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Infiq													
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni ta' l-infiq	Approprijazzjonijiet tal-baġit finali għas-sena finanzjarja					Approprijazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti			Approprijazzjonijiet disponibbli (approprijazzjonijiet għas-sena finanzjarja u approprijazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti)				
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	disponibbli	imħallsa	annullati	disponibbli	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati
Sussidji komunitarji	35 360	16 060	Titolu I Persunal (NDA)	9 788	6 224	6 063	161	3 564	143	62	81	9 931	6 366	6 124	161	3 645
Dħul ieħor	0	8	Titolu II Amministrazzjoni (NDA)	2 898	1 939	1 598	333	967	684	640	44	3 582	2 623	2 237	333	1 011
			Titolu III Attivitajiet operattivi (DA)													
			CA	22 674	21 551	0	0	1 124				22 674	21 551	0	0	1 124
			PA	22 674	0	7 515	0	15 159				22 674	0	7 515	0	15 159
<b>Total</b>	<b>35 360</b>	<b>16 068</b>	<b>Total CA</b>	<b>35 360</b>	<b>29 714</b>	<b>0</b>	<b>494</b>	<b>5 655</b>	<b>827</b>	<b>702</b>	<b>125</b>	<b>36 187</b>	<b>30 540</b>		<b>494</b>	<b>5 780</b>
			<b>Total PA</b>	<b>35 360</b>	<b>0</b>	<b>15 176</b>	<b>494</b>	<b>19 690</b>	<b>827</b>	<b>702</b>	<b>125</b>	<b>36 187</b>		<b>15 876</b>	<b>494</b>	<b>19 815</b>

NDA: approprijazzjonijiet mhux differenzjati (approprijazzjonijiet ta' impenji huma ugwali fl-ammont għal approprijazzjonijiet ta' pagament).

DA: approprijazzjonijiet differenzjati (approprijazzjonijiet ta' impenji u ta' pagament jistgħu jkunu differenti).

CA: Approprijazzjonijiet ta' impenji fil-kuntest ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

PA: approprijazzjonijiet ta' pagament fil-kuntest ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

Tabella 3

Kont tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja <sup>(1)</sup>

(1 000 euro)

	2005
<b>Dħul operattiv</b>	
Sussidji komunitarji	15 656
<b>Total (a)</b>	<b>15 656</b>
<b>Nefqa operattiva</b>	
Persunal	6 099
Amministrazzjoni	2 194
Attivitajiet operattivi	2 925
<b>Total (b)</b>	<b>11 218</b>
<b>Riżultat operattiv (c = a - b)</b>	<b>4 438</b>
Dħul ieħor (d)	0
Spejjeż oħra (e)	3
<b>Riżultat ekonomiku (f = c + d - e)</b>	<b>4 435</b>

<sup>(1)</sup> Id-dejta għas-sena finanzjarja 2004 ma kinitx ippreżentata għaliex, wara l-bidla fil-metodi ta' kontabilità, ma tistax titqabbel mad-dejta għas-sena finanzjarja 2005.

Tabella 4

Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005 u 2004 <sup>(1)</sup>

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Assi</b>		
Assi fissi	524	206
Riċevibbli	5 456	138
Likwidità disponibbli	8 866	9 754
<b>Total</b>	<b>14 846</b>	<b>10 098</b>
<b>Passiv</b>		
Provvista akkumulata	2 750	0
Riżultat ekonomiku għas-sena	4 435	2 750
Passiv attwali	7 661	7 348
<b>Total</b>	<b>14 846</b>	<b>10 098</b>

<sup>(1)</sup> Id-dejta għas-sena finanzjarja 2004 ġiet iddikjarata mill-ġdid biex tkun komparabbli mad-dejta ta' l-2005.

Sors: Id-dejta ta' l-Aġenzja — Dawn it-tabelli jiġbru fil- qosor id-dejta mogħtija mill-Aġenzja fil-kontijiet annwali tagħha.

**IT-TWEĠBIET TA' L-AĠENZJA**

7. L-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005 kienet fil-fatt milquta minn dewmien fil-qasam tar-reklutaġġ. Fl-2006, ġie elaborat pjan ta' reklutaġġ sabiex tali dewmien ikun jista' jiġi evitat. Ir-rata tal-pagamenti għandha tkun iktar għolja fl-2006 għat-titoli II u III, speċjalment għal dak li jirrigwarda l-miżuri għal kontra t-tniġġiż li diġà wasslu għall-iffirmar ta' xi kuntratti u l-ippjanar ta' xi pagamenti.

8. Waqt il-laqgħa tal-Bord Amministrativ ta' l-Aġenzja f'Ġunju ta' l-2006 ġie preżentat dokument ta' ġestjoni tal-baġit skond l-attivitajiet. Dan id-dokument jiddeskrivi d-diversi attivitajiet ta' l-Aġenzja u jgħaqqad dawn ta' l-aħħar mal-baġit korrispondenti għalihom. Dan l-ewwel orjentament ta' ġestjoni skond l-attività se jiġi pperfezzjonat matul it-tieni sitt xhur ta' l-2006.

9. Minn April ta' l-2006, l-Aġenzja bdiet tuża ABAC, is-sistema ta' kontabilità tal-Kummissjoni, li ma tippermettix modifiki tar-rekords tal-kontabilità mingħajr dħul korrettiv. Wara l-osservazzjoni tal-Qorti, se tingħata attenzjoni partikolari għar-reġistru tal-passiv li jrid jiddaħħal fil-bilanċ fil-qafas tal-proċedura ta' trattament tat-trasferimenti awtomatiċi tas-snin finanzjarji 2006-2007.

10. Wara l-osservazzjonijiet mill-Qorti, is-servizz finanzjarju ta' l-Aġenzja rreveda l-listi ta' kontroll, b'mod partikolari l-lista ta' impenji, ta' pagamenti u l-proċess ta' l-għotja ta' kuntratti. Se

tingħata lista ta' kontroll lil persunal ikkuncernat li tirrigwarda d-dokumenti ġustifikativi u li trid tiġi inkluża fil-fajl tal-proċess ta' l-għotja ta' kuntratti. Id-dejtabejż dwar l-azzjonijiet sussegwenti wara l-iffirmar tal-kuntratti mill-Aġenzja se tiġi aġġornata fl-iqsar żmien possibbli. Dawn id-diversi attivitajiet għandhom iwasslu sabiex jissaħħaħ il-kontroll intern.

11. Wara l-osservazzjonijiet mill-Qorti, it-trattament tal-pre-finanzjamenti u tal-garanziji relatati se jiġi armonizzat. Qed jintużaw mudelli ġodda tal-kuntratti sabiex tiġi evitata s-sitwazzjoni fejn l-garanziji li jiġu riċevuti ma jkunux iktar validi hekk kif ikun hemm modifika tal-pagamenti.

12. Is-sejħa għall-offerti fir-rigward tas-servizzi għal kontra t-tniġġiż kienet waħda kemmxejn kumplikata u kienet tinkludi fiha ħames kumitati magħmula minn 24 espert ta' l-Aġenzja. Minħabba n-natura speċifika ta' l-offerta, ma kienx possibbli li jiġu inklużi esperti esterni u minflok, fil-kumitat ta' evalwazzjoni finali tpoġġew osservaturi indipendenti. Huwa minnu li waħda mill-kumpanniji magħżula ma preżentat l-ebda lista ta' proġetti simili mwettqa minn għandha imma din it-talba kienet biss ta' natura kundizzjonali. Il-kumitat tekniku għamel żball materjali meta stqarr li l-kumpannija ma kienitx tissodisfa l-kriterji meħtieġa. Dan ġie kkorreġut fl-aħħar fażi mill-kumitat ta' evalwazzjoni u ta' selezzjoni, imma l-motivazzjoni għal din il-korrezzjoni ma ġietx imdaħħla fil-fajl.

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena  
finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija****WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	37
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	37
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-11	37
Tabelli 1 sa 4 .....		39
<b>Ir-Risposti ta' l-Aġenzija</b> .....		<b>41</b>

## INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") ġiet imwaqqfa bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 <sup>(1)</sup>. Hija responsabbli għat-twaqqif ta' network ta' osservazzjoni li jipprovi informazzjoni affidabbli lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u, b'mod iktar ġenerali, lill-pubbliku fuq l-istat ta' l-ambjent. Din l-informazzjoni għandha, b'mod partikolari, tippermetti lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri sabiex jieħdu azzjoni biex jissalvagwardjaw l-ambjent u jevalwaw l-effettività ta' din l-azzjoni.

2. It-Tabella 1 tiġbor fil-qosor il-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Għal skop ta' informazzjoni, il-kontijiet annwali maħduma mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2004 huma ppreżentati sommarjamet fit-Tabelli 2, 3 u 4.

## DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(2)</sup>; hija ġiet magħmula wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif mitlub mill-Artikolu 248 tat-Trattat li waqaf il-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(3)</sup> ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1210/90, u mibgħuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika skond il-politika u l-istandards tagħha, li huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

<sup>(1)</sup> ĠU L 120, 11.5.1990.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p.1.

<sup>(3)</sup> Dawn il-kontijiet ġew magħmula fil-21 ta' Ġunju 2006 u rċevuti mill-Qorti fit-3 ta' Lulju 2006.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

### **Affidabilità tal-kontijiet**

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

### **Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi**

It-tranżazzjonijiet fil-baży tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni l-opinjoni tal-Qorti.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. L-Aġenzija impenjat kważi l-approprijazzjonijiet kollha disponibbli fil-baży tagħha għas-sena 2005. Madanakollu, wieħed josserva illi r-rata ta' trasferiment ta' l-approprijazzjonijiet għall-attivitajiet operattivi tagħha (Titolu III) hija għolja, jiġifieri aktar minn 30 %. L-Aġenzija għandha ftitex li tnaqqas il-volum tat-trasferimenti, li l-volum tagħhom itellef il-ġestjoni ta' l-approprijazzjonijiet tas-sena li jkun imiss, li sussegwentement toħloq dewmien fl-implimentazzjoni jew anke żżidhom.

8. M'hemmx deskrizzjoni tas-sistemi ta' kontroll intern. L-uffiċjali li jawtorizzaw ma pprovdewx deskrizzjoni formali tas-sistemi illi huma jużaw sabiex jissupplixxu u jissostanzjaw l-informazzjoni tal-kontijiet u l-uffiċjal tal-kontabilità għalhekk għadu ma rnexxilux jivvalidhom.

9. Hemm nuqqasijiet fir-rapport annwali ta' l-attivitajiet ta' l-uffiċjal li jawtorizza. Dan ir-rapport ma jagħtix informazzjoni adegwata dwar ir-riżultati ta' l-attivitajiet tas-sena b'relazzjoni ma' l-oġettivi stabbiliti, ir-riskji assoċjati, l-użu tar-riżorsi u l-funzjoni tas-sistemi ta' kontroll intern.

10. Waqt il-verifika tal-proċeduri għar-reklutaġġ tal-persunal temporanju, ġie osservat illi ċerti dispożizzjonijiet interni li jikkonċernaw in-natura konġunta tal-kumitati ta' selezzjoni u l-inalternabilità tal-kriterji ta' selezzjoni adottati minn qabel ma kkonformawx mad-dispożizzjonijiet tal-kundizzjonijiet ta' l-impjeg ta' l-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet.

11. Fil-qasam ta' l-akkwist pubbliku, il-Qorti sabet nuqqasijiet fir-rigward tal-kriterji ta' l-evalwazzjoni. M'hemm l-ebda informazzjoni speċfika dwar kif l-informazzjoni dwar il-prezzijiet

għandha tittieħed in konsiderazzjoni. Din is-sitwazzjoni twassal għal diskrepanzi inġustifikati fl-evalwazzjoni ta' l-offerti <sup>(1)</sup>.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*  
Hubert WEBER  
*President*

---

<sup>(1)</sup> Dan kien il-każ għal kuntratt ta' 87 000 euro.



Tabella 1

## L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (Kopenhagen)

Oqsma tal-kompetenzi tal-Komunità li joħorġu mit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija (2004)	Prodotti u servizzi provduti fl-2005
<p><b>Politika dwar l-ambjent</b></p> <p>Il-Politika Komunitarja dwar l-ambjent għandu jkollha l-mira ta' protezzjoni ta' livell għoli li tieħu kont tad-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Komunità. Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li azzjoni preventiva għandha tit-tieħed, li l-ħsara lill-ambjent għandha, bħala prijorità tis-sewwa fras il-għajn u li min iniggeż għandu jħallas. (...) Fil-preparazzjoni tagħha tal-politika (...) l-Komunità għandha tieħu in konsiderazzjoni dati xjentifiċi u tekniċi eżistenti (...).</p> <p>(Artikolu 174 tat-Trattat)</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <p>Li twaqqaf network Ewropew ta' osservazzjoni ta' l-ambjent biex jipprovdi l-Komunità u l-Istati Membri b'informazzjoni ta min joqgħod fuqha sabiex huma jkunu jistgħu:</p> <p>a) jieħdu l-azzjoni meħtieġa sabiex jipproteġu l-ambjent;</p> <p>b) jivalutaw l-implimentazzjoni tagħha;</p> <p>c) jiżguraw li l-pubbliku għandu tagħrif tajjeb fuq l-istat ta' l-ambjent.</p>	<p><b>Kompiti</b></p> <p>— Li tagħti l-Komunità u l-Istati Membri l-informazzjoni meħtieġa sabiex tiġi maħluqa u mħaddma politika ambjentali tajba u effikaċi;</p> <p>— li tirreġistra, tgħaqqad u tistma l-informazzjoni dwar l-istat ta' l-ambjent u tħejji rapporti dwar il-kwalità kif ukoll fuq ir-riskji li dan qed jaffronta fit-territorju tal-Komunità;</p> <p>— li tiżgura li l-informazzjoni fuq l-ambjent hija kumparabbli fuq livell Ewropew, u jekk dan ikun neċessarju, toħloq, permezz ta' mezzi xierqa armonizzazzjoni tal-metodi ta' kejl;</p> <p>— li tippromwovi l-inkorporazzjoni ta' l-informazzjoni fuq l-ambjent fl-Ewropa fil-programmi internazzjonali;</p> <p>— li tippubblika rapport kull ħames snin fuq l-istat, il-bidliet u l-prospetti fl-ambjent</p> <p>— li tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' l-applikazzjoni ta' tekniki ta' tbassir ambjentali, kif ukoll metodi ta' stima ta' l-ispejjeż tal-ħsara għall-ambjent, u l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-teknoloġija fuq il-prevenzjoni tal-ħsara;</p> <p>— li tistimola l-iżvilupp ta' metodi t'evalwazzjoni ta' l-ispejjeż tal-ħsara kkawżata lill-ambjent u ta' l-ispejjeż tal-politika ta' prevenzjoni, ta' protezzjoni u ta' restawrazzjoni ta' l-ambjent.</p>	<p><b>1. Kunsill Amministrattiv</b></p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>— rappreżentant minn kull Stat Membru</p> <p>— Żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni</p> <p>— Żewġ xjentisti maħtura mill-Parlament Ewropew</p> <p><i>Funzjonijiet</i></p> <p>Li jadotta l-programm tax-xogħol u jiżgura li qed jiġi implimentat</p> <p><b>2. Direttur</b></p> <p>Maħtur mill-Bord Maniġerjali fuq il-proposta tal-Kummissjoni</p> <p><b>3. Forum Konsultattiv</b></p> <p>Magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru; li jagħti parir lid-Direttur Esekuttiv</p> <p><b>4. Kumitat Xjentifiku</b></p> <p>Magħmul minn persuni kwalifikati fil-qasam ta' l-ambjent li huma maħtura mill-Bord Maniġerjali</p> <p><b>5. Verifika Esterna</b></p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p><b>6. Awtorità ta' approvazzjoni</b></p> <p>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill</p>	<p><b>Baġit Finali</b></p> <p>32,1 miljun euro (31,1 miljun euro)</p> <p>Sussidju tal-Komunità: 84 % (87 %)</p> <p><b>Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2004</b></p> <p>Numri ta' karigi fil-pjan ta' twaqqif: 115 (115)</p> <p>Karigi okkupati: 107 (102)</p> <p>+ 34 (15) Persunal ieħor (kuntratti awżiljari, esperti naz-zjonali sekondati, persunal lokali u persunal temporarju)</p> <p><i>Total tal-persunal: 115 (115)</i></p> <p>mogħtija d-dmirijiet li ġejjin:</p> <p>— operattivi: 72 (72)</p> <p>— amministrattivi: 42 (42)</p> <p>— varji: 1 (1)</p> <p>— pubblikazzjoni tar-rapport fuq l-istat, l-evoluzzjoni u l-perspettivi ambjentali "The European environment: state and outlook"</p> <p>— l-implimentazzjoni ta' l-indikaturi ta' bażi dwar l-istat ta' l-ambjent bħala parti operattiva tas-sistema t'informazzjoni ambjentali ta' l-AEE.</p> <p>— tnehdija ta' l-attività "Streamlining European 2010 Biodiversity Indicators"</p> <p>— tnehdija ta' żewġ ċentri temat-ici ġodda dwar il-biodiversità u dwar il-ġesjtoni tar-riżorsi u ta' l-iskart</p> <p>— seminarji organizzati taħt il-Presidenza tal-Kunsill;</p> <p>— assistenza fl-armonizzazzjoni tad-dejta;</p> <p>— tmexxija tan-network EIONET (Network Ewropew ta' l-Infommazzjoni dwar u l-Osservazzjoni ta' l-Ambjent).</p>

Sors: Dejta mogħtija mill-Aġenzija.

# L-AĠENZJA EWROPEA GĦALL-AMBJENT

Tabella 2

## Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Infiq													
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet tal-baġit finali					Appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti			Appropriazzjonijiet għas-sena finanzjarja u għas-sena finanzjarja preċedenti				
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annulati	disponibbli	imħallsa	annulati	disponibbli	impenjati	imħallsa	trasferiti	annulati
Sussidji Komunitarji	26 900	26 900	Titolu I Persunal	14 468	14 468	13 958	508	2	436	319	117	14 904	14 904	14 277	508	119
Sussidi oħrajn	4 444	7 438	Titolu II Amministrazzjoni	3 857	3 856	2 960	895	2	396	346	50	4 253	4 252	3 306	895	52
Dħul ieħor	p.m	218	Titolu III Attivitajiet operattivi	13 019	13 018	8 942	4 069	8	4 853	4 647	206	17 872	17 871	13 589	4 069	214
Dħul assenjat	800	745	Dħul assenjat	800	720	277	523	0	2 208	536	28	3 008	2 928	813	2 167	28
<b>Total</b>	<b>32 144</b>	<b>35 301</b>	<b>Total</b>	<b>32 144</b>	<b>32 062</b>	<b>26 137</b>	<b>5 995</b>	<b>12</b>	<b>7 893</b>	<b>5 848</b>	<b>401</b>	<b>40 037</b>	<b>39 955</b>	<b>31 985</b>	<b>7 639</b>	<b>413</b>

Tabella 3

## Kont tar-riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja 2005 <sup>(1)</sup>

(1 000 euro)

	2005
<b>Dħul operattiv</b>	
Sussidji komunitarji	26 900
Sussidji oħra/dħul ieħor	5 633
<b>Total (a)</b>	<b>32 533</b>
<b>Nefqa operattiva</b>	
Persunal	13 423
Amministrazzjoni	5 321
Operazzjonijiet	15 618
<b>Total (b)</b>	<b>34 362</b>
<b>Riżultat operattiv (c = a - b)</b>	<b>- 1 829</b>
Dħul ieħor (d)	29
Spejjeż oħra (e)	- 7
<b>Riżultat ekonomiku (f = c + d + e)</b>	<b>- 1 807</b>

<sup>(1)</sup> Id-dejta għas-sena finanzjarja 2004 mhix murija għalix hija ma tistax titqabbel ma' dik ta' l-2005 minħabba bidla fil-metodi tal-kontabilità.

Tabella 4

## Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005 u 2004 <sup>(1)</sup>

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Attiv</b>		
Attiv fiss	2 105	1 710
Riċevibbli	2 661	5 839
Likwidità	4 491	1 181
<b>Total</b>	<b>9 257</b>	<b>8 730</b>
<b>Passiv</b>		
Riżultati kumulattivi mis-snin preċedenti	6 050	6 050
Riżultat ekonomiku għas-sena	- 1 808	0
Passiv ta' skadenza qasira	5 015	2 680
<b>Total</b>	<b>9 257</b>	<b>8 730</b>

<sup>(1)</sup> Id-dejta għall-2004 għiet adattata sabiex tkun tista' titqabbel ma' dik tas-sena finanzjarja 2005.

Sors: Dejta ta' l-Aġenzija — Dawn it-tabelli jagħtu sommarju tad-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha.

**IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZIJA**

7. Il-Perċentwali ta' trasferimenti tnaqqset b'mod progressiv fis-snin riċenti u waqgħet għal 31 % għat-Titolu III fl-2005. Peress illi l-parti l-kbira tal-kuntratti tagħna taħt Titolu III, bħal per eżempju ċ-ċentri topiċi, jippermettu x-xogħol sa tmiem is-sena tal-kalendarju, bil-kunsinni u l-pagamenti finali sa 30 % fis-sena sussegwenti, huwa diffiċli illi t-trasferimenti tat-Titolu III jit-tnaqqsu wisq iktar milli diġà ġew imnaqqsa.

8. Is-Sistemi ta' kontroll interni qegħdin jiġu żviluppati kontinwament. Huwa rikonoxxut illi l-uffiċjali li jawtorizzaw ma pprovdewx deskrizzjoni formali tas-sistemi illi huma jużaw, u dan ser isir mill-aktar fis possibbli fi ħdan l-iżvilupp u d-dokumentazzjoni tas-sistema tagħna.

9. L-AEA ippruvat takkomoda r-rekwiżiti tar-rapport ta' attività annwali għas-snin 2003 u 2004 ġewwa r-Rapport Annwali

meħtieġ taħt ir-regolament ta' twaqqif ta' l-AEA. L-AEA ma kinitx tista' tagħmel dan u għalhekk, sa mill-2005, hija tipproduċi rapporti separati. Iż-Żewġ rapporti għall-2005 ntbagħtu lill-Qorti u oħrajn fil-15 ta' Ġunju 2006.

10. Sa mill-2006, il-Kumitat tal-Personal ġie mitlub jaħtar numru indaqs ta' rappreżentanti bi qbil ma' l-artikolu 3 ta' l-anness III tar-Regolamenti tal-Personal. Il-Kriterji ta' selezzjoni mniżżla fl-avviż tal-kompetizzjoni huma issa b'mod espliċitu l-uniċi kriterji ta' selezzjoni tal-kandidati.

11. Sa mill-bidu ta' l-2006, għall-proċeduri kollha ta' akkwist pubbliku, l-Aġenzija tispjega u tiddokumenta f'iktar dettall il-mod illi bih jittieħed kont tal-prezzijiet (per eżempju l-formula użata biex jingħataw piż il-prezzijiet u l-kriterji ta' evalwazzjoni).

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel  
għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Awtorità****WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	43
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	43
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-13	43
Tabelli 1 sa 4 .....		45
<b>Ir-Risposti ta' l-Aġenzija</b> .....		47

## INTRODUZZJONI

1. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità") ġiet imwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 <sup>(1)</sup>. Il-kompiti prinċipali tagħha huma li tipprovi l-informazzjoni xjentifika neċessarja għall-preparazzjoni tal-liġi Komunitarja, li tiġbor u tanalizza d-dejta li tippermetti li jkunu identifikati u kkontrollati r-riskji u li tipprovi informazzjoni indipendenti dwar dawn ir-riskji.

2. *Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Awtorità. Informazzjoni prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji preparati mill-Awtorità għas-sena finanzjarja 2005, hija preżentata f'*Tabelli 2, 3 u 4*.

## DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(2)</sup>; hija ġiet ippreparata wara eżami tal-kontijiet taċ-Ċentru, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(3)</sup> ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, u mib-ghuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika skond il-politika u l-istandards tagħha, li huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

<sup>(1)</sup> ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> Dawn il-kontijiet ġew magħmula fil-20 ta' Ġunju 2006 u rċevuti mill-Qorti fit-29 ta' Ġunju 2006.

## Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

## Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

Ħlief fil-każ imsemmi fil-paragrafu 12, it-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Awtorità, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. Is-sena finanzjarja 2005 kienet ikkaratterizzata minn implimentazzjoni sinifikament baxxa tal-baġit: 80 % biss ta' l-approprijazzjonijiet ta' impenji u ta' pagamenti ġew użati. Dan juri li l-Awtorità għandha tagħmel sforz serju biex tagħmel użu aħjar ta' l-approprijazzjonijiet li ġew mogħtija lilha sabiex tikseb l-oġettivi tagħha.

8. L-Awtorità tal-Baġit kienet emendat il-pjan ta' twaqqif anness ma' l-abbozz tal-baġit ta' l-Awtorità għall-2005, kif adottat mill-Bord Amministrattiv tagħha, partikolarment billi emendat b'mod sinifikanti d-distribuzzjoni ta' karigi disponibbli bejn kull grad. Dawn l-emendi kellhom iwasslu għal tnaqqis fl-approprijazzjonijiet assenjati għan-nefqa fuq is-salarji kif ukoll għall-infiq operattiv. Dan it-tnaqqis ma seħħx. Għalhekk l-Awtorità setgħet, mingħajr ma infurmat lill-Awtorità tal-Baġit dwar in-neċessità li jiġi ppreparat baġit supplementari u emendat, tistabilixxi mill-ġdid il-grad li inizjalment kienet saret dispożizzjoni għalihom fl-abbozz tal-baġit fir-rigward ta' 19-il kariga.

9. Il-Qorti nnutat in-nuqqas li tiġi introdotta tmexxija skond l-attività minkejja li din hija mniżżla fir-Regolament Finanzjarju ta' l-Awtorità, skond dak li ġie applikat fil-baġit ġenerali bil-ħsieb li l-monitoraġġ ta' l-eżekuzzjoni jiġi mtejjeb. F'dan ir-rigward, il-kisba ta' l-oġettivi ta' l-Awtorità għandha tiġi evalwata fit-termini tal-kontribuzzjoni tagħha lejn l-oġettivi ffissati fir-regolament bażiku tagħha. Fil-prinċipju, il-programm ta' xogħol ta' l-Awtorità għandu jesprimi din il-kontribuzzjoni f'termini operattivi u miżurabbli.

10. L-Awtorità m'għamlitx analiżi tar-riskju lanqas stabbiliet b'mod formali s-sistemi ta' kontroll intern u l-proċeduri li hija sse-gwi. F'bosta każijiet il-Qorti osservat ukoll nuqqasijiet fil-kontroll ta' l-infiq (dokumenti ta' sostenn nieqsa, talbiet mhux ġustifikati għal servizzi addizzjonali) <sup>(4)</sup>.

<sup>(4)</sup> Per eżempju, id-dispożizzjonijiet dwar l-ispejjeż tal-missjoni mhumiex osservati sistematikament, li jirriżulta f'pagamenti mhux ġustifikati.

11. Għal dak li għandu x'jaqsam mar-reklutaġġ, l-Awtorità rrifjutat xi kandidati billi applikat kriterji oħra minflok daww immiżżla fl-avviżi tal-karigi battala u ma osservatx, fost oħrajn, id-dispożizzjonijiet regolatorji dwar il-gradi tal-membri tal-Bord ta' l-Għażla f'dak li għandu x'jaqsam mal-karigi li għandhom jiġu mimlija. L-għażla tal-kandidati titlob applikazzjoni stretta tal-kriterji rilevanti u kontroll effettiv dwar jekk id-dokumenti preżentati mill-kandidati biex issostnu l-applikazzjonijiet tagħhom humiex ġenwini.

12. Numru konsiderevoli ta' anomaliji nstabu waqt il-verifiki mwettqa fl-għoti u l-konklużjoni ta' kuntratti. F'bosta mill-każijiet eżaminati, il-Qorti ma setgħetx tiċċekkja li n-numru minimu ta' offerenti mitlub bil-liġi kienu ġew mistiedna biex jieħdu sehem fil-proċeduri tal-kuntratti. Il-Qorti nnutat li l-applikazzjoni tal-kriterji ta' l-għażla ma kinitx dokumentata b'mod sistematiku.

F'bosta każi, ma ġewx applikati regoli għan-nomina ta' kumitati ta' evalwazzjoni. F'każ ta' kuntratt strutturali minnhom, il-klawżoli ma ġewx osservati. Il-frekwenza ta' dawn l-anomaliji hi tali li l-Awtorità għandha bżonn issaħħaħ aktar is-sistema ta' kontroll intern tagħha f'dan il-qasam.

13. Il-bini definittivi intiżi għall-Awtorità, għadhom mhumiex disponibbli. Għalhekk, l-Awtorità kienet obbligata li tikri u tirranġa bini temporanju (l-ispiża fl-2005: madwar 3,5 miljun euro). La darba l-Awtorità, ikollha pussess tal-bini l-ġdid, hija ser ikollha ssostni l-ispejjeż ta' l-installazzjoni. L-Awtorità, flimkien mal-Kummissjoni, imissha tikkjarifika ma' l-awtoritajiet nazzjonali din is-sitwazzjoni, b'mod partikolari bi ħsieb għal kumpens finanzjarju. Sakemm tinstab soluzzjoni, din għandha tiġi kkunsidrata waqt li jkunu qed jiġu preparati l-estimi tal-baġit.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*  
Hubert WEBER  
*President*

Tabella 1

## L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Parma)

Oqsma ta' kompetenzi Komunitarji skond it-Trattat	Kompetenzi ta' l-Awtorità (Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Janjar 2002)	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Awtorità 2005 (2004)	Prodotti u servizzi provduti	
<p>Moviment ħieles ta' oġġetti (Artikolu 37 tat-Trattat)</p> <p>Kontribut għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, sigurtà u l-protezzjoni ta' l-ambjent u tal-konsumaturi, b'konsiderazzjoni għal xi żviluppi ġodda bbażati fuq fatti xjentifiċi (Artikolu 95 tat-Trattat)</p> <p>Politika tan-negozju komuni (Artikolu 133 tat-Trattat)</p> <p>Is-Saħħa Pubblika (Artikolu 152(4)(b) tat-Trattat)</p>	<p><b>Obbjettivi</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Tagħti opinjonijiet xjentifiċi u għajnuna xjentifika u teknika għall-politika u l-liġi tal-Komunità li għandha impatt dirett jew indirett fuq is-sigurtà ta' l-ikel u t-tmiegħ</li> <li>— Tagħti informazzjoni indipendenti dwar riskji relatati mas-sigurtà ta' l-ikel</li> <li>— Tikkontribwixxi għall-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja umana</li> <li>— Tiġbor u tevalwa d-dejta neċessarja biex tippermetti il-karatteristikazzjoni u l-monitoraġġ tar-riskji</li> </ul>	<p><b>Kompiti</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Toħroġ opinjonijiet u studji xjentifiċi</li> <li>— Tippromwovi metodoloġiji ta' evalwazzjoni tar-riskju uniformi</li> <li>— Tgħin lill-Kummissjoni</li> <li>— Tagħmel riċerka, evalwazzjoni u sommarju tad-dejta xjentifika u teknika neċessarja</li> <li>— Tidentifika u tikkaratterizza riskji emerġenti</li> <li>— Tistabilixxi netwerk ta' organizzazzjonijiet li joperaw foqsa simili</li> <li>— Tippovdi assistenza xjentifika u teknika għall-ġestjoni tal-kriżi</li> <li>— Ittejjeb il-koperazzjoni internazzjonali</li> <li>— Tippovdi lill-pubbliku u lill-partijiet interessati b'informazzjoni li hija affidabbli, oġġettiva u li tinftehem faċilment</li> <li>— Tipparteċipa fis-sistema ta' attenzjoni fil-pront tal-Kummissjoni.</li> </ul>	<p><b>1. Bord Aministrattiv</b></p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>14-il membru nominati mill-Kunsill (b'koperazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni) u rappreżentant tal-Kummissjoni,</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Tadotta l-programm ta' xogħol u l-baġit u tiżgura li jiġu implimentati</p> <p><b>2. Direttur eżekuttiv</b></p> <p>Nominat mill-Bord Amministrattiv fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni u wara intervista mal-Parlament Ewropew;</p> <p><b>3. Forum Konsultattiv</b></p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru,</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Jagħti pariri lid-Direttur;</p> <p><b>4. Kumitat u gruppi xjentifiċi:</b></p> <p>Jippreparaw l-opinjonijiet xjentifiċi ta' l-Awtorità</p> <p><b>5. Verifika esterna</b></p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p><b>6. Awtorità t'approvazzjoni</b></p> <p>Il-Parlament fuq irrakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p><b>Baġit finali:</b></p> <p>36,9 miljun euro (29,1 miljun euro) Kontribuzzjoni komunitarja: 100 % (100 %)</p> <p><b>Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2005:</b></p> <p>Numru ta' karigi fil-pjan ta' twaqqif: 194 (138)</p> <p>Karigi okkupati: 124 (102)</p> <p>+ 36 (37) kariga oħra (kunttratti awżiljarji, esperti nazzjonali ssekondati, aġenti lokali)</p> <p><i>Total tal-persunal:</i> 160 (139)</p> <p>Assenjati fid-doveri li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— operattivi: 104 (83)</li> <li>— amministrattivi: 56 (56)</li> </ul>	<p>Mit-301 talba għall-opinjonijiet xjentifiċi indirizzati lill-EFSA fl-2005 (li tirrappreżenta żieda ta' 65 % meta mqabbla ma' l-2004), 163 opinjoni ġew adottati u ppubblikati. Dawn ikopru bosta oqsma u jinkludu l-pjanti aromatiċi, l-organiżmi ġenetikament modifikati (ma' l-WHO), l-<i>ispongiforme</i> encephalopathy tal-bovini (BSE) u l-<i>ispongiforme encephalopathy</i> trasmessa (TSE). Barra dan, l-Awtorità ppubblikat l-ewwel rapport annwali tagħha dwar il-mard ta' l-annimali u pubblikazzjonijiet oħra importanti dwar id-determinazzjoni tar-riskju fuq is-settur ta' l-ikel.</p> <p>Il-komunikazzjoni tar-riskji u, b'mod ġenerali, l-attivitajiet tad-dipartiment raw żieda ta' 40 % fin-numru ta' komunikazzjonijiet lill-pubbliku fl-2005. Konsultazzjonijiet tal-<i>website</i> ta' l-EFSA rduppjaw ukoll fl-2005. Il-koordinazzjoni tal-komunikazzjoni tar-riskji żdiedet permezz tal-Bord Konsultattiv u <i>workshops</i> organizzati.</p> <p>In-<i>networking</i> ta' l-EFSA mal-partijiet interessati, awtoritajiet nazzjonali u kontrapartijiet istituzzjonali intensifikat permess tat-twaqqif ta' forum għall-partijiet interssati. Il-Forum Konsultattiv ilt-aqa' ħames darbiet bi ħsieb li jaħdem bħala netwerk ma' l-awtoritajiet nazzjonali fuq kwistjonijiet speċifiċi bħall-koordinazzjoni fil-każ ta' kriżi jew iż-żieda ta' l-użu ta' l-<i>extranet</i> li jorbot l-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni u l-EFSA.</p> <p>F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-EFSA fl-2005, ir-rapport finali tal-konsulenti ġie ppubblikat fuq il-<i>website</i> mill-Bord Amministrattiv li ppreżenta r-rakkomandazzjonijiet fl-aħħar ta' l-2006.</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Awtorità.

L-AWTORITÀ EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL

Tabella 2

Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Infiq													
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur	Allokazzjoni tan-nefqa	Approprijazzjonijiet tal-baġit finali					Approprijazzjonijiet trasferiti 'il quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti <sup>(1)</sup>			Approprijazzjonijiet għas-sena finanzjarja u trasferiti 'il quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti				
				imdaħħla	impenjati	mħallsa	trasferiti 'il quddiem	annullati	disponibbli	imħallsa	annullati	disponibbli	impenjati	imħallsa	trasferiti 'il quddiem	annullati
Sussidji komunitarji	36 857	31 537	Titolu I Persunal	16 354	14 571	14 024	546	1 784	389	312	77	16 743	14 960	14 336	546	1 861
Dħul proprju			Titolu II Amministrazzjoni	6 446	5 591	3 306	2 285	855	1 477	1 307	170	7 923	7 068	4 613	2 285	1 025
Dħul ieħor			Titolu III Attivitajiet operattivi	14 057	9 300	5 824	3 477	4 756	3 818	2 003	1 815	17 875	13 118	7 827	3 477	6 571
<b>Total</b>	<b>36 857</b>	<b>31 537</b>	<b>Total</b>	<b>36 857</b>	<b>29 462</b>	<b>23 154</b>	<b>6 308</b>	<b>7 395</b>	<b>5 684</b>	<b>3 622</b>	<b>2 062</b>	<b>42 541</b>	<b>35 146</b>	<b>26 776</b>	<b>6 308</b>	<b>9 457</b>

(<sup>1</sup>) L-Awtorità ma tinkludix l-implimentazzjoni ta' trasferimenti mhux awtomatiċi ta' approprijazzjonijiet fit-tabella li turi l-implimentazzjoni ġenerali tal-baġit li hija tippubblika fir-rapport annwali tagħha.

Tabella 3

Kont tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2005 u 2004

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Dħul operattiv</b>		
Sussidji komunitarji	27 405	20 591
Sussidji/dħul ieħor	0	0
<b>Total (a)</b>	<b>27 405</b>	<b>20 591</b>
<b>Infiq operattiv</b>		
Persunal	13 012	7 564
Amministrazzjoni	6 436	5 788
Attivitajiet operattivi	8 718	6 431
<b>Total (b)</b>	<b>28 166</b>	<b>19 783</b>
<b>Riżultat operattiv (c = a — b)</b>	<b>- 761</b>	<b>808</b>
Dħul ieħor (d)	0	0
Spejjeż oħra (e)	- 7	- 33
<b>Riżultat ekonomiku (f = c + d + e)</b>	<b>- 768</b>	<b>775</b>

Tabella 4

Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005 u 2004

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Attiv</b>		
Attiv fiss	1 588	1 071
Riċevibbli ta' skadenza qasira	299	5 025
Kontijiet likwidi	10 879	3 201
<b>Total</b>	<b>12 766</b>	<b>9 297</b>
<b>Passiv</b>		
Riżultati akkumulati mis-sena finanzjarja preċedenti	4 452	3 677
Riżultat ekonomiku għas-sena	- 768	775
Passiv ta' skadenza qasira	9 082	4 845
<b>Total</b>	<b>12 766</b>	<b>9 297</b>

Sors: Deġta ta' l-Awtorità — Dawn it-tabelli jagħtu sommarju tad-deġta mogħtija mill-Awtorità fil-kontijiet annwali tagħha.



**TWEĠIBIET TA' L-AWTORITÀ EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL**

7. Fl-2006, l-AESI saħħet il-kontroll tal-baġit tagħha billi orgnizzat reviżjonijiet regolari kif ukoll analiżi u previżjonijiet ta'nofs is-sena ta' l-eżekuzzjoni tal-baġit. L-ippjanar ta' l-attivitajiet tagħha se jkomplu jiġu msaħħa bil-għan li jintlaħaq il-punt fejn ikun hemm eżekuzzjoni sħiħa u kompleta tal-baġit.

8. Billi bl-emenda tal-Pjan ta' Twaqqif ta' l-AESI għall-2005, l-Awtorità tal-Baġit naqqset ċertu numru ta' postijiet li kienu diġà mimlija fl-2004, l-Awtorità kellha tirispetta l-obbligu legali tagħha lejn dawn l-aġenti u żżomm il-postijiet tagħhom skond ir-Regolament Finanzjarju tagħha u timmodifika dan il-Pjan.

9. Il-Ġestjoni Bbażata fuq l-Attivitajiet se tiġi progressivament implimentata mill-AESI peress li din hija biċċa għodda essenzjali sabiex l-Awtorità tkun tista' twettaq l-attivitajiet tagħha b'mod effiċjenti. Fil-programm ta' xogħol tagħha ta' l-2007, l-Awtorità se tagħti definizzjoni ċara tal-prijoritajiet tagħha fil-qafas tar-Regolament Bażiku tagħha u ta' leġislazzjonijiet oħra ta' l-UE li japplikaw f'dan il-kuntest u se tagħti deskrizzjoni ta' l-inizjattivi prinċipali sabiex tkun tista' tilħaq dawn il-prijoritajiet. Se jsir ukoll aktar titjib fil-qasam ta' l-indikaturi ta' l-attività (*performance indicators*) u għodda oħra ta' ġestjoni sabiex ir-riżultati ta' l-attivitajiet ikunu jistgħu jitkejlu.

10. F'Lulju ta' l-2005, l-AESI adottat standards ta' kontroll intern u qed tkompli fl-isforzi tagħha sabiex timplementhom bis-sħiħ. Barra minn hekk, l-Awtorità qed tippjana sabiex twettaq analiżi tar-riskju għall-2007.

11. Bħala prijorità fl-2006, l-Awtorità ħadet miżuri sabiex issaħħaħ il-kontrolli madwar il-proċeduri ta' reklutaġġ u żżid it-trasparenza tagħhom u se jitkomplew l-isforzi min-naħa tagħha sabiex jigarantixxu r-rispett tar-regoli li huma fis-seħħ.

12. L-Awtorità se tassigura li s-sistemi ta' kontroll intern għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku jiġu msaħħa sabiex ikunu jikkonformaw bis-sħiħ mar-regoli fis-seħħ. Fl-2006, se jiġu organizzat taħriġ speċifiku fuq il-proċeduri tas-sejħa għall-offerti u se jiġu mwaqqfa sistemi aħjar ta' implimentazzjoni sabiex issaħħu il-kontrolli fuq dawn il-proċeduri.

13. L-Awtorità ġibdet l-attenzjoni ta' l-Awtoritajiet tal-Baġit u tal-Kummissjoni dwar l-ispiża tal-bini għas-sede ta' l-AESI u se żżommhom infurmati dwar il-progress tal-proġett għal bini definnittiv tagħha.

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru****WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	49
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	49
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-10	49
Tabelli 1 sa 4 .....		51
<b>Ir-Risposti ta' l-Aġenzija</b> .....		<b>53</b>

## INTRODUZZJONI

1. Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru") ġie stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 <sup>(1)</sup>. Ir-rwol taċ-Ċentru huwa li jipprovi servizzi ta' traduzzjoni li huma neċessarji għall-attivitajiet tal-korpi ta' l-UE, u kull istituzzjoni jew korp ieħor ta' l-UE li jitlob is-servizzi tiegħu.

2. It-Tabella 1 tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. Informazzjoni prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji preparati miċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2005 hija preżentata fit-Tabelli 2, 3 u 4.

## DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185(2), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(2)</sup>; ġiet ippreparata wara eżami tal-kontijiet taċ-Ċentru, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja mitmuma fil-31 ta' Diċembru 2005 ġew ippreparati mid-Direttur taċ-Ċentru, skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 2965/94, u mibgħuta mill-Qorti <sup>(3)</sup>, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika skond il-politika u l-istandards tagħha li huma bbażati fuq l-istandards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa bi ħsieb li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

<sup>(1)</sup> ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> Dawn il-kontijiet ġew preparati fis-6 ta' Lulju 2006 u ġew irċevuti mill-Qorti fil-11 ta' Lulju 2006.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

### L-affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

### Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

Il-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. Għas-sena finanzjarja 2005, ir-rata ġenerali ta' implimentazzjoni ta' approprijazzjonijiet ta' impenji kienet aktar minn 90 % u l-istess japplika għall-approprijazzjonijiet ta' pagamenti. Minkejja dan, ġie nnutat nuqqas fl-utilizzazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam man-nefqa amministrattiva (Titolu II), għal liema inqas minn 75 % ta' l-approprijazzjonijiet ġew impenjati, u 24 % ta' l-impenji ġew trasferiti 'il quddiem. Barra dan, għall-istess nefqa, aktar minn 50 % ta' l-impenji totali trasferiti 'il quddiem mis-sena preċedenti ġew annullati. Tali sitwazzjoni tindika nuqqas kwalitattiv fl-ipprogrammar tan-nefqa amministrattiva.

8. L-approprijazzjonijiet għat-tradutturi *freelance* ta' seba' miljun euro, aktar minn kwart tal-baġit, huma impenjati fil-forma ta' bosta impenji globali. Dawn l-impenji, bħala tali, huma soġġetti għall-verifikazzjoni *ex ante* u sussegwentement joħlqu impenji speċifiċi lil bosta fornituri ta' servizzi individwali. Madanakollu, dawn l-impenji speċifiċi, għall-ammonti li hemm mnejn mhumiex negliġibbli, mhumiex soġġetti għall-verifikazzjoni *ex ante*. Minħabba r-riskji assoċjati, dawn l-impenji speċifiċi għandhom ukoll ikunu soġġetti għal verifikazzjoni *ex ante*.

9. Iċ-Ċentru huwa responsabbli mill-amministrazzjoni u l-iżvilupp ta' *database* (IATE) flimkien ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UE, li jħallu parti mill-ispiża. Il-ftehim dwar il-qsim ta' l-ispejjeż relatati ma' l-IATE ma jsemmi xejn dwar id-drittijiet tal-proprjetà intelletwali. Din l-ommissjoni għandha tiġi rranġata sabiex il-valur tad-*database* jista' jiġi ikkunsidrat ma' l-attiv ta' l-istituzzjonijiet ikkonċernati.

10. Fir-Rapport Annwali tagħha dwar iċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2004, il-Qorti għamlet osservazzjoni dwar il-kunflitt li ilhu għaddej bejn il-Kummissjoni u ċ-Ċentru dwar il-pagament, li qiegħed jitwettaq miċ-Ċentru, tal-porzjon ta' kontribuzzjonijiet

għall-pensjoni li għandhom jitħallsu minn dak li jħaddem għall-persunal tiegħu. Il-Qorti terġa titlob sabiex dan il-kunflitt jiġi solvut mill-aktar fiss possibbli.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*  
Hubert WEBER  
*President*

---

Tabella 1

## Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea (il-Lussemburgu)

Oqsma ta' kompetenzi Komunitarji	Kompetenzi taċ-Ċentru Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għaċ- Ċentru 2005 (2004)	Prodotti u servizzi provduti waqt is-sena finanzjarja 2005 (2004)
<p>Ir-Rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri bi ftehim reċiproku adottaw dikjarazzjoni, taħt l-awspiċi tad-dipartimenti tat-traduzzjoni tal-Kummissjoni fil-Lussemburgu, dwar il-ħolqien ta' Ċentru ta' Traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni, li jkun jip-provdi s-servizzi ta' traduzzjoni neċessarji għall-ħidma tal-korpi u servizzi li l-kwartieri tagħhom kienu stabbiliti bid-deċiżjoni tad-29 ta' Ottubru 1993.</p> <p>(Deċiżjoni tal-Kunsill meħuda skond Artikolu 235 tat-Trattat).</p>	<p><b>Obbjettivi</b></p> <p>Li jipprovdi s-servizzi neċessarji ta' traduzzjoni għall-ħidma tal-korpi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent;</li> <li>— Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ;</li> <li>— Iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew għad-Drogi u d-Dipendenza mid-Droga;</li> <li>— L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċi;</li> <li>— L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s- Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;</li> <li>— L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (<i>Trademarks</i> u <i>Disinj</i>);</li> <li>— L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u l-Unità tad-Drogi ta' l-Europol.</li> </ul> <p>Il-korpi mwaqqfin mill-Kunsill, appart minn dawk ta' hawn fuq, jistgħu jużaw is-servizzi taċ-Ċentru. L-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni Ewropea li diġà għandhom is-Servizz ta' Traduzzjoni tagħhom stess jistgħu, jekk hemm bżonn, jitolbu s-servizzi taċ-Ċentru fuq bażi volontarja. Iċ-Ċentru jieħu sehem bis-sħiħ fix-xogħol tal-Kumitat Interistituzzjonali tat- Traduzzjoni.</p>	<p><b>Kompiti</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Jagħmel arranġamenti għall-koperazzjoni mal-korpi u l-istituzzjonijiet.</li> <li>— Jieħu sehem fix-xogħol tal-Kumitat Interistituzzjonali tat-Traduzzjoni</li> </ul>	<p><b>1. Bord Amministrattiv</b></p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru</li> <li>— żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni,</li> <li>— rappreżentant wieħed minn kull korp jew istituzzjoni li titlob is-servizzi taċ-Ċentru.</li> </ul> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Jadotta l-programm ta' xogħol annwali taċ-Ċentru u r-rapport annwali.</p> <p><b>2. Direttur</b></p> <p>Nominat mill-Bord Amministrattiv fuq proposta mill-Kummissjoni</p> <p><b>3. Verifika esterna</b></p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p><b>4. Verifika esterna</b></p> <p>L-awditur intern tal-Kummissjoni</p> <p><b>5. Awtorità t'approvazzjoni</b></p> <p>Il-Parlament fuq rakkommandazzjoni mill-Kunsill</p>	<p><b>Baġit finali</b></p> <p>27,9 miljun euro (29,8 miljun euro)</p> <p><b>Persunal fil-31 ta' Diċembru</b> 181 (181) kariga elenkata fil-pjan ta' twaqqif,</p> <p>karigi okkupati: 163 (150)</p> <p>+ 12 (15)-il kariga oħra</p> <p><i>Total tal-persunal:</i> 175 (165)</p> <p>Assenjati f:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— kompiti operattivi: 114 (119)</li> <li>— kompiti amministrattivi: 57 (52)</li> <li>— kompiti varji: 4 (4)</li> </ul>	<p><b>Numru ta' paġni tradotti</b></p> <p>505 438 (377 999)</p> <p><b>Numru ta' paġni skond il-lingwi</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— lingwi uffiċjali: 501 475 (373 270)</li> <li>— lingwi oħra: 3 963 (4 729)</li> </ul> <p><b>Numru ta' paġni għal kull klijent</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— korpi: 496 665 (366 055)</li> <li>— instituzzjonijiet: 8 773 (11 944)</li> </ul> <p>Numru ta' paġni tradotti <i>freelance</i>: 226 822 (146 342)</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

Tabella 2

Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Infiq													
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet tal-baġit finali					Appropriazzjonijiet trasferiti 'il quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti			Appropriazzjonijiet għas-sena finanzjarja u trasferiti 'il quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti				
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti 'il quddiem	annullati	disponibbli	mħallsa	annullati	disponibbli	impenjati	imħallsa	trasferiti 'il quddiem	annullati
Dħul proprju	24 166	30 356	Titolu I Persunal	14 117	13 410	13 305	106	707	122	100	22	14 239	13 532	13 404	106	729
Dħul ieħor	0	94	Titolu II Amministrazzjoni	4 235	3 112	2 358	755	1 123	642	583	59	4 877	3 754	2 941	755	1 181
Interessi	300	428	Titolu III Attivitajiet operattivi	7 645	7 309	6 018	1 291	336	990	987	2	8 634	8 298	7 005	1 291	338
Bilanċ mis-sena finanzjarja preċedenti	3 497	0	Titolu X Riżerva	1 966	0	0	0	1 966	0	0	0	1 966	0	0	0	1 966
<b>Total</b>	<b>27 963</b>	<b>30 879</b>	<b>Total</b>	<b>27 963</b>	<b>23 831</b>	<b>21 681</b>	<b>2 152</b>	<b>4 132</b>	<b>1 754</b>	<b>1 670</b>	<b>83</b>	<b>29 716</b>	<b>25 584</b>	<b>23 350</b>	<b>2 152</b>	<b>4 214</b>

Tabella 3

Kont tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2005 u 2004

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Dħul operattiv</b>		
Sussidji komunitarji	0	0
Sussidji/dħul ieħor	30 780	23 573
<b>Total (a)</b>	<b>30 780</b>	<b>23 573</b>
<b>Infiq operattiv</b>		
Persunal	13 200	11 929
Amministrazzjoni	3 547	2 734
Attivitajiet operattivi	7 397	5 919
Proviżjonijiet	1 849	1 410
<b>Total (b)</b>	<b>25 993</b>	<b>21 992</b>
<b>Riżultat operattiv (c = a - b)</b>	<b>4 787</b>	<b>1 581</b>
Dħul ieħor (d)	429	2 618
Spejjeż oħra (e)	- 4	- 7
<b>Riżultat ekonomiku (f = c + d + e)</b>	<b>5 212</b>	<b>4 192</b>

Tabella 4

Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005 u 2004

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Attiv</b>		
Attiv fiss	699	895
Stokk	279	0
Riċevibbli	6 184	6 368
Kontijiet likwidi	27 392	19 903
<b>Total</b>	<b>34 554</b>	<b>27 166</b>
<b>Passiv</b>		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	18 594	14 403
Riżultat ekonomiku għas-sena	5 212	4 192
Passiv ta' skadenza twila	9 330	7 481
Passiv ta' skadenza qasira	1 418	1 090
<b>Total</b>	<b>34 554</b>	<b>27 166</b>

Sors: Dejta preparata miċ-Ċentru — Dawn it-tabelli jagħtu sommarju tad-dejta mogħtija miċ -Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu.

**IR-RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU**

7. In-nuqqas ta' regolarità fit-talbiet għat-traduzzjoni flimkien ma' żjeda qawwija fil-qasam tal-marki komunitarji, ħolqu atmosfera ta' instabilità tul is-sena 2005, u dan ġiegħel liċ-Ċentru sabiex jipposponi ċerti proġetti marbuta ma' Titolu 2.

8. Iċ-Ċentru jjehu nota ta' l-osservazzjoni tal-Qorti waqt il-migrazzjoni mill-SI2 għall-ABAC (migrazzjoni prevista li sseħħ matul is-sena 2007) sabiex jiġu stabbiliti ċirkwiti finanzjarji ġodda.

9. Iċ-Ċentru se jistaqsi lill-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni sabiex tiġi solvuta u tingħalaq il-kwistjoni dwar min għandu jkollu l-proprjetà ta' l-IATE.

10. Matul il-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Marzu 2006, il-Bord Amministrattiv taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni adotta avviż fejn huwa jishoq li huwa "konxju dwar l-importanza illi din il-kwistjoni tiġi solvuta darba għal dejjem u jstieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex, flimkien maċ-Ċentru, taċċetta proċedura ta' arbitraġġ sabiex tinstab soluzzjoni definittiva". Iċ-Ċentru ser jinforma lill-Qorti dwar l-evoluzzjoni ta' dan il-fajl.

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u  
l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti  
taċ-Ċentru****WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	55
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	55
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-12	55
Tabelli 1 sa 4 .....		57
<b>Ir-Risposti taċ-Ċentru</b> .....		59



## INTRODUZZJONI

1. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru") ġie stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 t'April 2004 <sup>(1)</sup>. Il-kompiti prinċipali tiegħu huma li jiġbor u jqassam dejta dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard fuq il-bniedem u li jipprovdì opinjonijiet xjentifiċi fuq dan is-suġġett. Huwa wkoll meħtieġ li jikkoordina n-networking Ewropew tal-korpi li joperaw f'dan il-qasam. Iċ-Ċentru sar awtonomu mit-tieni nofs ta' l-2005 <sup>(2)</sup>.

2. It-Tabella 1 tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet taċ-Ċentru. Informazzjoni prinċipali mir-rendikonti finanzjarji ppreparati miċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2005 hija preżentata fit-Tabelli 2, 3 u 4.

## DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(3)</sup>; hija ġiet ippreparata wara eżami tal-kontijiet taċ-Ċentru, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(4)</sup> ġew magħmula mid-Direttur tiegħu, skond l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 851/2004, u mib-ghuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika skond il-politika u l-istandards tagħha, li huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika ġiet ipplanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

<sup>(1)</sup> ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> Il-kompitu tal-pagament tas-salarji baqa' jiġi mwettaq mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-delegazzjoni tas-setgħat maħruġa mid-Direttur.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> Dawn il-kontijiet ġew magħmula fid-29 ta' Ġunju 2006 u rċevuti mill-Qorti fl-4 ta' Lulju 2006.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

### Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

### Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li jsegwu ma jpoġġux f'diskussjoni l-opinjoni tal-Qorti.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. L-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005 kienet ikkaratterizzata b'rata baxxa ta' impenji (84 %) u rata sostanzjali ta' trasferimenti (b'mod ġenerali 35 % u kważi 90 % għan-nefqa operattiva). Din is-sitwazzjoni min-naħa kienet minħabba problemi inerenti fil-perijodu ta' bidu taċ-Ċentru. Fil-futur, iċ-Ċentru għandu joġġhod attent għar-riskju li jimmobilizza r-riżorsi mingħajr bżonn, b'mod partikolari billi jassigura programmar strett ta' l-attivitajiet tiegħu.

8. Il-Qorti nnutat li t-tmexxja bbażata fuq l-attività ma ġiet introdotta, minkejja li r-regolament finanzjarju taċ-Ċentru għamel dispożizzjoni għall-introduzzjoni tagħha, hekk kif applikat fil-baġit ġenerali, bil-ħsieb li jitjeb il-monitoraġġ tal-prestazzjoni. F'dan il-kuntest, il-kisba tal-miri taċ-Ċentru m'għandiex tisser biss it-twettiq ta' serje ta' kompiti. Anzi għandha tiġi meqjusa li tikkontribwixxi għall-oġġettivi mniżżla fir-Regolament bażiku tiegħu. Fil-prinċipju, il-programm ta' xogħol taċ-Ċentru għandu jesprimi din il-kontribuzzjoni f'termini operattivi u miżurabbli.

9. Talbiet għall-pagament ta' sussidji lill-Kummissjoni għandhom ikunu ġustifikati permezz ta' previżjoni tal-bżonn tal-flus kontanti <sup>(5)</sup>. Iċ-Ċentru m'għandu ebda sistemi biex jipproduċi tali previżjonijiet.

10. Ir-regolament finanzjarju taċ-Ċentru jstipula li l-uffiċjal li jawtorizza għandu jagħmel impenn baġitarju qabel ma jidħol f'impenn legali ma' partijiet terzi. Minkejja dan, fl-2005 ebda impenji baġitarji ma twettqu għan-nefqa taċ-Ċentru qabel l-impenn legali. Waqt l-istess perijodu, il-pagamenti kollha taċ-Ċentru twettqu mill-uffiċjal tal-kontabilità mingħajr ma' l-uffiċjal li jawtorizza ħareġ ebda ordni ta' pagament <sup>(6)</sup>.

<sup>(5)</sup> L-Artikolu 50 tar-regolament finanzjarju taċ-Ċentru.

<sup>(6)</sup> L-Artikolu 66 tar-regolament finanzjarju taċ-Ċentru.

11. Bil-kuntrarju tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti, matul l-2005 il-kontijiet taċ-Ċentru ma kinux miżmuma skond il-metodu tar-reġistrazzjoni doppja, u b'hekk inħolqu r-riskji ta' l-iżbalji.

12. Kien hemm nuqqasijiet fid-dokumentazzjoni tal-proċeduri ta' l-għażla tal-persunal taċ-Ċentru (nuqqas ta' formalizzazzjoni ta' deċiżjonijiet dwar il-ħatra u l-kompożizzjontal-bordijiet ta' l-għażla, nuqqas ta' rapport finali mill-bordijiet ta'

l-għażla fuq ix-xogħol tagħhom. Matul dan il-perijodu meta jkun qed jirrekluta l-persunal prinċipali tiegħu, iċ-Ċentru għandu jkun partikolarment attent għall-applikazzjoni stretta tal-proċeduri ta' l-għażla tiegħu.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*  
Hubert WEBER  
*President*

---

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard

Qasam ta' kompetenza Komunitarja skond it-Trattat	Kompetenzi taċ-Ċentru kif speċifikati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 851/2004		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru	Prodotti u servizzi provduti fl-2005
<p>Livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet Komunitarji kollha. L-azzjoni Komunitarja, li ser tikkomplimenta l-politiki nazzjonali, għandha tkun immirata lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni tal-mard fuq il-bniedem, u biex jevita sorsi ta' perikolu għas-saħħa tal-bniedem. Tali azzjoni għandha tkopri l-għieda kontra s-sofferenzi prinċipali tas-saħħa, permezz tal-promozzjoni tar-riċerka dwar il-kawżi tagħhom, it-trasmissjoni u l-prevenzjoni tagħhom, kif ukoll informazzjoni u edukazzjoni dwar is-saħħa.</p> <p>(Artikolu 152 tat-Trattat)</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <p>Isaħha id-difiża ta' l-Ewropa kontra l-mard li jittieħed; speċifikament, biex tidentifika, tevalwa u tikkomunika theddid attwali u emerġenti għas-saħħa tal-bniedem minn mard li jittieħed.</p> <p>Għalhekk, iċ-Ċentru għandu jopera netwerks dedikati ta' sorveljanza, jipprovdi opinjonijiet xjentifiċi, jopera sistemi ta' twissija bikrija u respons u assistenza teknika u taħriġ.</p>	<p><b>Kompiti</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Jopera netwerks dedikati ta' sorveljanza tal-mard u itejjeb l-attivitajiet tan-networking. Iċ-Ċentru għandu rwol speċifiku fil-ġbir tad-dejta, validazzjoni, analiżi u tqassim.</li> <li>— Jipprovdi pariri esperti awtorevoli u opinjonijiet u studji xjentifiċi dwar mard li jittieħed.</li> <li>— Jopera s-Sistema ta' Twissija Bikrija u Respons (EWRS). Jiżviluppa proċeduri biex jidentifikaw theddid emerġenti għas-saħħa.</li> <li>— Isaħha il-kapaċità ta' l-Istati Membri fil-preparazzjoni għall-ippjanar u t-taħriġ.</li> <li>— Jinforma l-pubbliku ġenerali u partijiet interessati dwar ix-xogħol tiegħu.</li> </ul>	<p><b>1 — Bord Amministrattiv</b></p> <p>Membru wieħed maħtur minn kull Stat Membru, żewġ membri maħtura mill-Parlament Ewropew u tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni.</p> <p>Il-Bord jadotta l-programm annwali u l-baġit taċ-Ċentru u jsegwi l-implimentazzjoni tagħhom.</p> <p><b>2 — Direttur</b></p> <p>Maħtur mill-Bord Amministrattiv fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni.</p> <p><b>3 — Forum konsultattiv</b></p> <p>Rappreżentant minn kull Stat Membru u tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni mingħajr dritt tal-vot.</p> <p>Il-Forum għandu jassigura li x-xogħol huwa xjentifikament tajjeb u indipendenti mill-attivitajiet u l-opinjonijiet taċ-Ċentru.</p> <p><b>4 — Awditur estern</b></p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p><b>5 — Awtorità t'Approvazzjoni</b></p> <p>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p><b>Baġit finali għall-2005</b></p> <p>4,85 miljun euro, inkluż is-sus-sidju komunitarju ta' 98 %.</p> <p><b>Numru tal-persunal</b></p> <p>Karigi skond il-pjan ta' twaqqif: 29</p> <p>karigi okkupati: 22</p> <p>+ 20 kariga oħra.</p> <p>Total tal-persunal: 42</p> <p>assenjati fid-doveri li ġejjin:</p> <p>operattivi: 17</p> <p>amministrattivi: 25</p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Protokollu żviluppatti biex jevalwaw in-netwerks;</li> <li>— Dokument ta' pjanar preparat għall-strateġija futura għall-attivitajiet ta' sorveljanza fl-Ewropa;</li> <li>— Twaqqif ta' gruppi xjentifiċi għas-6 gruppi ta' mard imniżżla fid-deċizzjoni 2119/98/KE;</li> <li>— Preparazzjoni ta' opinjonijiet esperti u linji ta' gwida dwar l-influenza avjarja;</li> <li>— Reponsabilità għall-EWRS (102 attività għall-pubbliku dwar is-saħħa rrapurtati u evalwati);</li> <li>— Żvilupp ta' protokollu u linji ta' gwida għat-tijms ta' assistenza biex jimmobilizzaw l-epidemija;</li> <li>— 2 missjonijiet ta' assistenza fil-każ ta' l-epidemija;</li> <li>— proċeduri definiti u fuq il-post għall-koordinazzjoni ta' theddid għas-saħħa pubblika (Kummissjoni, Stati Membri, WHO);</li> <li>— 21 rapport epidemologiku li joħroġ kull ġimgħatejn imqassam permezz tal-ġurnal <i>Eurosurveillance</i>.</li> </ul>

Sors: Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

## IĊ-ĊENTRU EWROPEW GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-MARD

Tabella 2

### Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Infiq					
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet finali tal-baġit				
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti 'il quddiem	annullati
Sussidji Komunitarji <sup>(1)</sup>	4 852	3 402	Titolu I Persunal	2 531	2 282	1 895	362	274
			Titolu II Amministrazzjoni	1 238	1 174	638	535	65
			Titolu III Attivitajiet operattivi	1 083	610	70	541	472
<b>Total</b>	<b>4 852</b>	<b>3 402</b>	<b>Total</b>	<b>4 852</b>	<b>4 066</b>	<b>2 603</b>	<b>1 438</b>	<b>811</b>

(<sup>1</sup>) Jinkludi l-appropriazzjonijiet ġestiti mill-Kummissjoni.

Tabella 3

### Kont tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

	2005
<b>Dħul operattiv</b>	
Sussidji Komunitarji	2 646
Sussidji/Dħul ieħor	0
<b>Total (a)</b>	<b>2 646</b>
<b>Nefqa operattiva</b>	
Persunal	171
Amministrazzjoni	1 185
Attivitajiet operattivi	326
<b>Total (b)</b>	<b>1 682</b>
<b>Riżultat operattiv (c = a - b)</b>	<b>964</b>
Dħul ieħor (d)	0
Spejjeż oħra (e)	11
<b>Riżultat ekonomiku (f = c + d - e)</b>	<b>953</b>

Tabella 4

### Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005

(1 000 euro)

	2005
<b>Attiv</b>	
Attiv fiss	245
Riċevibbli	320
Likwidità	2 059
<b>Total</b>	<b>2 624</b>
<b>Passiv</b>	
Bilanċ favur/kontra akkumulat	0
Riżultat ekonomiku għas-sena	953
Passiv ta' skadenza qasira	1 671
<b>Total</b>	<b>2 624</b>

Sors: Dejta ta' Ċentru — Dawn it-tabelli jagħtu sommarju tad-dejta provduta miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu.

**IR-RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU**

7. Ir-raġunijiet prinċipali għall-eżekuzzjoni tal-baġit relattivament baxxa u għall-perċentwali għolja ta' approprijazzjonijiet trasferiti kienu relatati mal-fażi ta' bidu taċ-Ċentru. L-ECDC qiegħed jagħmel progress rapidu u qed jiffoka fuq l-ippjanar tiegħu għall-aħjar użu possibbli tal-fondi allokati lilu matul l-2006.

8. Il-Bażi għat-tmexxija bbażata fuq l-attività għet stabbilita fit-tieni nofs tas-sena 2005. Matul l-2006, iċ-Ċentru qiegħed jimplimenta b'mod gradwali s-sistemi u l-proċeduri ta' rappurtaġġ neċessarji sabiex jiġi żgurat rappurtaġġ ibbażat fuq l-attività affidabbli u trasparenti.

9. Iċ-Ċentru ma kellux sistemi adegwati għall-monitoraġġ ta' bżonn ta' flus kontanti matul l-2005 għal raġunijiet relatati mal-fażi ta' bidu tiegħu. Sa minn Frar ta' l-2006, ġie introdott tbassir bażiku dwar il-bżonn ta' flus kontanti, u hekk kif iċ-Ċentru jżviluppa ulterjorment is-sistemi ta' rappurtaġġ tiegħu, it-tbassir tal-flus ta' kontanti ser jiġi irfinat iktar.

10. Is-Sitwazzjoni deskritta mill-Qorti kienet ikkawżata inizjalment min-nuqqas ta' għodda TIK rilevanti a dispożizzjoni taċ-Ċentru. It-Twaqqif ta' sistema finanzjarja ġie mħejji fl-2005 u dan

sar kompletament operazzjonali fil-bidu ta' l-2006. Ma setgħux jinħarġu ordnijiet ta' pagament awtomatizzati fl-2005 dovut għan-nuqqas ta' sistema ta' baġit TIK. Madanakollu l-pagamenti ġew biss ipproċessati wara li kien ġie żgurat illi kien hemm l-informazzjoni, l-awtorizzazzjonijiet u l-firem rilevanti. Mill-2006 'l quddiem, l-ordnijiet ta' pagamenti jiġu ipproċessati u approvati b'mod sistematiku għall-pagamenti kollha.

11. Fil-perijodu ta' bidu ta' l-2005, l-ECDC ma kellux sistema ta' kontabilità kompjuterizzata. Matul l-2006, iċ-Ċentru installa s-software kollu neċessarju u issa qiegħed jopera sistema ta' kontabilità kompletament kompjuterizzata.

12. In segwitu għar-rimarki tal-Qorti, il-proċeduri ta' reklutaġġ issa huma dokumentati b'mod iktar estensiv u huma formalizzati b'mod iktar konsistenti. Tqiegħdet il-prijorità fuq kapaċità tajba ta' reklutaġġ ta' Riżorsi Umani sabiex jiġi żgurat illi, fil-fażi ta' bini taċ-Ċentru, il-proċess ta' reklutaġġ huwa trasparenti u rigoruż.

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp  
tat-Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti  
taċ-Ċentru****WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	61
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	61
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-14	61
Tabelli 1 sa 4 .....		63
<b>Ir-Risposti taċ-Ċentru</b> .....		<b>66</b>

## INTRODUZZJONI

1. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru") kien imwaqqaf mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 <sup>(1)</sup>. Il-mandat prinċipali tiegħu huwa li jservi l-iżvilupp ta' taħriġ vokazzjonali fil-livell tal-Komunità. Sabiex jintlaħaq dan l-oġġettiv, huwa għandu l-kompitu li jiġbor u jxerred dokumentazzjoni dwar sistemi ta' taħriġ vokazzjonali.

2. Il-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru huma miġbura fil-qosor fit-*Tabella 1*. Informazzjoni prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati miċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2005 hija preżentata fit-*Tabelli 2, 3 u 4*.

## DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(2)</sup>; hija ġiet ippreparata wara eżami tal-kontijiet taċ-Ċentru, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(3)</sup> ġew magħmula mid-Direttur tiegħu, skond l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 337/75, u mibgħuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika skond il-politika u l-istandards tagħha, li huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika ġiet ipplanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

<sup>(1)</sup> ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> Dawn il-kontijiet ġew magħmula fit-30 ta' Ġunju 2006 u rċevuti mill-Qorti fl-4 ta' Lulju 2006.

## Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

## Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

Ħlief fil-każ imsemmi fil-paragrafu 13, it-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

Il-Qorti tixtieq ukoll tiġbed l-attenzjoni fuq l-osservazzjoni ppreżentata fil-paragrafu 11.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. Il-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2005 juri rata t'utilizzazzjoni ta' 90 % ta' approprijazzjonijiet ta' impenji u madwar 85 % ta' approprijazzjonijiet ta' pagamenti. Madanakollu, l-approprijazzjonijiet għall-attivitajiet operattivi juru sottoutilizzazzjoni (annullamenti ta' 15 % ta' approprijazzjonijiet ta' impenji, 20 % ta' approprijazzjonijiet ta' pagamenti u 15 % ta' approprijazzjonijiet trasferiti), b'mod partikolari wara r-riorganizzazzjoni tal-proċeduri għall-għotja tal-kuntratti. Iċ-Ċentru għandu jagħmel tibdiliet biex itejjeb l-ipprogrammar tax-xogħol tiegħu u jassigura li huwa mmonitorjat b'mod aktar rigoruż. B'konnessjoni ma' dan, il-Qorti tinnota li t-tmexxija bbażata fuq l-attività ma kinitx introdotta, anke jekk ir-regolament finanzjarju taċ-Ċentru jipprovdi għal din il-forma ta' tmexxija bil-ħsieb ta' monitoraġġ ta' l-eżekuzzjoni mtejjeb.

8. Is-*software* tal-kontabilità (FIBUS) użat miċ-Ċentru ma jħallix impenji li skadew li jiġu blokkati u l-proċedura għall-iffirmar ta' ordinijiet ta' pagament mhix konformi mad-dispożizzjoni fis-seħħ fil-preżent. Operazzjonijiet ma jistgħux jiġu traċċati faċilment fis-sistema FIBUS. Iċ-Ċentru għandu jirrimedja n-nuqqasijiet identifikati u jikkunsidra li jissostitwixxi s-*software* tal-kontabilità preżenti tiegħu mill-aktar fis possibli mas-sistema l-ġdida proposta mill-Kummissjoni għall-Aġenziji.

9. Ftit mid-doveri ta' l-uffiċjal tal-kontabilità huma mwettqa minn dipartimenti li huwa responsabbli minnhom l-uffiċjal li jawtorizza. Aġġustamenti ta' l-għeluq ta' madwar 700 000 euro b'hekk kienu magħmula fil-kontijiet fuq l-inizjattiva tad-dipartimenti li jawtorizzaw, imma dawn id-dipartimenti ma kinux iddokumentawhom. L-applikazzjoni tal-prinċipju tas-segregazzjoni tad-doveri ta' l-uffiċjal li jawtorizza u l-uffiċjal tal-kontabilità kienet tipprevjeni tali sitwazzjoni.

10. Iċ-Ċentru, sal-ġurnata ta' lllum, għadu la għamel analiżi tar-riskju, u lanqas iddefinixxa n-natura u l-frekwenza tal-kontrolli *ex post*, u m'hemm l-ebda deskrizzjonijiet tal-proċeduri ta' tmexxija u sistemi ta' kontroll intern. Fl-2005, l-uffiċjal li jawtorizza kien għadu ma vvalidax s-sistemi ta' informazzjoni finanzjarja.

11. Fl-2000, iċ-Ċentru waqqaf kumitat ta' l-appelli biex jitratta l-ilmenti tal-persunal. F'każ partikolari, dan il-kumitat, aġixxa 'il hinn mill-poteri tiegħu, meta ta *allowances* li ma kinux imniżżla fir-regoli fis-seħħ. Sabiex jassigura li ma jkunx hemm aktar każijiet bħal dawn fil-futur, il-Direttur għandu jirriserva l-poter li jirrevedi u jekk ikun neċessarju, jirrevoka dawn id-deċiżjonijiet.

12. Fl-2005, kariga ta' tmexxija importanti kienet mimlija, permezz ta' proċedura ta' selezzjoni interna meta proċedura esterna kienet tipprovdi għażla aktar wiesgħa ta' kandidati. Fil-fatt kien hemm kandidat wieħed biss li pparteċipa fis-selezzjoni u kien maħtur f'din il-kariga. Barra dan, tnejn mill-kriterja adottati għall-evalwazzjoni ta' l-applikazzjonijiet <sup>(1)</sup> ma kinux applikati

b'mod riġidu bizzjejjed biex jassiguraw il-kwalità tas-selezzjoni in kwistjoni. Il-Qorti tirrepeti b'mod insistenti l-osservazzjoni magħmula fir-rapport annwali preċedenti tagħha dwar il-bżonn għaċ-Ċentru biex isaħħaħ il-proċeduri ta' reklutaġġ tiegħu.

13. Il-Qorti eżaminat sitt kuntratti li kienu konklużi fis-sena finanzjarja 2005. Kollha minbarra wieħed kienu milquta minn irregolaritajiet <sup>(2)</sup>. F'żewġ każijiet eżaminati, ir-regoli tal-kompetizzjoni ma kinux ġew osservati <sup>(3)</sup>. Il-Qorti tieħu att tal-passi meħuda miċ-Ċentru matul l-aħħar tlett xhur ta' l-2005 biex jirrimedja n-nuqqasijiet misjuba fl-organizzazzjoni u fil-proċeduri ta' l-akkwist tiegħu.

14. Iċ-Ċentru waqqaf 17-il sit ta' l-internet u l-intranet billi uża tipi differenti ta' teknoloġiji. It-tmexxija ta' dawn is-siti u s-sistemi ta' l-IT li jsostnuhom hija fragmentata, jiġifieri, ċerti sistemi huma mmexxija mid-dipartiment ta' l-IT, oħrajn minn dipartimenti operattivi, u fl-aħħarnett, minn konsulenti. Din il-fragmentazzjoni ġġib riskji tekniċi u spejjeż eċċessivi.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri

Hubert WEBER

President

<sup>(1)</sup> Studji (Filosofija u relazzjonijiet internazzjonali) mhux relatati mal-kariga u esperjenza professjonali b'relazzjoni diretta mal-kariga ta' inqas minn 50 % minn dik mehtiegħ fl-avviż tal-kariga battala; u aktar minn hekk, l-esperjenza professjonali tal-persuna maħtura kien biss parzjalment relatata mal-kompitu li kellhom jiġu mwettqa.

<sup>(2)</sup> Nuqqas li tiġi ġustifikata l-proċedura magħżula jew li jingħad għaliex l-offerenti mistiedna biex jittgħu s-sejthiet għall-offerti kienu magħżula, kif ukoll dokumentazzjoni inadegwata ta' dan.

<sup>(3)</sup> Servizzi tat-Traduzzjoni (376 000 euro) u servizzi ta' l-IT(146 000 euro).



Tabella 1

Iċ-Ċentru Ewropej għall-Iżvilupp ta' Tahrìg Vokazzjonali (Thessaloniki)

Oqsma ta' kompetenzi stipulati mit-Trattat	Kompetenzi taċ-Ċentru hekk kif definiti fl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 ta' l-10 ta' Frar 1975	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru fl-2005 (2004)	Servizzi u prodotti provduti fl-2005 (2004)	
<p>Il-Komunità timplimenta politika ta' tahrìg vokazzjonali biex tagħti sostenn u tissupplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri f'dak li jirrigwardja l-kontenut u l-organizzazzjoni tat-tahrìg vokazzjonali.</p> <p>L-azzjoni timmira li:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— tiffaċilita l-adattament għal bidliet industrijali, b'mod partikolari permezz ta' tahrìg vokazzjonali u tahrìg mill-ġdid;</li> <li>— ittejjeb it-tahrìg vokazzjonali inizzjali u dak li għadu għaddej sabiex tiffaċilita l-integrazzjoni vokazzjonali u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol;</li> <li>— tiffaċilita l-aċċess għat-tahrìg vokazzjonali u tinkoraġixxi l-mobilità ta' l-istrutturi u t-trainees u b'mod partikolari ż-żagħżagħ;</li> <li>— tistimula l-koperazzjoni fuq it-tahrìg bejn stabbilimenti edukattivi jew vokazzjonali u ditti;</li> <li>— tiżviluppa skambji ta' informazzjoni u esperjenza fuq kwistjonijiet komuni għas-sistemi ta' tahrìg ta' l-Istati Membri</li> </ul> <p>(Mill-Artikolu 150 tat-Trattat)</p>	<p><b>Il-mandat taċ-Ċentru</b></p> <p>Il-kapaċità tiegħu bħala ċentru ta' referenza ta' l-Unjoni Ewropea għat-tahrìg vokazzjonali u l-edukazzjoni, Cedefop jipprovdi lill-persuni politiċi li jieħdu d-deċiżjonijiet, persuni li jagħmlu r-riċerka u persuni professjonali b'informazzjoni mmirata li tiżviluppa ftehim aktar ċar tat-tendenzi kurrenti li b'hekk tippermettilhom li jilhqqu deċiżjonijiet tajbin bil-ħsieb ta' azzjoni futura.</p> <p>Cedefop jassisti lill-Kummissjoni Ewropea fil-promozzjoni u fl-iżvilupp tat-tahrìg vokazzjonali u l-edukazzjoni fil-livell tal-Komunità.</p>	<p><b>Kompiti</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— li jiġbor dokumentazzjoni selezzjonata u jipproduċi analiżi tad-dejta;</li> <li>— li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-riċerka u koordinazzjoni;</li> <li>— li jutilizza u jxerred informazzjoni relevanti;</li> <li>— li jinkoraġixxi u jagħti sostenn lil approċċ miftehem għal kwistjonijiet relatati ma' l-iżvilupp ta' tahrìg vokazzjonali;</li> <li>— li jipprovdi forum għal pubbliku wiesa' u differenti.</li> </ul>	<p><b>1. Il-Bord Amministrattiv</b></p> <p>Għal kull Stat Membru:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— rappreżentant wieħed tal-Gvern;</li> <li>— rappreżentant wieħed minn organizzazzjonijiet ta' dawkl i jħaddmu;</li> <li>— rappreżentant wieħed ta' organizzazzjonijiet ta' l-impjegati.</li> </ul> <p>Tlett membri li jirrappreżentaw il-Kummissjoni, u osservaturi minn pajjiżi assoċjati (Norveġja u l-Iżlanda).</p> <p><b>2. Direttur</b></p> <p>Maħtur mill-Kummissjoni minn lista ta' kandidati ppreżentati mill-Bord Amministrattiv, iwettaq id-deċiżjonijiet tal-Bord Amministrattiv u huwa responsabbli għall-amministrazzjoni ta' kuljum taċ-Ċentru.</p> <p><b>3. Kontroll Intern</b></p> <p>Is-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoni.</p> <p><b>4. Verifika Esterna</b></p> <p>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.</p> <p><b>5. Awtorità t'Approvvazzjoni</b></p> <p>Il-Parlament, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p><b>Baġit finali:</b></p> <p>17,1 miljun euro (16,6 miljun euro)</p> <p>Sussidju mill-Komunità 96 % (99 %)</p> <p><b>Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru:</b></p> <p>Numru ta' karigi mniżżla fil-pjan ta' twaqqif: 91 (88)</p> <p>Karigi okkupati: 85 (81)</p> <p>Persunal ieħor: persunal fuq kuntratt, esperti nazzjonali ssekondati.</p> <p>Total persunal: 123</p> <p>assenjati għad-doveri li ġejjin:</p> <p>operattivi: 85</p> <p>amministrattiv: 33</p> <p>varji: 5.</p>	<p>Konferenzi u seminarji: 90 (90) b'medja ta' 24 parteċipant.</p> <p>Studji: 26 (2004: 55 (mhux komparabbli)). Studji fuq l-istess proġett b'kontribwenti varji (taħt kuntratti differenti) ġew magħquda bħala studju wieħed.</p> <p>Proġetti: 29 (2 minnhom amministrattivi) kif ukoll 20 komunità virtwali (1 minnhom amministrattiva) (2004: 38 (mhux kumparabbli)).</p> <p>Parteċipazzjoni:</p> <p>fis-segwitu ta' Maastricht, fil-programm Edukazzjoni u Tahrìg 2010, fil-programm Leonardo da Vinci, fil-qafas t'azzjoni konġunt tas-soċji soċjali, fil-Kumitat ta' Pariri dwar Tahrìg Vokazzjonali, fid-Diretturi-Ġenerali għal Tahrìg Vokazzjonali, Grupp ta' Koordinazzjoni għat-Tahrìg u Edukazzjoni 2010.</p> <p>Pubblikazzjonijiet: 60 (62).</p> <p>3 sensieli ta' publikazzjonijiet ta' l-info. Cedefop (3),</p> <p>1. 4 sensieli ta' publikazzjonijiet tal-ġurnal Ewropew dwar it-tahrìg vokazzjonali (3).</p> <p>2. Ċirkolazzjoni ta' dokumenti:</p> <p>8 582 (10 293) fuq talba,</p> <p>2 462 (2 034) abbonamenti għall-ġurnal Ewropew,</p> <p>7 493 (8 460) abbonamenti għall-info. Cedefop.</p> <p>Pubblikazzjonijiet elettroniċi:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— 3 160 (2 427) abbonamenti għan-newsletter ETV,</li> <li>— 60 440 (53 167) utenti ETV reġistrati,</li> <li>— 3 366 490 (3 306 920) ETV page views.</li> </ul> <p>3. 7 553 membri reġistrati fil-komunitajiet virtwali.</p> <p>762 (730) parteċipanti fil-programmi ta' żjarat ta' studju.</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

## IĊ-ĊENTRU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP TA' TAĦRIĠ VOKAZZJONALI

Tabella 2

## Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Infiq													
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni ta' l-infiq	Approprijazzjonijiet skond il-baġit finali					Approprijazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti			Approprijazzjonijiet għas-sena finanzjarja u trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti				
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	disponibbli	imħallsa	annullati	disponibbli	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati
Sussidji komunitarji	16 418	16 418	Titolu I Persunal (NDA)	9 468	9 075	8 862	213	393	466	395	72	9 934	9 541	9 257	213	465
			Titolu II Amministrazzjoni (NDA)	1 372	1 158	865	334	214	542	503	39	1 914	1 700	1 368	334	253
Dħul ieħor	140	36	Titolu III Attivitajiet Operattivi (DA)													
			— CA	5 578	4 774	0	71	804	0	0	0	5 578	4 774	0	71	804
			— PA	5 718		4 585	0	1 133	0	0	0	5 718	0	4 585	0	1 133
Dħul assenjat (Phare)	535	535	Dħul assenjat (Phare u oħrajn)	535	283	68	467	0	312	175	93	847	596	243	467	93
<b>Total</b>	<b>17 093</b>	<b>16 989</b>	<b>Total CA</b>	<b>16 953</b>	<b>15 290</b>	<b>0</b>	<b>1 085</b>	<b>1 411</b>	<b>1 320</b>	<b>0</b>	<b>204</b>	<b>18 273</b>	<b>16 611</b>	<b>0</b>	<b>1 085</b>	<b>1 615</b>
			<b>Total PA</b>	<b>17 093</b>	<b>0</b>	<b>14 381</b>	<b>1 014</b>	<b>1 740</b>	<b>1 320</b>	<b>1 073</b>	<b>204</b>	<b>18 413</b>	<b>0</b>	<b>15 543</b>	<b>1 014</b>	<b>1 944</b>

NDA: approprijazzjonijiet mhux differenzjati (approprijazzjonijiet ta' impenji huma ugwali fl-ammont għal approprijazzjonijiet ta' pagamenti).

DA: approprijazzjonijiet differenzjati (approprijazzjonijiet ta' impenji jistgħu jkunu differenti fl-ammont minn approprijazzjonijiet ta' pagamenti).

CA: approprijazzjonijiet ta' impenji fil-kuntest ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

PA: approprijazzjonijiet ta' pagament fil-kuntest ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

## IĊ-ĊENTRU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP TA' TAĦRIĠ VOKAZZJONALI

Tabella 3

Kont tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2005 <sup>(1)</sup>

	(1 000 euro)	
	2005	
<b>Dħul operattiv</b>		
Sussidji komunitarji		15 020
Sussidji/dħul ieħor		290
<b>Total (a)</b>		<b>15 310</b>
<b>Nefqa operattiva</b>		
Persunal		9 091
Persunal		1 962
Attivitajiet operattivi		5 021
<b>Total (b)</b>		<b>16 074</b>
<b>Riżultati operattivi (c = a – b)</b>		<b>– 764</b>
Dħul ieħor (d)		0
Spejjeż oħra (e)		4
<b>Riżultat ekonomiku (f = c + d – e)</b>		<b>– 768</b>

<sup>(1)</sup> Id-dejta għas-sena finanzjarja 2004 ma kinitx ippreżentata għaliex, wara l-bidla fil-metodi ta' kontabilità, ma tistax titqabbel mad-dejta għas-sena finanzjarja 2005.

Tabella 4

Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005 u 2004 <sup>(1)</sup>

	(1 000 euro)	
	2005	2004
<b>Attiv</b>		
Attiv fiss	5 359	5 702
Riċevibbli	369	182
Likwidità disponibbli	3 344	1 948
<b>Total</b>	<b>9 072</b>	<b>7 832</b>
<b>Passiv</b>		
Riżultat ekonomiku akkumulat	5 856	5 856
Riżultat għas-sena	– 768	0
Passiv ta' skadenza qasira	3 984	1 976
<b>Total</b>	<b>9 072</b>	<b>7 832</b>

<sup>(1)</sup> Id-dejta għas-sena finanzjarja 2004 ġiet iddikjarata mill-ġdid biex tkun komparabbli mad-dejta ta' l-2005.

Sors: <sup>(1)</sup>Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru. Dawn it-tabelli jiġbru fil-qosor id-dejta mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu.

**IR-RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU**

7. Iċ-Ċentru jieħu nota ta' l-osservazzjoni tal-Qorti. Fl-aħħar semestru ta' l-2005, iċ-Ċentru ħa miżuri fil-pront sabiex jassigura l-applikazzjoni stretta tar-regoli li jirrigwardaw il-proċeduri ta' l-akkwist u dan illimita b'mod strett l-użu ta' proċeduri negozjati. Dawk il-miżuri u d-dgħjufijiet tas-servizz ta' l-akkwist affettwaw il-livell ta' l-eżekuzzjoni tal-baġit. Filwaqt li iċ-Ċentru assigura r-regolarità tal-proċeduri huwa għamel progress fit-titjib ta' l-ippjanar tiegħu u ser jintroduċi ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

8. Iċ-Ċentru qed jikkonsidra li jibdel lil Fibus ma' softwer pro-post mill-Kummissjoni. Minkejja dan, ABAC għadu fil-fażi tal-bidu. Iċ-Ċentru qed isegwi mill-qrib żviluppi matul il-parteċipazzjoni tiegħu fl-ICTAC, CSS u n-netwerk tal-kontabilisti ta' l-aġenziji.

9. Diġa' ttieħdu passi sabiex is-Servizz tal-Finanzi/Akkwisti jiġi organizzat mill-ġdid u dan jassigura wkoll is-separazzjoni aktar ċara ta' funzjonijiet mitluba mill-Qorti. Iċ-Ċentru huwa konxju li l-proċedura ġusta hija għall-uffiċċjali li jawtorizzaw (permezz ta' delega) sabiex jipproponu t-tibdil in kwistjoni lill-kontabbli. Iċ-Ċentru qed jaħdem sabiex itejjeb is-sitwazzjoni.

10. Fil-bidu ta' l-2006 saret il-validazzjoni ta' partijiet mis-sistema finanzjarja. Id-dokumentazzjoni ta' proċeduri għandha titlesta qabel ma jsir aktar progress fil-validazzjoni tas-sistema. Iċ-Ċentru ser jimplementa evalwazzjoni tar-riskju regolari. Dan ser jiġi sostnut mill-Awditur Intern li qed jiġu reclutat bħalissa.

11. Iċ-Ċentru jieħu nota tar-rimarki tal-Qorti. Il-kumitat ta' l-appelli ġie mwaqqaf mill-Bord ta' Tmexxija bħala organu distint mid-direttur sabiex iġestixxi lmenti sabiex tiżdied l-oġġettività. Din hija għodda ta' valur kbir u b'hekk żdiedet il-kunfidenza tal-personal. Iċ-Ċentru jaġraf li huwa legalment korrett u li huwa użu raġjonevoli tal-poter li jiġu maħtura awtoritajiet li jappuntaw li jiġu mill-organizzazzjonijiet kollha li huma taħt ir-regolamenti tal-personal. Il-Qorti tirreferi għal każ individwali: il-Kumitat ta' l-Appelli ta' deċiżjoni kompletament raġunata li fiha spjega li kien qed irebbaħ somma *ex aequo et bono*. Dan iseħħ frekwentement mill-Qrati tal-Komunità u mill-Awtoritajiet li jappuntaw ta' l-Istituzzjonijiet l-oħrajn. Minkejja dan, iċ-Ċentru talab opinjoni uffiċjali u evalwazzjoni mis-servizzi legali tal-Kummissjoni Ewropea.

12. Ir-reklutaġġ beda f'Ġunju 2005 b'fażi interna skond l-Istatut. Iċ-Ċentru ddeċieda fl-aħħar ta' l-2005 li jiffavorixxi fażijiet interni/interstituzzjonali u fażijiet esterni sabiex tiżdied il-kompetizzjoni, sabiex tiżdied il-pubbliċità u sabiex jiġu applikati standards ta' l-għażla ta' l-EPPO. Il-ġurisprudenza tiddikjara li hija r-responsabbiltà tal-ġurija li tapprezza jekk il-kriterji jikkorrispondux mal-livell rikjest rigward iż-żewġ kriterji msemmija.

13. Iċ-Ċentru rreveda u għamel il-proċeduri ta' l-akkwist u l-għoti aktar stretti u ħa l-miżuri meħtieġa sabiex l-organizzazzjoni tadatta. Il-kontrolli jissalvagwarjaw li proċeduri jiġu mmexxija b'mod regolari. Miżuri speċifiċi bħalma huma s-sospensjoni tal-ħlasijiet u verifiki speċjali ġew meħuda in konsiderazzjoni rigward proċeduri u kuntratti preċedenti li ġew kritikati mill-Qorti jew mill-IAS bħal li fihom ir-riskji.

14. Iċ-Ċentru jaqbel mar-rimarki tal-Qorti. Iċ-Ċentru diġa' organizza mill-ġdid is-servizzi rispettivi sabiex tiġi solvuta l-problema.

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2005 flimkien  
mar-risposti ta' l-Eurojust****WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	68
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	68
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-11	68
Tabelli 1 sa 4 .....		70
<b>Ir-risposti ta' l-Eurojust</b> .....		72

## INTRODUZZJONI

1. Eurojust għet imwaqqfa permezz tad-deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2002/187/ĠAI <sup>(1)</sup> bi ħsieb li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata serja. L-għan tagħha huwa li ttejjeb il-koordinazzjoni ta' l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet li jkopru t-territorji ta' bosta Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll ta' Stati li mhumiex membri.

2. *Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Eurojust. Informazzjoni prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji preparati mill-Eurojust għas-sena finanzjarja 2005, hija preżentata fit-*Tabelli 2, 3 u 4*

## DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 36 tad-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI.

4. Il-kontijiet ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(2)</sup> ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 36 tad-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI, u mibgħuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika skond il-politika u l-istandards tagħha, li huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika għet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2002 għat-twaqqif ta' l-Eurojust (ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1).

<sup>(2)</sup> Dawn il-kontijiet ġew magħmula fid-29 ta' Ġunju 2006 u rċevuti mill-Qorti fit-7 ta' Lulju 2006.

### Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

### Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Eurojust, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni l-opinjoni tal-Qorti.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. Analiżi ta' l-implimentazzjoni tal-baġit wriet li 90 % ta' l-approprijazzjonijiet mogħtija għas-sena kienu ġew impenjati. Ir-rata ġenerali ta' pagamenti meta mqabbla ma' l-impenji tas-sena hija ta' 84 %. Minkejja dan, ir-rata ta' użu ta' approprijazzjonijiet operattivi (Titolu III) kien baxx: 80 % biss ta' l-approprijazzjonijiet ta' impenji għas-sena ġew użati u terz ta' l-approprijazzjonijiet kellhom jiġu trasferiti 'il quddiem. Għall-istess nefqa, aktar minn 15 % ta' l-impenji trasferiti 'il quddiem għas-sena kellhom jiġu annullati. Dawn ir-riżultati jissuġġerixxu li li hemm bżonn titjib kwalitattiv fl-ipprogrammar ta' l-infiq amministrattiv sabiex ikun evitat li r-riżorsi jkunu mobilizzati mingħajr bżonn. Il-Kulleġġ iddeċieda biex jawtorizza li impenji għal total ta' 285 484 euro jiġu trasferiti 'il quddiem b'mod mhux awtomatiku. Tali trasferimenti huma permessi biss jekk il-maġġoranza tal-fażijiet preparatorji għall-att ta' l-impenn ikunu ġew ikkometati qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja u dan ma kienux il-każ.

8. L-Eurojust għad m'għandiex regolament finanzjarju tagħha proprju u, minħabba f'hekk, komplet tapplika r-regolament finanzjarju strutturali għall-korpi Komunitarji <sup>(3)</sup>. Fl-aħħar ta' l-2005, il-Kummissjoni kienet għadha ma ħarġitx opinjoni dwar l-abbozz ta' regolament mill-Eurojust f'Mejju ta' l-istess sena.

9. L-inventarju ta' l-attiv fiss huwa ġestit permezz ta' *spreadsheet*, li ma tassigurax l-integrità tad-dejta. It-traċċabilità ta' l-attiv mhix assigurata minħabba nuqqas ta' informazzjoni dwar fejn dawn huma qegħdin. Sa mit-twaqqif ta' l-Eurojust ma sar ebda inventarju fiżiku komplut ta' l-attiv fiss.

10. Il-Bord ta' Tmexxija għadu ma adotta l-ebda standards tal-kontroll intern. Hemm nuqqas ta' formalizzazzjoni tal-proċeduri operattivi u tal-kontabilità. Fl-2005, il-listi li jiddeskrivu l-kontrolli li għandhom jitwettqu fuq l-impenji baġitarji relatati ma' proċeduri operattivi importanti (akkwist u reklutaġġ) ma kinux suffiċjentament żviluppjati.

<sup>(3)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).

11. Instagħbu xi anomaliji f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri ta' xiri pubbliku u l-ġestjoni tal-kuntratti, b'mod partikolari, in-nuqqas ta' linji ta' gwida dwar il-bażi applikata għall-

kriterji ta' għotja, u taħwid bejn il-kriterji ta' għażla u l-kriterji biex jingħataw il-kuntratti. Barra dan, kuntratti ta' qafas, eċċedew l-iskadenzi imniżżla fid-dispożizzjonijiet regolatorji.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*  
Hubert WEBER  
*President*

—

Tabella 1

## L-Eurojust (The Hague)

Oqsma ta' kompetenzi stipulati mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea	Kompetenzi ta' l-Eurojust hekk kif definiti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2002 (2002/187/JHA)	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Eurojust 2005(2004)	Attivitajiet u servizzi provduti 2005(2004)																									
<p>Korp tat-tielet kolonna mwaqqaf permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.</p> <p>L-objettiv ta' l-Unjoni huwa li toffri liċ-ċittadini livell għoli ta' protezzjoni f'żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.</p> <p>Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni permezz ta' l-Eurojust billi għamilha possibbli għall-Eurojust li; tiffaċilita koordinazzjoni adegwata bejn l-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni nazzjonali ta' l-Istati Membri (Artikoli 29 u 31)</p> <p>L-oqsma prinċipali ta' responsabilità ta' l-Eurojust huma l-istess bħal dawk ta' l-Europol, jiġifieri l-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, b'mod partikolari t-traffikar tad-droga, l-immigrazzjoni illegali, it-traffikar illeċitu ta' karożżi, it-traffikar ta' bnedmin, il-falsifikazzjoni tal-flus, it-traffikar ta' sustanzi radjo-attivi, il-kriminalità ta' l-informatika, atti għad-detriment ta' l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea u l-ħasil tal-flus.</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <p>Artikolu 3</p> <p>Deċiżjoni ta' l-Eurojust</p> <p>— Tistimola u ttejjeb il-koordinazzjoni, bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istati Membri responsabbli mill-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet;</p> <p>— Ittejjeb il-kooperazzjoni billi tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, assistenza legali reċiproka u l-implimentazzjoni ta' talbiet t'estradiżjoni.</p> <p>— Tagħti għajjnuna lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri sabiex l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tagħhom ikunu aktar effettivi.</p> <p>— Tagħti għajjnuna fi proċeduri li jinvolvu Stati Membri u Stati li mhumiex membri..</p> <p>— Tagħti għajjnuna fi proċeduri li jinvolvu Stat Membru u l-Komunità.</p>	<p><b>Kompiti</b></p> <p>Artikoli 5, 6 u 7</p> <p>Deċiżjoni ta' l-Eurojust</p> <p>Sabiex torganizza l-kooperazzjoni bejn il-varji ġurisdizzjonijiet nazzjonali, l-Eurojust taħdem:</p> <p>— permezz tal-membri nazzjonali tagħha; jew</p> <p>— bħala Kulleġġ.</p> <p>Jekk l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ikkonċernat jiddeċiedu li ma jsegwux irrikjesti maħruġa mill-Eurojust bħala Kulleġġ huma għandhom jinfurmaw lill-Eurojust bir-raġunijiet tagħhom.</p>	<p>1 — <b>Il-Kulleġġ</b> huwa responsabbli mill-organizzazzjoni u l-operat ta' l-Eurojust.</p> <p>2 — Il-Kulleġġ huwa magħmul minn <b>membri nazzjonali</b> ssekondati minn kull Stat Membru skond is-sistema ġuridika, li huma prosekuturi, imħallfin jew uffiċjali tal-pulizija b'kompetenza ekwivalenti.</p> <p>3 — Il-Kulleġġ jeleġi lill-<b>President</b> tiegħu minn fost il-membri nazzjonali.</p> <p>4 — <b>Il-Korp Konġunt Superjuri</b> jiċċekkja l-iproċessar tad-dejta personali.</p> <p>5 — <b>Id-Direttur Amministrattiv</b> huwa nominat unanimament mill-Kulleġġ.</p> <p>6 — <b>Verifika esterna:</b> il-Qorti ta' l-Awdituri.</p> <p>7 — <b>Approvazzjoni</b> hija mogħtija mill-Parlament fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p><b>Baġit finali 2005:</b></p> <p>13-il miljun euro (9,3 miljun euro)</p> <p>Sussidju komunitarju: 100 % (100 %):</p> <p><b>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2005:</b></p> <p>87 (76) kariga imniżżla fil-pjan ta' twaqqif,</p> <p>karigi okkupati: 70 (52)</p> <p>+ 15 (13) persunal ieħor (2 esperti nazzjonali ssekondati, persunal lokali, 13-il persuna bħala persunal impjegat mill-aġenziji)</p> <p>Total tal-persunal: 85 (65)</p> <p>assenjati fil-kompiti segwenti:</p> <p>kompiti operattivi: 31 (27)</p> <p>kompiti amministrattivi: 41 (26)</p> <p>kompiti varji: 13 (12)</p>	<table border="0"> <tr> <td>numru ta' laqgħat</td> <td>73 (52)</td> </tr> <tr> <td>każijiet bilaterali</td> <td>462 (272)</td> </tr> <tr> <td>każijiet multilaterali</td> <td>124 (109)</td> </tr> <tr> <td>numru totali ta' każijiet</td> <td>588 (381)</td> </tr> <tr> <td>Frodi</td> <td>14 % (20 %)</td> </tr> <tr> <td>Traffiku tad-droga</td> <td>16 % (20 %)</td> </tr> <tr> <td>Terroriżmu</td> <td>3 % (7 %)</td> </tr> <tr> <td>Qtil</td> <td>5 % (7 %)</td> </tr> <tr> <td>Kuntrabandu</td> <td>mħux disponibbli %</td> </tr> <tr> <td>Traffiku ta' bnedmin</td> <td>4 % (4 %)</td> </tr> <tr> <td>Ħasil tal-flus</td> <td>6 % (7 %)</td> </tr> <tr> <td>Oħrajn</td> <td>52 % (35 %)</td> </tr> </table>	numru ta' laqgħat	73 (52)	każijiet bilaterali	462 (272)	każijiet multilaterali	124 (109)	numru totali ta' każijiet	588 (381)	Frodi	14 % (20 %)	Traffiku tad-droga	16 % (20 %)	Terroriżmu	3 % (7 %)	Qtil	5 % (7 %)	Kuntrabandu	mħux disponibbli %	Traffiku ta' bnedmin	4 % (4 %)	Ħasil tal-flus	6 % (7 %)	Oħrajn	52 % (35 %)
numru ta' laqgħat	73 (52)																												
każijiet bilaterali	462 (272)																												
każijiet multilaterali	124 (109)																												
numru totali ta' każijiet	588 (381)																												
Frodi	14 % (20 %)																												
Traffiku tad-droga	16 % (20 %)																												
Terroriżmu	3 % (7 %)																												
Qtil	5 % (7 %)																												
Kuntrabandu	mħux disponibbli %																												
Traffiku ta' bnedmin	4 % (4 %)																												
Ħasil tal-flus	6 % (7 %)																												
Oħrajn	52 % (35 %)																												

Sors: informazzjoni mogħtija mill-Eurojust.



# EUROJUST

Tabella 2

## Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Infiq													
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni ta' l-infiq	Appropriazzjonijiet skond il-baġit finali					Appropriazzjonijiet trasferiti 'il quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti				Appropriazzjonijiet għas-sena finanzjarja kurrenti u trasferiti 'il quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti			
				finali	impen- jati	imħallsa	trasferiti 'il quddiem	annul- lati	dispo- nibbli	imħallsa	annul- lati	dispo- nibbli	impen- jati	imħallsa	trasferiti 'il quddiem	annullati
Sussidji komunitarji	13 000	13 000	Titolu I Persunal	5 419	5 196	5 084	112	223	88	83	5	5 507	5 284	5 167	112	228
Dħul ieħor		8	Titolu II Amministrazzjoni	3 380	3 207	2 591	723	66	434	426	8	3 814	3 641	3 017	723	74
			Titolu III Attivitajiet operattivi	4 201	3 377	2 276	1 280	645	345	291	54	4 546	3 722	2 567	1 280	699
<b>Total</b>	<b>13 000</b>	<b>13 008</b>	<b>Total</b>	<b>13 000</b>	<b>11 780</b>	<b>9 951</b>	<b>2 115</b>	<b>934</b>	<b>867</b>	<b>800</b>	<b>67</b>	<b>13 867</b>	<b>12 647</b>	<b>10 751</b>	<b>2 115</b>	<b>1 001</b>

Tabella 3

### Kont tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2005 <sup>(1)</sup>

(1 000 euro)

	2005
<b>Dħul operattiv</b>	
Sussidji komunitarji	11 991
Sussidji/dħul ieħor	59
<b>Total (a)</b>	<b>12 050</b>
<b>Infiq operattiv</b>	
Persunal	5 149
Amministrazzjoni	3 308
Attivitajiet operattivi	2 054
<b>Total (b)</b>	<b>10 511</b>
<b>Riżultat operattiv (c = a - b)</b>	<b>1 539</b>
Dħul ieħor (d)	0
Spejjeż oħra (e)	3
<b>Riżultat ekonomiku (f = c + d - e)</b>	<b>1 536</b>

<sup>(1)</sup> ) Id-dejta għas-sena 2004 mhix ippreżentata peress li din mhix kumparabbli ma' dik tas-sena 2005 minħabba l-bidla fil-metodi ta' kontabilità applikati.

Tabella 4

### Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005 u 2004 <sup>(1)</sup>

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Attiv</b>		
Attiv fiss	1 773	1 455
Riċevibbli	159	152
Likwidità disponibbli	3 130	2 082
<b>Total</b>	<b>5 062</b>	<b>3 689</b>
<b>Passiv</b>		
Riżultat ekonomiku akkumulat	1 842	1 669
Riżultat ekonomiku għas-sena	1 536	173
Passiv ta' skadenza qasira	1 684	1 847
<b>Total</b>	<b>5 062</b>	<b>3 689</b>

<sup>(1)</sup> ) Dejta għas-sena finanzjarja 2004 ġiet iddikjarata mill-ġdid biex tkun komparabbli mad-dejta ta' l-2005.

**IR-RISPOSTI TA' L-EUROJUST**

7. L-Eurojust tixtieq tişhaq li l-volum ta' l-attivitajiet tagħha jiddependi ħafna fuq in-numru ta' każijiet riferuti mill-Istati Membri. Għalhekk, il-programmar ta' l-allokazzjoni tar-riżorsi tagħha għandu natura indikattiva u approssimattiva ferm. Barra minn hekk, l-allokazzjoni f'Diċembru 2004 ta' 2 miljun Ewro għall-attivitajiet operattivi ta' l-Eurojust kellha impatt negattiv fuq il-livell ta' eżekuzzjoni tagħna fuq titlu 3.

Eurojust sejra tapplika strettament ir-regolament applikabbli fid-deċiżjonijiet futuri tagħha li jkollhom x'jaqsmu mal-proċedura mhux awtomatika ta' *carrying-over*.

8. Il-konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni fuq l-abbozz tar-regolament finanzjarju ta' l-Eurojust ġew konklużi u t-test li sar qbil fuqu ġie adottat mill-Kulleġġ fl-20 t'April 2006.

9. Eurojust tat prijorità għat-twaqqif ta' sistema ta' inventarju ta' l-assi sabiex tissodisfa l-obbligi tal-kontabilità. Bħalissa qegħda tiġi implimentata *database* ta' inventarji eżawrjenti.

10. L-Uffiċjal li jagħti l-Awtorizzazzjonijiet ippreżenta standards ta' kontroll intern ibbażati fuq dawk adottati mill-Kummissjoni lill-Kulleġġ ta' l-Eurojust sabiex jiġu adottati matul l-aħħar tliet xhur tas-sena 2006.

Fl-2006, fuq il-bażi ta' l-esperjenza tagħha, Eurojust bdiet ittejjeb il-listi ta' kontroll użati għall-operazzjonijiet baġitarji prinċipali tagħha.

11. Eurojust tejbet il-proċeduri tagħha għas-sejriet għall-offerti bil-għan li tagħmel distinzjoni aktar ċara bejn il-kriterji ta' għażla u ta' aġġudikazzjoni. Ebda mill-kuntratti msemija mill-Qorti m'huma se jintużaw wara l-perjodu ta' erba' snin permess.

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena  
finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti tal-Fondazzjoni****WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	74
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	74
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-11	74
Tabelli 1 sa 4 .....		76
<b>Ir-Risposti tal-Fondazzjoni</b> .....		79

## INTRODUZZJONI

1. Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (minn hawn 'il quddiem imsejja "il-Fondazzjoni") kienet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990 <sup>(1)</sup>. L-iskop tal-Fondazzjoni huwa li tagħti sostenn lir-riforma tat-taħriġ vokazzjonali fil-pajjiżi soċji ta' l-Unjoni Ewropea. F'dan l-inkarigu, hija tassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' varji programmi (PHARE, TACIS, CARDS u MEDA).

2. It-Tabella 1 tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet tal-Fondazzjoni. Informazzjoni prinċipali, meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2005, hija preżentata fit-Tabelli 2, 3 u 4.

## DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(2)</sup>; hija ġiet ippreparata wara eżami tal-kontijiet tal-Fondazzjoni, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(3)</sup> ġew magħmula mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1360/90, u mibgħuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika skond il-politika u l-istandards tagħha, li huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

<sup>(1)</sup> ĠU L 131, 23.5.1990, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> Dawn il-kontijiet ġew magħmula fit-30 ta' Awwissu 2006 u rċevuti mill-Qorti fl-14 ta' Settembru 2006.

## Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

## Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-dikjarazzjoni tal-Qorti.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. Għalkemm ir-rata t'impenji għall-appropriazzjonijiet għas-sena finanzjarja hija għolja (prattikament 100 % għall-attivitajiet proprji tal-Fondazzjoni), l-attenzjoni tal-Fondazzjoni hija mixħuta fuq ir-rata għolja ('il fuq minn 40 %) tat-trasferimenti ta' impenji għall-attivitajiet operattivi (Titolu III). Sitwazzjoni simili teżisti għall-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet MEDA u Tempus. Il-Fondazzjoni għandha tassigura li hija tipprogramma l-attivitajiet tagħha aħjar.

8. Bħas-snin preċedenti, u bi ksur tar-regolament finanzjarju tagħha, il-Fondazzjoni ppubblikat biss sommarju tal-baġit tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali. In-nomenklatura tal-baġit għandha nuqqas ta' bilanċ: żewġ punti fihom ammonti li jirrappreżentaw kważi 10 % tal-baġit tagħha. Barra dan, il-parti l-kbira tat-titoli tal-baġit relattivi man-nefqa operattiva (Titolu III) huma sotto-diviżi b'mod iddettaljat fil-livell ta' punt skond il-prinċipju ta' destinazzjoni. Il-livell ta' dettall huwa tali li jeħtieġ numru ta' trasferimenti. Barra dan, nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-unità finanzjarja u l-unitajiet operattivi twassal għal trasferimenti addizzjonali.

9. Il-kontijiet finali kienu kkaratterizzati minn dewmien u diffikultajiet biex jiġu stabbiliti skond ir-regoli eżistenti.

10. Il-Fondazzjoni għadha ma spiċċatx tintroduċi s-sistema ta' kontroll intern tagħha. M'hemmx deskrizzjoni kompleta tas-sistemi ta' kontroll intern jew inkella formalizzazzjoni tal-proċeduri użati. M'hemm l-ebda analiżi tar-riskji operattivi u l-kontrolli *ex-post* għadhom ma ġewx stabbiliti. Barra minn hekk, l-uffiċjal tal-kontabilità għadu ma vvalidax l-

informazzjoni tal-kontijiet u s-sistemi ta' l-inventarju. B'mod ġenerali, is-sorveljanza u l-kontroll ta' operazzjonijiet u r-rapporti finanzjarji u tal-baġit huma adegwati. Mogħtija r-riskji assoċjati ma' din is-sitwazzjoni, il-Fondazzjoni għandha tagħmilha priijorità biex tiegħu azzjoni fuqha.

11. Instabu nuqqasijiet fil-qasam tad-dokumentazzjoni f'żewġ proċeduri ta' selezzjoni tal-persunal: it-tiċħid ta' applikanti mingħajr ġustifikazzjoni fil-fajls <sup>(1)</sup>, u n-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-kriterja użata biex jiġu magħżula l-kandidati fl-istadju ta' pre-selezzjoni.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*

Hubert WEBER

*President*

---

<sup>(1)</sup> L-ebda dokumentazzjoni ma nstabt fil-fajls dwar ir-raġunijiet għal liex il-kandidati ma kinux mistiedna għal intervisti.

Tabella 1

## Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (Turin)

Oqsma ta' kompetenzi stipulati mit-Trattat	Kompetenzi tal-Fondazzjoni Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990.		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Fondazzjoni (deġta għall-2004)	Prodotti u servizzi provduti
<p>"Il-Komunita għandha twettaq, fil-qasam tal-kompetenzi tagħha ekonomiċi, koperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi. Tali miżuri għandhom ikunu kumpli-mentari għal dawk imwettqa mill-Istati Membri u konsistenti mal-politika ta' l-iżvilupp tal-Komunita".</p> <p>(l-Artikolu 181 A)</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <p>— Biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-sistemi ta' taħriġ vokazzjonali ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u ta' l-istati indipendenti ta' l-ex-Unjoni Sovjetika li jibbenifikaw mill-programm biex jassisti r-riforma ekonomika u ta' rkupru fl-Istati Indipendenti l-Ġodda u fil-Mongolja u fil-pajjiżi Mediterranji mhux membri li jibbenifikaw minn miżuri finanzjarji u tekniċi li jakkumpanjaw-hom għar-riforma ta' l-istrutturi ekonomiċi u soċjali tagħhom.</p> <p>— Biex tippromwovi l-koordinazzjoni ta' l-assistenza mogħtija lill-pajjiżi eliġibbli</p>	<p><b>Kompiti</b></p> <p>Skond il-linji gwida ġenerali stabbiliti mill-Komunita, l-ETF topera fil-qasam tat-taħriġ, li tkopri taħriġ professjonali, inizjali u tul il-ħajja u taħriġ mill-ġdid taż-żgħażaġh u adulti permezz tal-kompiti segwenti:</p> <p>— Assistenza biex jiġu definiti l-bżonnijiet tat-taħriġ u tal-prijoritajiet permezz ta' l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' assistenza teknika fil-qasam tat-taħriġ u permezz ta' koperazzjoni mal-korpi desinjati approprijati fil-pajjiżi eliġibbli;</p> <p>— Taġixxi bħala <i>clearing house</i> biex tipprovi lill-Komunita, lill-Istati Membri tagħha u lill-Istati mhux membri kkonċernati informazzjoni dwar inizjattivi kurrenti u bżonnijiet futuri fil-qasam tat-taħriġ u tipprovi qafas biex iservi bħala kanal għall-offerti ta' assistenza</p>	<p>1) <b>Kunsill Amministrattiv</b></p> <p>— Rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru</p> <p>— tlett rappreżentanti tal-Kummissjoni</p> <p>— Presedut mill-Kummissjoni</p> <p>2) <b>Direttur</b></p> <p>— Maħtur mill-Kunsill Amministrattiv dwar pro-posta mill-Kummissjoni</p> <p>3) <b>Forum Konsultattiv</b></p> <p>— Maħtur mill-Kunsill Amministrattiv</p> <p>— Żewġ esperti minn kull Stat Membru</p> <p>— Żewġ esperti minn kull pajjiż eliġibbli</p> <p>— Żewġ esperti minn soċji esperti fil-livell Ewropew</p> <p>4) <b>Il-verifika esterna</b></p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p>5) <b>Verifika Interna</b></p> <p>Id-dipartiment tal-verifika interna tal-Kummissjoni</p> <p>6) <b>Approvazzjoni</b></p> <p>Il-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill</p>	<p><b>Baġit finali għall- 2005</b></p> <p>26,3 (18,5) miljun euro maqsuma f'18,5 (17,6) miljun euro ffinanzjati minn sussidju tal-Kummissjoni u 7,45 (0,9) miljun euro ffinanzjati minn korpi oħra bħal dħul assenjat.</p> <p><b>Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2005</b></p> <p>— 104 (104) karigi fil-pjan ta' twaqqif, li minnhom 97 (99) karigi okkupati</p> <p>— 22 (17) persunal ieħor (awżiljarji, persunal lokali, persunal fuq kuntratt) impjegat biex iwettaq kompiti tal-persunal temporanju li qed jiġi reklutat jew biex jitlaħħaq ammont ta' xogħol eċċez-zjonali</p> <p>— <i>Total tal-persunal:</i> 119 (116) assenjati għad-doveri segwenti:</p> <p>— kompiti operattivi: 68 (67);</p> <p>— kompiti amministrattivi: 33 (32);</p> <p>— kompiti varji: 18 (17).</p>	<p><b>Attivitajiet</b></p> <p>L-assistenza provduta mill-Fondazzjoni tkopri xejra wiesgħa ta' oqsma tekniċi inklużi taħriġ vokazzjonali inizjali, taġlim tul il-ħajja, edukazzjoni kontinwa (adulti), żvilupp tar-riżorsi umani f'kumpaniji, politika ta' impjegi, taħriġ għal persuni mhux impjegati, għieda kontra l-faqar u inklużjoni soċjali u taħriġ biex jiġi nkorraġġut l-iżvilupp lokali.</p> <p>Sostenn għall-Kummissjoni</p> <p>Fl-2005, 127 talbiet ġodda għal sostenn kienu riċevuti mill-Kummissjoni. Il-maġġoranza kienu mid-Delegazzjonijiet (35 %), segwiti minn AIDCO (21 %), id-DĠ EAC (16 %), id-DĠ ELARG (9 %) u d-DĠ RELEX (7 %). Dawn kienu jinkludu 18-il analiżi tas-sitwazzjoni fil-pajjiżi ENPI. Ir-rata ta' sodisfazzjoni tal-Kummissjoni b'reazzjoni ta' l-ETF kienet 97 %.</p> <p>L-applikazzjonijiet l-aktar frekwenti kienu dawk fil-qasam ta' l-ipprogrammar, segwiti minn politika u kontribuzzjonijiet fil-preparazzjoni ta' Instrumenti tal-Viċinat Ewropew, l-identifikazzjoni ta' proġetti u segwitu..</p> <p>Informazzjoni u analiżi</p> <p>Studji tas-settur nazzjonali, statistiċi fuq l-edukazzjoni, pariri lill-pajjiżi fuq il-politika.</p> <p>Proġetti ta' sostenn għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp Bħala ċentru ta' esperti, l-ETF tikkontribwixxi lejn it-twaqqif ta' proġetti ta' żvilupp sabiex tittestja approċċi innovattivi li jippermetti lill-pajjiżi soċji jitwettqu riformi tas-sistemi ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali tagħhom.</p> <p>Assistenza teknika lid-DĠ EAC għall-implimentazzjoni tal-programm Tempus</p> <p>Konvenzjonijiet ta' Assistenza ma' CARDS, MEDA u Tacis għall-programm Tempus: Din l-assistenza tkopri ċ-ċiklu kollu tal-programm. Hija tinkludi s-selezzjoni, it-tmexxija u s-segwitu tal-kuntratti u ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, inkluż is-sostenn amministrattiv ġenerali. Għodda ta' l-IT bħal applikazzjonijiet <i>online</i> u formoli tar-rappurtar iffaċilitaw ħafna t-tmexxija amministrattiva taċ-ċikli differenti ta' proġetti.</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Fondazzjoni.

## FONDAZZJONI EWROPEA GĦAT-TAĦRIĠ

Tabella 2  
Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Infiq															
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni ta' l-infiq	Approprijazzjonijiet skond il-baġit finali					Approprijazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti				Approprijazzjonijiet għas-sena finanzjarja u trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti					
				mdaħħla	impen- jati	imħallsa	trasferiti	annul- lati	dispo- nibbli	imħallsa	trasferiti	annul- lati	dispo- nibbli	impen- jati	imħallsa	trasferiti	annullati	
Sussidji komunitarji	18 500	18 500	Titolu I Persunal	11 942	11 787	11 310	478	154	123	110	0	13	12 065	11 910	11 420	478	167	
Riżorsi proprji	759	0	Titolu II Amministrazzjoni	1 568	1 559	1 232	326	10	247	227	0	20	1 815	1 806	1 459	326	30	
Dħul ieħor	0	34	Titolu III Attivitajiet operattivi	4 990	4 744	2 818	1 925	247	1 168	813	0	355	6 158	5 912	3 631	1 925	602	
Awtoritajiet Taljani — dħul assenjat	1 131	479	Titolu IV Ministeru Taljan	479	357	123	356	0	651	342	309	0	1 130	1 008	465	665	0	
MEDA-ETE — dħul assenjat	5 000	2 500	Titolu V Konvenzjonijiet MEDA-ETE	5 000	2 604	135	4 865	0	0	0	0	0	5 000	2 604	135	4 865	0	
TEMPUS -dħul assenjat	1 323	1 739	Titolu VI Konvenzjonijiet TEM-PUS	2 363	1 327	677	1 686	0	0	0	0	0	2 363	1 327	677	1 686	0	
<b>Total</b>	<b>26 713</b>	<b>23 252</b>	<b>Total</b>	<b>26 342</b>	<b>22 378</b>	<b>16 295</b>	<b>9 636</b>	<b>411</b>	<b>2 189</b>	<b>1 492</b>	<b>309</b>	<b>388</b>	<b>28 531</b>	<b>24 567</b>	<b>17 787</b>	<b>9 945</b>	<b>799</b>	

## FONDAZZJONI EWROPEA GĦAT-TAĦRIĠ

Tabella 3

Kont tar-riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja 2005 <sup>(1)</sup>

(1 000 euro)	
	2005
<b>Dħul operattiv</b>	
Sussidji komunitarji	18 484
Sussidji oħra/dħul	7 842
<b>Total (a)</b>	<b>26 326</b>
<b>Nefqa operattiva</b>	
Persunal	11 785
Amministrazzjoni	2 091
Operazzjonijiet	12 237
<b>Total (b)</b>	<b>26 113</b>
<b>Riżultat ta' l-operazzjonijiet (c = a – b)</b>	<b>213</b>

<sup>(1)</sup> Id-dejta għas-sena finanzjarja 2004 ma kinitx ippreżentata għaliex, wara l-bidla fil-metodi ta' kontabilità, ma tistax titqabbel mad-dejta għas-sena finanzjarja 2005.

Tabella 4

Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005 u 2004 <sup>(1)</sup>

(1 000 euro)		
	2005	2004
<b>Assi</b>		
Assi fissi	3 426	3 630
Stokk	37	76
Riċevibbli	1 440	1 697
Likwidità disponibbli	23 665	23 170
<b>Total</b>	<b>28 568</b>	<b>28 573</b>
<b>Passiv</b>		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	3 458	3 458
Riżultati ekonomiku għas-sena	213	
Passiv ta' skadenza twila	205	205
Passiv ta' skadenza qasira	24 692	24 910
<b>Total</b>	<b>28 568</b>	<b>28 573</b>

<sup>(1)</sup> Id-dejta għall-2004 ġiet iddikjarata mill-ġdid biex tkun komparabbli mad-dejta ta' l-2005.

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Fondazzjoni — Dawn it-tabelli jiġbru fil-qosor id-dejta mogħtija mill-Fondazzjoni fil-kontijiet annwali tagħha.



**IR-RISPOSTI TAL-FONDAZZJONI**

7. Il-biċċa l-kbira ta' l-ammont miġjub 'il quddiem (83 %) jirrigwarda impenji li jikkorrispondu ma' l-attivitajiet li tlestew fl-2005 u li ma saritilhomx rikjesta ta' ħlas fil-ħin dovut. Firrigward ta' l-attivitajiet Tempus u MEDA, minħabba l-fatt li l-konvenzjonijiet korrispondenti m'humix annwali u ma jikkoinċidux mas-sena finanzjarja, dan qed ikollu effett negattiv fuq ir-rata ta' trasferimenti mis-sena preċedenti.

8. Wara l-kummenti preċedenti mogħtija mill-Qorti ta' l-Awdituri, il-baġit dettaljat ta' l-2006 flimkien mal-pjan tal-personal ġie ppublikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 67, tat-8.3.2006). Għal proċedura tal-baġit ta' l-2007, l-ETF għandha l-intenzjoni li tirrevedi l-istruttura tal-baġit tagħha, b'konformità mar-rekwiżiti regolatorji, sabiex b'hekk tkun tista' tindirizza xi wħud mill-punti dgħajfa indentifikati.

9. Fil-ġejjieni, l-ETF se tieħu miżuri xierqa sabiex issolvi s-sitwazzjoni deskritta mill-Qorti.

10. L-ETF taf li l-Uffiċjal tal-Kontabilità jrid jivvalida s-sistemi ta' informazzjoni tal-kontijiet u ta' l-inventarju. Sadanittant, l-Uffiċjal tal-Kontabilità ta' l-ETF se jaħdem fuq il-validazzjoni tas-sistemi abbażi tal-metodoloġija użata fil-Kummissjoni.

11. Mis-sena 2004, l-ETF introduċiet format globali għar-rapporti tal-bord ta' selezzjoni li ma jħallix spazju għal noti individwali minn membri tal-panil. L-ETF se jistudja l-possibilità li jagħti iktar informazzjoni dwar il-fażi ta' selezzjoni.

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib  
tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2005  
flimkien mar-risposti tal-Fondazzjoni****WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	81
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	81
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-10	81
Tabelli 1 sa 4 .....		83
<b>Ir-Risposti tal-Fondazzjoni</b> .....		85

**INTRODUZZJONI**

1. Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem imsejja "il-Fondazzjoni") kienet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 <sup>(1)</sup>. L-għan tagħha huwa li tik-kontribwixxi għall-ippjanar u t-twaqqif ta' ħajja u kondizzjonijiet ta' xogħol aħjar fl-Unjoni Ewropea billi żżid u xxerred għarfien li huwa relevanti għal dan is-suġġett.

2. It-Tabella 1 tiġbor fil-qosor il-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Fondazzjoni. Informazzjoni prinċipali mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2005 hija preżentata fit-Tabelli 2, 3 u 4.

**DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI**

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185(2), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(2)</sup>; għiet ippreparata wara eżami tal-kontijiet tal-Fondazzjoni, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja mitmuma fil-31 ta' Diċembru 2005 ġew ippreparati mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 16 tar-Regolament (KEE) Nru 1365/75, u mib-għuta mill-Qorti <sup>(3)</sup>, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika skond il-politika u l-istandards tagħha li huma bbażati fuq l-istandards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika għet ippjanata u mwettqa bi ħsieb li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

**L-affidabilità tal-kontijiet**

Il-kontijiet tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

**Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi**

It-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

7. Ir-rati ta' utilizzazzjoni għall-approprijazzjonijiet ta' impenji mdaħħla fil-baġit għas-sena finanzjarja huma għoljin ħafna, ma dan, ir-rata ta' annullament għall-approprijazzjonijiet trasferiti hija baxxa ħafna. Madanakollu, ir-rati ta' trasferiment fir-rigward ta' impenji għan-nefqa amministrattiva (Titolu II) u għall-attivitajiet operattivi (Titolu III) baqgħu għoljin, 37 % u 44 % rispettivament.

8. Fl-1998, il-Fondazzjoni rreġistrat telf tal-baġit ta' 2,4 miljun euro. Minħabba li f'dak iż-żmien, il-Fondazzjoni ma kelliex il-bżonn li l-approprijazzjonijiet jiġu trasferiti, il-Kummissjoni ma ħaditx in konsiderazzjoni dawn it-trasferimenti meta hija hall-set il-konċessjonijiet. Tul iż-żmien, dan it-telf ġie parzjalment paċut mid-dħul varji tal-Fondazzjoni u ammonta għal miljun euro fl-aħħar ta' l-2005. Sa dan it-tant, il-Kummissjoni ma qablitx man-neċessità li tkopri telf li kien dovut minħabba li ma sarx annullament ta' approprijazzjonijiet li, fl-aħħar, ma kinux użati. Il-Fondazzjoni u l-Kummissjoni għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jiċċaraw din is-sitwazzjoni.

9. Il-kisba ta' l-oġġettivi tal-Fondazzjoni għandha titqies f'termini tal-kontribuzzjoni għall-oġġettivi stabbiliti fir-Regolament bażiku tagħha. Il-programm ta' xogħol tal-Fondazzjoni għandu, jesprimi din il-kontribuzzjoni f'termini operattivi u miżurabbli.

10. M'hemm l-ebda dokument komprensiv li janalizza r-riskji li joħorġu mill-aspetti operattivi u finanzjarji ta' l-attivitajiet tal-Fondazzjoni. Barra dan, m'hemm l-ebda validazzjoni tal-proċeduri introdotti mill-Uffiċjali li jawtorizzaw sabiex jassiguraw il-preċiżjoni u l-kompletezza ta' l-informazzjoni finanzjarja li huma jibgħatu lill-Uffiċjal tal-Kontabilità, ħlief rigward l-aspetti ta' l-ipproċessar tad-dejta.

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> Dawn il-kontijiet ġew preparati fit-30 ta' Ġunju 2006 u ġew irċevuti mill-Qorti fl-4 ta' Lulju 2006.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*  
Hubert WEBER  
*President*

---

Tabella 1

## Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Dublin)

Oqsma ta' kompetenza stipulati fit-Trattat	Kompetenzi tal-Fondazzjoni kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Fondazzjoni ( <i>dejta għall-2004</i> )	Prodotti u servizzi provduti	
<p>"Il-Komunità u l-Istati Membri, waqt li jżommu f'moħħhom id-drittijiet soċjali fundamentali, ... għandu jkollhom bħala mira...it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja... il-Komunità għandha s-sostni u tikkomplimenta l-attivitajiet ta' l-Istati Membri f'dawn l-oqsma li ġejjin;... b) kondizzjonijiet tax-xogħol; ċ) is-sigurtà soċjali u l-ħarsien soċjali tal-ħaddiem; d) il-protezzjoni tal-ħaddiem meta l-kuntratt ta' l-impieg tagħhom ikun mitmum; e) informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiem; f) ir-rappreżentanza u d-difiża kollettiva ta' l-interessi tal-ħaddiem u ta' min iħaddem, inkluża l-kodeterminazzjoni, g) il-kondizzjonijiet ta' l-impieg għal persuni ta' ċittadinanza ta' pajjiżi terzi li jgħixu legalment fit-territorju tal-Komunità; h) l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq ta' l-impieg; i) l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa..."</p> <p>(Mill-Artikoli 136 u 137 ta-Trattat)</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <p>L-għan tal-Fondazzjoni huwa li jikkontribwixxi għat-twaqqif ta' ħajja u kondizzjonijiet ta' xogħol aħjar billi żżied u xxerred għarfien li huwa relevanti għal dan is-suġġett. B'mod partikolari, hija meħtieġa tikkunsidra l-oqsma li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— il-bniedem meta jkun fuq ix-xogħol,</li> <li>— l-organizzazzjoni tax-xogħol u partikolarment id-disinn ta' l-impjieg,</li> <li>— problemi li jirrigwardaw ċertu kategoriji ta' ħaddiema,</li> <li>— aspetti fit-tul dwar it-titjib ta' l-ambjent,</li> <li>— tqassim ta' attivitajiet umani fl-ispazju u fiż-żmien</li> </ul>	<p><b>Kompiti</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Biex issaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza f'dawn l-oqsma;</li> <li>— Biex tiffaċilita l-kuntatt bejn l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' studju u riċerka, organizzazzjonijiet u amminstrazzjonijiet soċjali u ekonomiċi;</li> <li>— Biex twettaq studji jew biex tikkonkludi kuntratti ta' studji u biex tippovdi assistenza għall-proġetti pilota;</li> <li>— Biex tikkopera mill-qrib kemm jista' jkun ma' istituzzjonijiet speċjalizzati eżistenti.</li> </ul>	<p><b>1. Il-Bord Amministrattiv</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— minn kull Stat Membru: rappreżentant wieħed mill-gvern, rappreżentant wieħed minn organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u rappreżentant wieħed tal-ħaddiema,</li> <li>— 3 rappreżentanti mill-Kummissjoni.</li> </ul> <p><b>2. Direttur</b> maħtur mill-Kummissjoni minn lista ppreparata mill-Bord Amministrattiv, huwa jimplimenta deċżjonijiet tal-Bord Amministrattiv u jidderieġi l-Fondazzjoni.</p> <p><b>3. Il-Kumitat ta' Esperti</b> huwa kompost minn 15-il membru maħtura mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, jagħti opinjonijiet b'mod partikolari fuq il-programm ta' xogħol.</p> <p><b>4. Verifika esterna:</b></p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri.</p> <p><b>5. Approvazzjoni</b> mogħtija mill-Parlament fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p>	<p><b>Baġit finali 2005:</b></p> <p>19,3 miljun euro (18,1 miljun euro)</p> <p>li minnhom sussidju tal-Komunità ta': 98,8 % (99,6 %)</p> <p><b>Persunal f'Diċembru 2005:</b></p> <p>94 (91) karigi provduti għalihom fil-pjan ta' twaqqif, li minnhom 82 (74) kienu okkupati</p> <p>Persunal ieħor: Esperti Nazzjonali ssekondati u persunal ta' aġenzija ta' l-impjieg: 12 (16)</p> <p>Total tal-persunal: 94 (90)</p> <p>Attivitajiet operattivi: 54 (53)</p> <p>Ammistrattiv: 33 (32)</p> <p>Varji: 7 (5)</p>	<p><b>Kondizzjonijiet tal-Ħajja</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Rapporti analitiċi dwar il-kwalità tal-ħajja fl-Ewropea.</li> <li>— Database dwar it-tmexxija ta' l-età fil-kumpaniji.</li> <li>— Rapporti dwar il-provvista ta' xogħol fis-servizzi ta' kura għat-tfal u persuni anzjani.</li> <li>— Studji dwar organizzazzjoni ta' ħin tul il-ħajja tax-xogħol.</li> </ul> <p><b>Kondizzjonijiet tax-Xogħol</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Osservatorju Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCO: artikli ta' aħbarijiet, rapporti ta' stħarriġ u rapporti kumparattivi "topic")</li> <li>— EWCO laqgħet il-konferenza tal-presidenza ta' l-UE flimkien mal-gvern Lussemburgiż, Ġunju 2005</li> <li>— analiżi annwali tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-UE, 2004-2005</li> <li>— Xogħol fuq il-post għar-raba' Strahhiġ Ewropew tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (kampjun ta' 30 000 ħaddiema f'31 pajjiż</li> </ul> <p><b>Relazzjonijiet Industrijali</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Osservatorju Ewropew għar-Relazzjonijiet Industrijali (EIRO).</li> <li>— Ċirkolazzjoni ta' rapporti u artikoli fuq l-EIRonline.</li> <li>— Rapporti varji.</li> </ul> <p><b>Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew tal-Bidla (EMCC)</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Żewġ studji fil-fond tas-settur.</li> <li>— Fajls tal-każijiet varji.</li> <li>— Serje tas-settur futuri: seba' setturi ta' l-industrija ġew koperti.</li> <li>— Organizzazzjoni u parteċipazzjoni f'seminarji varji.</li> </ul> <p><b>Temi Transversali</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Rapporti varji skond il-pajjiż u ġenerali.</li> </ul> <p><b>Informazzjoni u komunikazzjoni</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Il-Fondazzjoni organizzat 71 konferenza u ħadet sehem f'95 konferenza u seminarju. Esklużi t-traduzzjonijiet, il-Fondazzjoni pproduċiet 178 pubblikazzjoni u ċirkolat 10 newsletters.</li> </ul>

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Fondazzjoni.

FONDAZZJONI EWROPEA GĦAT-TITJIB TAL-KONDIZZJONIJIET TAL-ĦAJJA U TAX-XOGĦOL

Tabella 2

Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Infiq													
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni ta' l-infiq	Appropriazzjonijiet skond il-baġit finali					Appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti			Appropriazzjonijiet disponibbli (għas-sena finanzjarja attwali u mis-sena finanzjarja preċedenti)				
				imdahla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	impenjipendenti	imħallsa	annullati	appropriazzjonijiet	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati
Sussidji tal-Komunita <sup>(1)</sup>	19 060	19 060	Titolu I Persunal	8 974	8 971	8 815	157	3	134	127	7	9 108	9 105	8 942	157	10
Dħul ieħor	220	163	Titolu II Amministrazzjoni	1 382	1 382	875	507	0	503	481	22	1 885	1 885	1 356	507	22
			Titolu III Attivitajiet operattivi	8 924	8 922	4 967	3 954	2	2 526	2 484	42	11 450	11 448	7 451	3 954	44
<b>Total</b>	<b>19 280</b>	<b>19 223</b>	<b>Total</b>	<b>19 280</b>	<b>19 275</b>	<b>14 657</b>	<b>4 618</b>	<b>5</b>	<b>3 163</b>	<b>3 092</b>	<b>71</b>	<b>22 443</b>	<b>22 438</b>	<b>17 749</b>	<b>4 618</b>	<b>76</b>

(<sup>1</sup>) Inklużi s-sussidji taż-Żona Ekonomika Ewropea.

Tabella 3

Kont tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2005<sup>(1)</sup>

(1 000 euro)

	2005
<b>Dħul operattiv</b>	
Sussidji tal-Komunita	18 600
Sussidji/dħul ieħor	366
<b>Total (a)</b>	<b>18 966</b>
<b>Nefqa operattiva</b>	
Persunal	8 035
Amministrazzjoni	2 692
Attivitajiet operattivi	8 581
<b>Total (b)</b>	<b>19 308</b>
<b>Riżultat operattiv (c = a - b)</b>	<b>- 342</b>
Dħul ieħor (d)	0
Spejjeż oħra (e)	9
<b>Riżultat ekonomiku (f = c + d - e)</b>	<b>- 351</b>

(<sup>1</sup>) Dejta għas-sena finanzjarja 2004 ma kinitx ippreżentata għalix, wara l-bidla fil-metodi ta' kontabilità, ma tistax titqabbel mad-dejta għas-sena finanzjarja 2005.

Tabella 4

Karta ta' bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005 u 31 ta' Diċembru 2004<sup>(1)</sup>

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Attiv</b>		
Attiv fiss	2 800	3 121
Riċevibbli	1 044	1 007
Likwidità	3 244	1 649
<b>Total</b>	<b>7 088</b>	<b>5 777</b>
<b>Passiv</b>		
Riżultati kumulattivi tas-snin preċedenti	4 444	4 515
Riżultat għas-sena	- 351	- 71
Passiv kurrenti	2 995	1 333
<b>Total</b>	<b>7 088</b>	<b>5 777</b>

(<sup>1</sup>) Id-dejta għas-sena finanzjarja 2004 ġiet iddikjarata mill-ġdid biex tkun komparabbli mad-dejta ta' l-2005.

Sors: Dejta mogħtija mill-Fondazzjoni. Dawn it-tabelli jiġbru fil-qosor id-dejta mogħtija mill-Fondazzjoni fil-kontijiet annwali tagħha

**IR-RISPOSTI TAL-FONDAZZJONI**

7. Il-Fondazzjoni, fil-passat, għamlet sforzi konsiderevoli sabiex jitnaqqas in-numru ta' trasferimenti. Huwa madanakollu diffiċli, meta jittieħed kont tan-natura tax-xogħol tal-Fondazzjoni, illi dan jinżamm f'bilanċ mal-prinċipju ta' tmexxija finanzjarja għaqlija, li jirrikjedi illi l-fornituri ma' jiġux imħallsa qabel ma jint-laħqu passi importanti fix-xogħol li jkunu ġew miftehma minn qabel.

8. Fl-2006, il-Fondazzjoni u l-Kummissjoni laħqu ftehim dwar in-natura u s-soluzzjoni tal-problema. Huwa rikonoxxut mill-partijiet kollha li l-Fondazzjoni fl-ebda mument ma nefqet iktar flus mill-ammont provdut mill-Awtorità tal-Baġit. Il-Fondazzjoni ser tnaqqas b'mod gradwali l-iżbilanċ akkumulat sakemm ma jifdal xejn minnu fi żmien erbgħa snin.

9. Il-Fondazzjoni bħalissa qegħda tiżviluppa żewġ għodod sabiex tiffissa objettivi li jkunu miżurabbli u sabiex sussegwentement jimmonitorjaw il-prestazzjoni tagħha: sistema ta' ġestjoni tal-proġetti konnessa ma' sistema ta' softwer ta' tbassir finanzjarju u sistema għall-monitoraġġ ta' l-eżekuzzjoni, bl-użu ta' *scorecard*, u ż-żewġ għodod ser jiġu introdotti fl-2007.

10. Fil-fatt il-Fondazzjoni twettaq analiżi tar-riskji kemm fuq livell ta' proġetti kif ukoll fuq livell ta' unità, u dan huwa dokumentat fil-pjanijiet ta' proġetti u fil-pjanijiet ta' ġestjoni annwali. Bħalissa, il-Fondazzjoni qed tiżviluppa approċċ komprensiv ta' ġestjoni tar-riskji fuq livell ta' Fondazzjoni.

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru****WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	87
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	87
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-13	87
Tabelli 1 sa 4 .....		89
<b>Ir-Risposti taċ-Ċentru</b> .....		92



## INTRODUZZJONI

1. Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru") ġie imwaqqaf permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 tat-8 ta' Frar 1993 <sup>(1)</sup>. L-għan prinċipali taċ-Ċentru huwa li jiġbor informazzjoni dwar il-fenomenu tad-drogi u d-dipendenza mid-droga sabiex jipprepara u jippubblika informazzjoni li hija oġġettiva, affidabbli u komparabbli fuq livell Ewropew. Din l-informazzjoni hija intiża biex tipprovdi bażi biex tkun analizzata d-domanda għad-droga u l-modi kif, kemm din, kif ukoll b'mod ġenerali, il-fenomenu assoċjati mas-suq tad-droga jistgħu jiġu mnaqqsa.

2. *Tabella 1* tiġbor fil-qosor il-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. Xi informazzjoni prinċipali, mir-rendikonti finanzjarji preparati miċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2005, huma miġbura f'*Tabelli 2, 3 u 4*.

## DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(2)</sup>; hija ġiet ippreparata wara eżami tal-kontijiet taċ-Ċentru, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(3)</sup> ġew magħmula mid-Direttur tiegħu, skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 302/93, u mibgħuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika skond il-politika u l-istandards tagħha, li huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika ġiet ippanjata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

<sup>(1)</sup> ĠU L 36, 12.2.1993. Dan ir-Regolament ġie emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 3294/94 tat-22.12.1994 (ĠU L 341, 30.12.1994, p. 7) u (KE) Nru 1651/2003 tat-18.6.2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 30).

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> Dawn il-kontijiet ġew magħmula fil-15 ta' Ġunju 2006 u rċevuti mill-Qorti fit-13 ta' Lulju 2006.

### Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

### Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni l-opinjoni tal-Qorti.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. Ir-rata ta' użu ta' l-approprijazzjonijiet għall-impenji hija aktar minn 90 % filwaqt li r-rata korrispondenti għall-approprijazzjonijiet għall-pagamenti hija biss ta' 85 %. In-nefqa għall-amministrazzjoni turi rata ta' kważi 40 % ta' fondi mill-baġit li ġew trasferiti 'il quddiem. Din is-sitwazzjoni hija minħabba konċentrazzjoni ta' xiri lejn l-aħħar tas-sena bir-riskji li din timplika f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-proċeduri tax-xiri. Iċ-Ċentru għandu jmexxi b'mod aħjar il-politika tax-xiri tiegħu sabiex jevita li approprijazzjonijiet jiġu trasferiti 'il quddiem, li jagħmlu t-tmexxija aktar diffiċli.

8. Għall-iskopijiet tat-tmexxija, iċ-Ċentru pprepara baġit skond l-attivitajiet. Din l-inizjattiva għandha tkompli tiġi żviluppata bi ħsieb għall-monitoraġġ aħjar tal-prestazzjoni u evalwazzjoni ta' l-effettività tiegħu permezz ta' l-introduzzjoni ta' kontabilità analitika sabiex l-ispejjeż tal-varji attivitajiet taċ-Ċentru jiġu stabbiliti.

9. Il-Qorti, fir-rapport preċedenti tagħha, osservat li l-uffiċjal tal-kontabilità kellu l-awtorità li jiffirma għall-kontijiet bankarji u iċ-Ċentru impenja ruħu biex jistabilixxi sistema ta' firma doppja. Fi Frar 2006, tali sistema kienet għadha ma ġiet introdotta.

10. Is-sistemi ta' inventarji ta' l-attiv fiss mhumiex integrati mal-kontabilità ġenerali. Fin-nuqqas ta' sistema affidabbli ta' tikketjar, ma jstax ikun hemm assigurazzjoni li l-attiv imniżżla fl-inventarji huma traċċabbli.

11. Kien hemm nuqqasijiet fil-proċeduri ta' reklutaġġ. F'waħda mill-proċeduri ta' l-għażla, il-kompożizzjoni tal-bord ta' l-għażla ma kinitx konformi mal-prinċipju ta' parità kif stipulat mir-Regolament tal-Persunal <sup>(4)</sup>. F'każ ieħor, il-kandidat li ġie magħżul ma kienx kiseb l-aħjar riżultat fil-proċedura ta' l-għażla.

<sup>(4)</sup> Artikolu 12 tar-Regoli applikabbli għall-uffiċjali oħra.

12. Fl-aħħar ta' l-2004, membru tal-persunal kien mibgħut fuq missjoni għal terminu twil (ta' sentejn) fi Brussell. L-għan ta' din il-missjoni, bi spiża (salarji u *allowances*) li ammontat għal aktar minn 70 000 euro fl-aħħar ta' l-2005, ma setgħax jiġi dde-terminat u l-volum ta' xogħol ta' dan il-membru tal-persunal kien tassew baxx. Meta l-missjoni għet imwaqqfa, il-membru tal-persunal għe sekondat lill-Kummissjoni filwaqt li l-ħlas tas-salarju tiegħu baqa' jsir miċ-Ċentru, u dan mingħajr ebda bażi legali.

13. Numru ta' anomaliji ġew misjuba waqt xi kontrolli tal-proċeduri ta' xiri u kontrattazzjoni. F'żewġ każi, il-limitu ta' żmien biex ikunu rċevuti l-offerti wara d-data li ħarġet is-sejħa għall-offerti ma għex osservat. Fi proċedura ta' kuntratt supplementari, il-valur tax-xogħlijiet kien jeċċedi l-ammonti massimi stipulati mir-regolamenti. F'żewġ każi vverifikati, ma kien hemm ebda deċiżjoni formali dwar in-nomina ta' membri tal-kumitat respon-abbli biex jifih u l-offerti jew il-membri tal-kumitat ta' eval-wazzjoni. Fl-aħħar, f'każ minnhom il-valur tal-kuntratt kien sotto-stmat b'mod ċar, li kien imur kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali għal dawk li jifgħu l-offerti.

Dan ir-rapport għe adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*

Hubert WEBER

*President*

---

Tabella 1

## Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Drogi u d-Dipendenza mid-Droga (Lisbona)

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja skond it-Trattat	Kompetenzi taċ-Ċentru hekk kif definiti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/93	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru 2005 (2004)	Prodotti u servizzi provduti 2005	
<p>Il-Komunità tikkompli- menta l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri fit- tnaqqs tal- ħsara għas- saħħa marbuta mad- drogi, inkluża l-infor- mazzjoni u l-pre- venzjoni.</p> <p>(Artikolu 152, para- grafu 1 tat-Trattat)</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <p>Jipprovdi lill-Unjoni u lill- Istati Membri tagħha infor- mazzjoni affidabbli fuq liv- ell Ewropew dwar il- fenomeni tad-drogi u d-dipendenza mid-droga u l-konsegwenzi tagħhom.</p> <p>Iċ-Ċentru għandu jagħti prijorità lill-analiżi:</p> <ol style="list-style-type: none"> <li>1) tad-domanda u t-tnaqqs tad-domanda ta' droga;</li> <li>2) ta' l-istrateġiji politiċi u nazzjonali Komunitarji;</li> <li>3) tal- kooperazzjoni inter- nazzjonali u l-ġeopolitiċi tal- forniment;</li> <li>4) tal-kontroll tas-suq fin- narkotiċi, sustanzi psi- kotropiċi u prikursori tad-droga;</li> <li>5) ta' l-implikazzjonijiet tal-fenomeni tad- droga għall-pajjiżi li jipproduċuha, jikkun- smawha u għall-pajjiżi ta' tranżitu, inkluż il- ħasil tal-flus.</li> </ol>	<p><b>Kompiti</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Jiġbor u janalizzi d-dejta.</li> <li>— Jistħarreġ u jwettaq azzjonijiet prepara- torji.</li> <li>— Jassigura li d-dejta fuq livell Ewropew hija affidabbli.</li> <li>— Jippubblika infor- mazzjoni affidabbli.</li> <li>— Itejjeb il- koordinazzjoni bejn l-azzjonijiet nazzjonali ui komunitarji.</li> <li>— Jippromwovi l-inte- grazzjoni tad-dejta dwar id-droga fil-pro- grammi internaz- zjonali.</li> </ul>	<p><b>1) Il-Bord Amministrattiv</b></p> <p>Huwa magħmul minn rappre- żentant minn kull Stat Mem- bru, żewġ rappreżentanti tal- Kummissjoni u żewġ xjenzati kwalifikati, maħtura mill- Parlament Ewropew.</p> <p>Huwa japprova l-programm ta' xogħol u r-rapport ġenerali annwali u jadotta l-baġit.</p> <p><b>2) Direttur:</b></p> <p>maħtur mill-Bord Amminis- trattiv fuq proposta tal- Kummissjoni.</p> <p><b>3) Kumitat xjentifiku:</b></p> <p>Jagħti opinjonijiet. Magħmul minn rappreżentant ta' kull Stat Membru. Il-bord ta' tmexxija jista' jaħtar massimu ta' sitt membri oħra fuq il-bażi tal-kwalifiki speċifiċi tagħhom.</p> <p><b>4) Kontroll finanzjarju:</b></p> <p>Qorti ta' l-Awdituri.</p> <p><b>5) Approvazzjoni</b></p> <p>mogħtija mill-Parlament Ewro- pew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p><b>Baġit finali</b></p> <p>12,8 miljun euro (12,2 miljun euro). Kontri- buzzjoni Komuni- tarja: 96 % (96 %)</p> <p><b>Numru tal-persunal fil- 31 ta' Diċembru 2005:</b></p> <p>Numru ta' karigi fil-pjan ta' twaqqif: 77 (77)</p> <p>karigi okkupati: 58 (61)</p> <p>+ 25 (22) impjegji oħra (kuntratti awżiljarji, aġenti kontrattwali u intermed- jarji)</p> <p>Total tal-persunal: 83 (83)</p> <p>assenjati għad-doveri segwenti:</p> <p>operattivi: 50,5 (54,5), sostenn amministrattiv u ta' l-IT: 25 (20), varji: 7,5 (8,5).</p>	<p><b>Network</b></p> <p>Iċ-Ċentru jmexxi netwerk kompju- terizzat għall-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni, imsemmi Netwerk Ewropew dwar id-Drogi u d-Dipendenza mid-Droga (Reitox); dan in-netwerk jgħaqqad in- networks nazzjonali ta' l-informazzjonii dwar id-droga, iċ-ċentri speċjalizzati eżistenti fl-Istati Membri u s-sistemi ta' informazzjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu maċ-Ċentru.</p> <p><b>Pubblikazzjonijiet:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Rapport annwali dwar l-istat tal-fenomeni tad-droga fl-Ewropa (22 verżjoni lingwistika, publikazzjoni u <i>website</i> interattiva)</li> <li>— Rapport annwali dwar kwistjonijiet magħżula, (EN, pubblika- zzjoni u <i>website</i> interattiva)</li> <li>— Ġabra ta' statistiċi u <i>website</i> interattiva li fiha aktar minn 200 tabella, 100 dijagramma u fajls PDF</li> <li>— Rapport ġenerali ta' l-attivitajiet (annwali, EN)</li> <li>— Drugnet Europe Newsletter (4 ħarġiet, 2 f5 lingwi, 2 EN, 12-il prodott)</li> <li>— Studji u artikoli tekniċi u xjentifiċi (28)</li> </ul> <p><b>- Websites oħra:</b></p> <p>It-twaqqif/l-aġġornament/żvilupp tal-kontenut:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Sommarji tas-sitwazzjoni ta' pajjiż</li> <li>— Profili tad-dejta ta' pajjiż</li> <li>— Analiżi ġenerali tat-trattament tad-Droga</li> <li>— Database legali ewropea dwar id-drogi</li> <li>— Bank ta' l-istrumenti ta' evalwazzjoni</li> <li>— Skambji fuq l-azzjonijiet għat-tnaqqs tad-domanda tad-droga</li> </ul> <p><b>Fuljetti promozzjonali</b> (3 prodotti)</p> <p><b>Prodotti tal-media</b> (110 prodotti varji)</p> <p><b>Parteċipazzjoni f'konferenzi/laqgħat internazzjonali</b> (75)</p> <p><b>Organizzazzjoni ta' laqgħat tekniċi u xjentifiċi</b> (24)</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

**ĊENTRU EWROPEW TA' MONITORAĠĠ TAD-DROGA U D-DIPENDENZA MID-DROGA**

Tabella 2

**Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005**

(1 000 euro)

Dħul			Infiq														
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni ta' l-infiq	Approprijazzjonijiet tal-baġit finali għas-sena finanzjarja					Approprijazzjonijiet trasferiti 'il quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti			Approprijazzjonijiet disponibbli (approprijazzjonijiet għas-sena finanzjarja flimkien ma approprijazzjonijiet għas-sena finanzjarja preċedenti)					
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti 'il quddiem	annullati	disponibbli	imħallsa	annullati	disponibbli	impenjati	imħallsa	trasferiti 'il quddiem	annullati	
Sussidji Komunitarji	12 000	12 000	Titolu I Persunal (NDA)	6 194	5 932	5 762	154	279	122	101	21	6 316	6 054	5 863	154	300	
Dħul proprju	516	516	Titolu II Amministrazzjoni (NDA)	1 791	1 720	1 070	650	71	356	332	24	2 147	2 076	1 402	650	95	
Dħul ieħor		8	Titolu III Attivitajiet operattivi (DA)														
			— CA	4 531	4 298			233				4 531	4 298			233	
			— PA	4 531		4 085		446	1 260	66	1 194	5 791		4 151		1 640	
Dħul allokati (Phare)	300	190	Dħul allokati (Phare)	300	49	16	284					300	49	16	284		
<b>Total</b>	<b>12 816</b>	<b>12 714</b>	<b>Total CA</b>	<b>12 816</b>	<b>11 999</b>		<b>1 088</b>	<b>583</b>	<b>478</b>		<b>45</b>	<b>13 294</b>	<b>12 477</b>		<b>1 088</b>	<b>628</b>	
			<b>Total PA</b>	<b>12 816</b>		<b>10 933</b>	<b>1 088</b>	<b>796</b>	<b>1 738</b>	<b>499</b>	<b>1 239</b>	<b>14 554</b>		<b>11 432</b>	<b>1 088</b>	<b>2 035</b>	

NDA: approprijazzjonijiet mhux differenzjati (approprijazzjonijiet għall-impenji huma ta' l-istess bħall-approprijazzjonijiet għall-pagamenti).

DA: approprijazzjonijiet differenzjati (approprijazzjonijiet għall-impenji u approprijazzjonijiet għall-pagamenti jistgħu jkunu differenti).

CA: approprijazzjonijiet għall-impenji f'sistema ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

PA: approprijazzjonijiet għall-pagamenti f'sistema ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

**ĊENTRU EWROPEW TA' MONITORAĠĠ TAD-DROGA U D-DIPENDENZA MID-DROGA**

Tabella 3

**Kont tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2005 <sup>(1)</sup>**

(1 000 euro)

	2005
<b>Dħul operattiv</b>	
Sussidji Komunitarji	10 592
Sussidji oħra/dħul	312
<b>Total (a)</b>	<b>10 904</b>
<b>Infiq operattiv</b>	
Persunal	5 843
Amministrazzjoni	2 269
Attivitajiet operattivi	4 181
<b>Total (b)</b>	<b>12 293</b>
<b>Riżultati operattivi (c = a – b)</b>	<b>– 1 389</b>
Dħul ieħor (d)	0
Spejjeż oħra (e)	35
<b>Riżultat ekonomiku (f = c + d – e)</b>	<b>– 1 424</b>

<sup>(1)</sup> Deġta għas-sena finanzjarja 2004 mhix murija peress li mhix komparabbli mad-deġta għall-2005 minħabba l-bidla fil-metodi ta' kontabil-  
itá applikati.

Tabella 4

**Karta ta' bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005 u fil-31 ta' Diċembru 2004 <sup>(1)</sup>**

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Attiv</b>		
Attiv fiss	2 989	3 058
Stokks		
Riċevibbli ta' terminu qasir u twil	224	619
Attiv likwidu	3 005	3 644
<b>Total</b>	<b>6 218</b>	<b>7 321</b>
<b>Passiv</b>		
Riżultati kumulattivi tas-snin preċedenti	4 296	4 296
Riżultat għas-sena	– 1 424	0
Passiv għat-tul		
Passiv ta' skadenza qasira	3 346	3 025
<b>Total</b>	<b>6 218</b>	<b>7 321</b>

<sup>(1)</sup> Deġta għas-sena finanzjarja 2004 ġiet iddikjarata mill-ġdid biex tkun komparabbli mad-deġta ta' l-2005.

Sors: Deġta taċ-Ċentru — Dawn it-tabelli jagħtu sommarju tad-deġta provduta miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu.

## TWEGĠBIET TAĊ-ĊENTRU TAL-MONITORAĠĠ

7. Iċ-Ċentru jieħu nota ta' l-osservazzjoni tal-Qorti u ħa miżuri sabiex itejjeb il-programmazzjoni tas-sejħiet għal offerti tiegħu sabiex ikunu jistgħu jiġu mferrxa matul is-sena. Iċ-Ċentru jsegwi l-ħidmiet tiegħu li ppermettewlu fl-2005 sabiex ikabbar il-konsum tal-krediti ta' pagament a paragon ma' l-2004 (minn 77 % għal 85 %), b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-infiq għall-operazzjonijiet (Titolu II).

8. Iċ-Ċentru jieħu nota ta' l-osservazzjoni tal-Qorti u jkompli jiżviluppa s-sistema ta' ġestjoni tiegħu bbażata fuq attivitajiet li ġew implimentati mill-2001. Din is-sistema taġhti l-possibiltà sabiex wieħed jikkalkola l-ispejjeż ta' dawn il-proġetti u programmi taċ-Ċentru, anke jekk dan ma jirrigwardax biss il-kontabilità analitika stricto sensu.

9. Fit-22 ta' Marzu 2006, iċ-Ċentru implimenta sistema ta' firma doppja għall-ġestjoni tal-kontijiet bankarji tiegħu.

10. Fl-2006 iċ-Ċentru stabbilixxa link awtomatiku bejn il-kontilità tal-baġit u dik ġenerali. Ir-rikonċiljazzjoni bejn il-kontijiet u l-inventarju hija prevista għax-xahar ta' Jannar wara t-tmiem tad-dikjarazzjoni għas-sena finali konċernat. Barra minn dan, f'Lulju 2006 iċ-Ċentru temm verifika fiżika tal-beni li taġħ-hom għandu jsir inventarju li r-riżultati tiegħu ġew imniżżla fis-sistema informatika speċjalizzata.

11. Fl-istennija ta' ftehim finali mal-Kummissjoni rigward ir-regoli dwar l-applikazzjoni ta' l-Istatut, iċ-Ċentru jkompli japplika fil-proċeduri tas-selezzjoni tiegħu kollha il-prinċipji li jirregolaw il-proċeduri tar-reklutaġġ komunitarju. Wara li iċ-Ċentru jieħu in konsiderazzjoni n-numru mnaqqas tal-personal tiegħu, jara li rappreżentant tal-Kumitat tal-Personal jipparteċipa bħala membru b'poteri sħaħ fil-Kumitati tas-Selezzjonijiet. Iċ-Ċentru jippjana fil-futur sabiex jagħti raġunijiet espliċiti fl-għażla ta' lawreat reklutat hekk kif dan jiġi mneħħi mill-klassifikazzjoni stabbilita mill-Kumitat tas-Selezzjonijiet.

12. Iċ-Ċentru waqqaf il-missjoni b'effett mill-31 ta' Mejju 2005. Fl-aħħar ta' l-2005, iċ-Ċentru ddeċieda konformament ma' l-Artikolu 38 ta' l-Istatut li jibgħat lill-aġent mis-luf f'dan il-każ lejn il-Kummissjoni għal żmien ta' disa' xhur, mingħajr il-possibiltà ta' tiġdid. Kif ġie miftiehem mal-Kummissjoni, iċ-Ċentru huwa responsabbli mill-ħlas ta' dan l-aġent.

13. Iċ-Ċentru jieħu nota tar-rimarki tal-Qorti u ħa miżuri b'mod partikolari, għal:

- titjib fil-programmazzjoni tas-sejħiet għal offerti tiegħu, in vista b'mod partikolari tat-tnaqqis ta' każijiet ta' emerġenza għal livell minimu,
- promozzjoni ta' rikors aktar strutturat għal kuntratti qafas,
- formalizzazzjoni ta' nomina tal-membri tal-Kummissjoni tal-Ftuħ u tal-Kumitat ta' l-Evalwazzjoni ta' l-Offerti,
- tisħiħ tal-kapaċità tiegħu ta' sostenn għal dawk l-uffiċjali li jagħtu l-ordnijiet u li huma delegati u għal dawk li jġestixxu s-suq tal-kisba ta' kuntratti u l-għoti ta' sussidji.

Iċ-Ċentru jemmen li s-suq supplimentari msemmi mill-Qorti kien jikkonċerna l-prestazzjonijiet repetittivi li setgħu regolarment ikunu s-suġġett ta' kuntratt addizzjonali mingħajr il-limiti ta' valur previst għal-kuntatti supplimentari. Il-miżuri msemmija preċedement għandhom inaqqsu u anke jaħdmu għall-eliminazzjoni ta' dan it-tip ta' kuntratt.

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew  
għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija għas-sena finanzjarja 2005  
flimkien mar-risposti taċ-Ċentru****WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	94
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	94
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-12	94
Tabelli 1 sa 4 .....		96
<b>Ir-Risposti taċ-Ċentru</b> .....		98

## INTRODUZZJONI

1. Iċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru") ġie stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997 <sup>(1)</sup>. Il-kompiti primarji taċ-Ċentru huma li jipprovi lill-Unjoni u lill-Istati Membri b'informazzjoni affidabbli dwar ir-raziżmu, i l-ksenofobija u l-anti-Semitiżmu fl-Unjoni u li jikkopera mal-Kunsill ta' l-Ewropa f'dawn l-oqsma.

2. *Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. Informazzjoni prinċipali mir-rendikonti finanzjarji preparati miċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2005 huma preżentati fit-*Tabelli 2, 3 u 4*.

## DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(2)</sup>; hija ġiet magħmula wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif mitlub mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(3)</sup> ġew magħmula mid-Direttur tiegħu, skond l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1035/97, u mib-ghuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika skond il-politika u l-istandards tagħha, li huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

<sup>(1)</sup> ĠU L 151. 10.6.1997, p. 6.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> Dawn il-kontijiet ġew magħmula fit-3 ta' Mejju 2006 u rċevuti mill-Qorti fid-29 ta' Ġunju 2006.

## Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

## Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet fil-baży tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni l-opinjoni tal-Qorti.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. Għalkemm ir-rata ta' l-impenji għall-appropriazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2005 kienet ta' aktar minn 90 %, instgħab li aktar minn 50 % ta' l-impenji għan-nefqa amministrattiva kienu trasferiti 'il quddiem u li b'mod ġenerali kien hemm rata għolja ta' annullamenti ta' appropriazzjonijiet trasferiti 'il quddiem (bejn 15 % u 25 %, skond it-titolu). Din is-sitwazzjoni turi li għad hemm il-bżonn għaċ-Ċentru biex itejjeb l-ippjanar tan-nefqa u l-mod li bih jissorvelja l-implimentazzjoni ta' din l-ispiża. Hemm bżonn li t-trasferimenti bejn l-intestaturi jkunu ġustifikati u dokumentati skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ.

8. Il-Qorti innutat li ma kinitx introdotta ġestjoni skond l-attività, minkejja li r-regolament finanzjarju taċ-Ċentru fih dispożizzjoni għall-introduzzjoni tagħha, hekk kif applikata fil-baży ġenerali, bil-ħsieb li ttejjeb is-sorveljanza tal-prestazzjoni. F'dan il-kuntest, il-kisba tal-kompiti taċ-Ċentru m'għandiex tisser biss l-eżekuzzjoni ta' serje ta' kompiti. Iżda għandha tkun ikkunsidrata bħala kontribuzzjoni lejn l-objettivi imniżżla fir-Regolament bażiku. Il-programm ta' xogħol taċ-Ċentru għandu, fil-prinċipju, jesprimi dan il-kontribut f'termini operattivi u miżurabbli.

9. Iċ-Ċentru m'għandu l-ebda sistema biex jippjana u jġesti x-xiri ta' tagħmir. Barra dan, ma għamel ebda kontrolli perjoċi fuq l-inventarju tiegħu, għalkemm dan kieku kien itejjeb l-affidabilità ta' l-inventarju.

10. Is-sistema ta' kontroll intern taċ-Ċentru kellha bosta nuq-qasijiet. Iċ-ċirkwiti finanzjarji mwaqqfa mill-uffiċjal li jawtorizza ma ġewx deskritti. B'mod partikolari, is-sistemi li bihom l-uffiċjal li jawtorizza u d-delegati tiegħu provdew informazzjoni lill-uffiċjal tal-kontabilità ma ġewx validati minn dan ta' l-aħħar. Il-prinċipju tas-segregazzjoni tad-dmirijiet ma kienx applikat b'mod strett, speċjalment bejn id-dmirijiet ta' inizjazzjoni u ta' verifikazzjoni. Barra dan, għall-impenji l-listi ta' verifikazzjonijiet *ex ante* għandhom jinkludu kriterji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.



11. Ir-regola fejn membri tal-bord ta' l-għażla għandhom ikunu ta' grad ekwivalenti jew ogħla mill-kariga li għandha tiġi mimlija mhux dejjem ġiet osservata.

12. Is-sejħiet għall-offerti maħruġa miċ-Ċentru ma joffrux wisq spjegazzjoni għal dak li jirrigwarda l-kwalità minima ta' l-offerti u l-piż tal-fattur prezz. B'riżultat ta' din is-sitwazzjoni, ma

jistax jiġi garantit livell adegwat ta' trasparenza u jiġu wkoll meħuda riskji għal dak li jirrigwarda l-kwalità tal-prodotti u s-servizzi provduti. Sakemm ma jkunx hemm raġuni speċifika għall-kuntrarju, għandu jintuża l-metodu ta' proporzjon prezz-kwalità minħabba li dan jassigura illi l-oġġetti u s-servizzi li ser jiġu mixtrija jkunu ta' l-ogħla kwalità possibbli.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*

Hubert WEBER

*President*

---

Tabella 1

Iċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija (Vjenna)

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja skond it-Trattat	Kompetenzi taċ-Ċentru kif speċifikati fir-Regolament tal-Kunsill (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat- 2 ta' Ġunju 1997)	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru (2004)	Prodotti u servizzi provduti	
<p><b>Il-ġbir ta' l-informazzjoni</b></p> <p>il-Kummissjoni tista', fil-limiti u skond il-kundizzjonijiet imniżżla f'dan it-Trattat, tiġbor kwalunkwe informazzjoni u tagħmel kwalunkwe kontrolli meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kompiti li ġew fdati lilha.</p> <p>(Artikolu 284)</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Jipprovdi lill-Komunità u lill-Istati Membri tagħha b'dejta oġġettiva, affidabbli u komparabbli flivell Ewropew dwar il-fenomeni tar-razziżmu, l-ksenofobija u l-anti-Semitiżmu.</li> <li>— Koperazzjoni mill-viċin mal-Kunsill ta' l-Ewropa sabiex tkun evitata d-duplikazzjoni u jinkiseb valur miżjud.</li> </ul>	<p><b>Kompiti</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Jistudja l-firxa u l-iżvilupp tal-fenomeni tar-razziżmu u l-ksenofobija;</li> <li>— Jiġbor u janalizza informazzjoni, permezz tan-Netwerk ta' Informazzjoni Ewropew dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (RAXEN);</li> <li>— Iwettaq sħarriġ xjentifiku;</li> <li>— Jinkoraġġixxi t-tqassim ta' l-informazzjoni fuq firxa wiesgħa;</li> <li>— Jagħti pariri lill-Komunità u lill-Istati Membri tagħha;</li> <li>— Jiżviluppa indikaturi u kriterji biex titjieb il-komparabilità tad-dejta;</li> <li>— Jippubblika rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tar-razziżmu u l-ksenofobija.</li> </ul>	<p><b>1 — Bord Amministrattiv</b></p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>Persuna waħda indipendenti nominata minn kull Stat Membru, persuna waħda indipendenti nominata mill-Parlament Ewropew, persuna waħda indipendenti nominata mill-Kunsill ta' l-Ewropa u rappreżentant tal-Kummissjoni.</p> <p><i>Kompiti</i></p> <p>Jadatta l-programm ta' xogħol u r-rapport annwali ġenerali. Jadotta l-baġit finali u l-pjan ta' twaqqif. Jagħti opinjoni fuq il-kontijiet finali.</p> <p><b>2 — Bord Eżekuttiv</b></p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— <i>Chairman</i> tal-Bord Amministrattiv</li> <li>— Rappreżentant tal-Kunsill ta' l-Ewropa</li> <li>— Rappreżentant tal-Kummissjoni</li> <li>— Żewġ membri oħra tal-Bord Amministrattiv</li> </ul> <p><b>3 — Direttur</b></p> <p>Nominat mill-Bord Amministrattiv fuq proposta tal-Kummissjoni.</p> <p><b>4 — Verifika esterna</b></p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p><b>5 — Verifika interna</b></p> <p>Is-servizz ta' verifika interna tal-Kummissjoni</p> <p><b>6 — Awtorità t'approvazzjoni</b></p> <p>Il-Parlament fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p><b>Baġit finali 2005:</b></p> <p>8,279 miljun euro (7,9 miljun euro) Kontribuzzjoni Komunitarja: 100 % (98,7 %)</p> <p><b>Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2005:</b></p> <p>37 (34) karigi skond il-pjan ta' twaqqif,</p> <p>karigi okkupati: 35 (30)</p> <p>+ 4 (4) persunal ieħor (kuntratti awżiljarji, esperti nazżjonali ssekondati. persunal lokali u ta' l-aġenzija ta' l-impjieġ)</p> <p><i>Total tal-persunal:</i> 41 (34)</p> <p>assenjati fid-dmirijiet li ġejjin:</p> <p>operattivi: 24 (21)</p> <p>amministrattivi: 13 (8)</p> <p>varji: 4 (5)</p>	<p><b>RAXEN</b></p> <p>Numru ta' kontribuzzjonijiet fil-25 punt fokali nazżjonali: 400</p> <p>Numru ta' laqgħat: 5</p> <p><b>RAPPORTI TA' RIĊERKA:</b></p> <p>Numru ta' rapporti: 13</p> <p>Numru ta' laqgħat: 7</p> <p>Rapporti annwali: 2</p> <p><i>EUMC Newsletter:</i> 5</p> <p><i>Equal Voices:</i> 2</p> <p><b>KOPERAZZJONI MA' L-ISTATI MEMBRI U L-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA</b> (numru ta' avvenimenti organizzati b'mod konġunt):</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Stati Membri: 4</li> <li>— Kummissjoni: 14</li> <li>— Parlament Ewropew: 8</li> <li>— COR: 3</li> <li>— EESC: 3</li> <li>— Kunsill ta' l-Ewropa: 10</li> <li>— OSCE: 3</li> <li>— UN: 3</li> <li>— Inter-aġenzija: 3</li> <li>— NRT: 6</li> <li>— ERT: 1</li> </ul>

Sors: Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

IC-ĊENTRU TA' SORVELJANZA EWROPEW GĦALL-ĦARSIEN MIR-RAZZIŻMU U L-KSENOFOBIA

Tabella 2

Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Infiq													
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet tal-baġit finali għas-sena finanzjarja					Appropriazzjonijiet trasferiti 'il quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti			Appropriazzjonijiet disponibbli (appropriazzjonijiet għas-sena finanzjarja u għas-sena finanzjara preċedenti)				
				finali	impen- jati	imħallsa	trasferiti 'il qud- diem	annullati	impenji	imħallsa	annullati	appropri- jazzjon- ijiet	impenji	imħallsa	trasferiti 'il qud- diem	annullati
Sussidji komunitarji <sup>(1)</sup>	8 189	8 189	Titolu I Persunal	3 152	3 078	3 008	70	74	85	71	14	3 237	3 163	3 079	70	88
Dħul allokati (Phare)	90	90	Titolu II Amministrazzjoni	1 222	1 132	551	581	91	37	30	7	1 259	1 169	581	581	98
Dħul ieħor	0	151	Titolu III Attivitajiet operattivi	3 815	3 398	2 731	667	416	745	556	189	4 560	4 143	3 287	667	605
			Dħul allokati (Phare u oħrajn)	90	0	0	90	0	0	0	0	90	0	0	90	0
<b>Total</b>	<b>8 279</b>	<b>8 430</b>	<b>Total</b>	<b>8 279</b>	<b>7 608</b>	<b>6 290</b>	<b>1 408</b>	<b>581</b>	<b>867</b>	<b>657</b>	<b>210</b>	<b>9 146</b>	<b>8 475</b>	<b>6 947</b>	<b>1 408</b>	<b>791</b>

<sup>(1)</sup> Jinkludi sussidju f'isem iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Tabella 3

Kont tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2005 <sup>(1)</sup>

(1 000 euro)

	2005
<b>Dħul operattiv</b>	
Sussidji komunitarji	7 466
Sussidji/dħul ieħor	14
<b>Total (a)</b>	<b>7 480</b>
<b>Nefqa operattiva</b>	
Persunal	2 729
Amministrazzjoni	1 029
Attivitajiet operattivi	3 304
<b>Total (b)</b>	<b>7 062</b>
<b>Riżultat ekonomiku (c = a — b)</b>	<b>418</b>

<sup>(1)</sup> Id-dejta għas-sena finanzjara 2004 mhix murija peress li mhix komparabbli ma' dik ta' l-2005 minħabba bidla fil-metodi ta' kontabilità wżati.

Tabella 4

Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005 u 2004 <sup>(1)</sup>

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Attiv</b>		
Attiv fiss	152	123
Riċevibbli	361	366
Likwidità	2 832	1 279
<b>Total</b>	<b>3 345</b>	<b>1 768</b>
<b>Passiv</b>		
Riżultati kumulattivi mis-snin preċedenti	725	725
Riżultat għas-sena	418	0
Passiv ta' skadenza qasira	2 202	1 043
<b>Total</b>	<b>3 345</b>	<b>1 768</b>

<sup>(1)</sup> Id-dejta għas-sena finanzjarja 2004 ġiet iddikjarata mill-ġdid biex tkun komparabbli ma' dik ta' l-2005.

Sors: Dejta mogħtija miċ-Ċentru. Dawn it-tabelli jagħtu sommarju tad-dejta mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu.

**IR-RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU**

7. Ir-rata għolja ta' approprijazzjonijiet amministrattivi trasferiti l-quddiem hija minħabba l-fatt li s-Sezzjoni tax-Xiri Pubbliku ġiet maħluqa lejn l-aħħar ta' l-2005. Is-sejħiet għall-offerti bdew wara li ġiet imwaqqfa din is-sezzjoni sabiex il-legalità tal-proċeduri tiġi assigurata. Ġiet ukoll imwaqqfa proċedura sabiex jitnaqqas il-livell ta' annullamenti ta' approprijazzjonijiet trasferiti l-quddiem mis-sena preċedenti. Fil-ġejjieni, it-trasferimenti tal-baġit se jiġu kollha dokumentati.

8. Il-Programm ta' Xogħol Annwali ta' l-2006 ġie ppreparat f'forma li tkun konformi mar-rekwiżiti ta' l-Artikolu 40 tar-Regolament Kwadru li jstabilixxi l-attivitajiet prinċipali, l-oġettivi, il-kompiti, il-produzzjoni, l-indikaturi tal-prestazzjoni, u r-riżultat/l-impatt tax-xogħol fuq iċ-Ċentru. Ir-Rapport ta' l-Attività Annwali għas-sena 2006 se jitfassal għalhekk skond l-istruttura tal-Programm ta' Xogħol sabiex b'hekk ikun qed jipprovdi l-indikaturi u r-reviżjonijiet tal-prestazzjoni li jibbażaw ruħhom fuq dejta li tista' tiġi kwantifikata.

9. Ġie mixtri programm informatiku ġdid għal ġestjoni ta' l-inventarju li qiegħed bħalissa jiġi kkonfigurati u installati. Ix-xogħol bl-inventarju huwa ppjanat li jibda lejn l-aħħar tliet xhur tas-sena hekk kif il-programm ikun ġie installat u jiġi finalizzati l-aħħar tħejjijiet.

10. Fi Frar ta' l-2006, iċ-ċirkwiti finanzjarji ġew mibdula sabiex ikun hemm verifiki interni aħjar fuq transazzjonijiet u sabiex dan ikun jaqbel mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju. Dawn it-tibdljet ġew dokumentati f'serje ta' Noti ta' Istruzzjoni ffirmati mid-Direttur wara konsultazzjoni ma' l-Uffiċjal ta' Kontabilità u l-Awditur Intern ta' l-EUMC. Iċ-ċirkwiti ġodda tax-xogħol ġew ittestjati permezz ta' S12 u l-validazzjoni tat-testijiet hija dokumentata.

11. Minħabba li t-tabella tal-personal ta' l-EUMC tipprevedi total ta' 37 postijiet, huwa kemmxejn diffiċli, f'xi każijiet impossibbli, sabiex jiġu ffirmati kumitati ta' selezzjoni li jkunu jinkludu aġenti li jkollhom minn ta' l-inqas l-istess grad tal-pożizzjoni mfittxija.

12. Iċ-Ċentru se jimpenja ruħu sabiex itejjeb iċ-ċarezza ta' l-informazzjoni mogħtija waqt il-proċess tas-sejħa għall-offerti u fejn ikun hemm bżonn se japplika l-metodu ta' paragon bejn "prezz/kwalità".

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetà tal-Pjanti  
għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju****WERRREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	100
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	100
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-10	100
Tabelli 1 sa 4 .....		102
<b>Ir-Risposti ta' l-Uffiċċju</b> .....		105

## INTRODUZZJONI

1. L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetà tal-Pjanti, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Uffiċċju") kien stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 <sup>(1)</sup>. L-iskop prinċipali tiegħu huwa li jirreġistra u jeżamina applikazzjonijiet għall-għotja ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali tal-Komunità għal varjetajiet ta' pjanti u jassigura li l-eżamijiet tekniċi neċessarji huma mwettqa minn uffiċċji kompetenti fl-Istati Membri.

2. It-Tabella 1 tiġbor fil-qosor il-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju. Informazzjoni prinċipali estratta mill-kontijiet finanzjarji preparati mill-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2005, hija ppreżentata fit-Tabelli 2, 3 u 4.

## DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Kunsill Amministrattiv ta' l-Uffiċċju, skond l-Artikolu 111 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94.

4. Il-kontijiet ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(2)</sup> ġew magħmula mid-Direttur tiegħu, skond l-Artikolu 112 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94, u mib-ghuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika skond il-politika u l-istandards tagħha, li huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

### Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha huma affidabbli.

### Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet fil-baży tal-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni l-opinjoni tal-Qorti.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. Il-baġit ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2005 ma josservax il-prinċipju ta' l-ekwilibriju bejn id-dħul u l-approprijazzjonijiet għall-pagament. Għal dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-baġit, il-livell globali ta' użu ta' l-approprijazzjonijiet ta' pagament għas-sena finanzjarja kien ta' 85 %. L-istess approprijazzjonijiet wasslu għal annullamenti għal dak li jikkonċerna l-attivitajiet operattivi (9 %) u speċjalment għan-nefqa amministrattiva (20 %). Dawn il-fatturi juru illi l-Uffiċċju għandu jtejjeb ix-xogħol ta' ppjanar u ta' segwitu sabiex ma jħallix li approprijazzjonijiet jiġu mobilizzati mingħajr bżonn.

8. Fl-2005, il-proċess sabiex isiru l-kontijiet annwali kien ikkaratterizzat minn numru ta' diffikultajiet u l-kontijiet annwali ma ġew mogħtija tard u mhux fl-iskadenzi imposti mir-regolament. L-Uffiċċju m'għandux għodda affidabbli sabiex jirrikonċilja d-dejta fis-sistemi tal-ġesjoni finanzjarja tiegħu (kontabilità baġatarja u ġenerali, reġistru tal-varjetajiet tal-pjanti). Din is-sitwazzjoni tkabbar ir-riskju ta' żbalji fil-kontijiet.

9. Regoli t'implimentazzjoni ġenerali li jirregolaw ir-reklutaġġ u l-klassifikazzjoni tal-persunal għandhom jiġu adottati <sup>(3)</sup> sabiex tiġi garantita l-evalwazzjoni oġġettiva u trasparenti tal-kandidati. Eżaminazzjoni tal-proċeduri tar-reklutaġġ wriet illi l-kriterja għall-evalwazzjoni tal-kandidati ma kinux iddeterminati minn qabel.

<sup>(1)</sup> ĠU L 227, 1.9.1994, p. 27.

<sup>(2)</sup> Dawn il-kontijiet ġew magħmula fil-21 ta' Ġunju 2006 u rċevuti mill-Qorti fl-4 ta' Lulju 2006.

<sup>(3)</sup> L-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċċjali u l-Artikolu 12(5) tal-Kundizzjonijiet ta' l-Impjieġ ta' Aġenti Oħrajn.

10. Instabu anomaliji fl-assenjazzjoni tal-kuntratti. Fi tlett proċeduri ta' evalwazzjoni, mit-tnax eżaminati minnhom l-iskadenza għall-kunsinna, għalkemm adottata bħala kriterju għall-assenjazzjoni tal-kuntratti, ma ttieħditx in konsiderazzjoni

fl-għażla ta' l-offerta li ġet magħżula <sup>(1)</sup>. Żewġ kuntratti qafas ġew konklużi għal perijodu massimu ta' ħames snin għalkemm dan il-perijodu ma jistax jaqbeż l-erba' snin.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*

Hubert WEBER

*President*

---

<sup>(1)</sup> L-Artikolu 117(1) tar-regoli t'implimentazzjoni għar-Regolament Finanzjarju [għall-korpi deċentralizzati, il-proċeduri għall-assenjazzjoni tal-kuntratti huma rregolati mir-Regolament Finanzjarju ġenerali u mir-regoli t'implimentazzjoni tiegħu (Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002, (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1), u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002, (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1)].

Tabella 1

## Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetà tal-Pjanti (Angers)

Oqsma tal-kompetenzi tal-Komunità li joħorġu mit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Uffiċċju kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Uffiċċju 2005 (2004)	Prodotti u servizzi provduti 2005 (2004)
<p><b>Moviment ħieles tal-merkanizija</b></p> <p>Projbizzjonijiet u restrizzjonijiet iġġustifikati fuq il-bażi tal-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fil-kummerċ bejn l-Istati Membri</p> <p>(Estratt mill-Artikolu 30 tat-Trattat)</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <p>Li japplika s-sistema ta' drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti bħala l-forma unika u esklussiva ta' protezzjoni tal-Komunità għall-varjetajiet ta' pjanti</p>	<p><b>Kompiti</b></p> <p>— Jiddeċiedi jekk jagħtix jew jirrifjutax applikazzjonijiet għal drittijiet tal-Komunità fuq il-varjetajiet ta' pjanti</p> <p>— Jiddeċiedi fuq objezzjonijiet</p> <p>— Jiddeċiedi fuq appelli</p> <p>— Jiddeċiedi dwar ir-revoka jew il-kanċellazzjoni ta' dritt tal-Komunità fuq varjetà ta' pjanti</p>	<p>1. <b>Il-President</b> imexxi l-Uffiċċju. Huwa jiġi nominat mill-Kunsill minn lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni wara li tkun kisbet l-opinjoni tal-Kunsill Amministrattiv.</p> <p>2. <b>Il-Kunsill Amministrattiv</b> jissorvelja l-programm ta' xogħol ta' l-uffiċċju u jagħmel ir-regoli li jirregolaw il-metodi ta' xogħol ta' l-Uffiċċju. Huwa kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Pajjiż Membru u rappreżentant wieħed mill-Kummissjoni, u l-alternattivi tagħhom.</p> <p>3. Deċizzjonijiet rigward l-għotja ta' drittijiet tal-Komunità dwar varjetajiet ta' pjanti jiġu adottati mill-<b>Kumitati</b> magħmula minn tlett membri tal-persunal ta' l-Uffiċċju u mill-<b>Bord ta' l-Appell fil-proċeduri ta' l-appell</b>.</p> <p>4. <b>Kontroll tal-Kummissjoni:</b> analiżi tal-legalità ta' l-atti tal-President għal liema l-leġislazzjoni tal-Komunità ma tippovdi l-ebda rijeżaminazzjoni ġudizzjarja minn xi korp ieħor, kif ukoll il-legalità ta' atti mill-Kunsill Amministrattiv rigward il-baġit ta' l-Uffiċċju.</p> <p>5. <b>Kontroll estern:</b> Il-Qorti ta' l-Awdituri.</p> <p>6. <b>Awtorità t'Approvazzjoni:</b> Il-Kunsill Amministrattiv.</p>	<p><b>Baġit finali</b></p> <p>13,4 (11,3) miljun euro</p> <p><b>Persunal fil-31 ta' Diċembru:</b></p> <p>Numru ta' persunal fil-pjan ta' twaqqif: 40 (38)</p> <p>Karigi okkupati: 40 (36)</p> <p>+ 5 (4) karigi oħra (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali sekondati, persunal lokali, persunal impenjat fl-aġenzija)</p> <p>Total tal-persunal: 45 (40)</p> <p>Assenjati l-kompiti li ġejjin</p> <p>operattivi: 19 (16)</p> <p>amministrattivi: 20 (8)</p> <p>mħallta: 6 (6)</p>	<p>Applikazzjonijiet eżaminati: 2 734 (2 651)</p> <p>Drittijiet mogħtija: 2 178 (2 178)</p> <p>Drittijiet Komunitarji Eżistenti Fil-31.12.2005: 11 231 (10 191)</p>

Sors: Informazzjoni provduta mill-Uffiċċju.



## L-UFFIĊĠJU KOMUNITARJU TAL-VARJETÀ TAL-PJANTI

Tabella 2  
Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Infiq													
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur	Allokazzjoni tan-nefqa	Approprijazzjonijiet finali tal-baġit					Approprijazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti			Approprijazzjonijiet disponibbli (approprijazzjonijiet tas-sena finanzjarja u tas-sena finanzjarja preċedenti)				
				imd-ahhla	impen-jati	imħallsa	trasfe-riti	kancel-lati	dispo-nibbli	imħallsa	kancel-lati	dispo-nibbli	impen-jati	imħallsa	trasfe-riti	kanċellati
Dħul proprju	13 113	8 848														
Sussidji tal-Komunità	0	0	Titolu I Persunal (NDA)	4 307	4 284	4 237	47	23	38	32	6	4 345	4 322	4 269	47	29
Dħul ieħor	333	654	Titolu II Amministrazzjoni (NDA)	3 608	2 846	2 190	630	762	705	583	122	4 313	3 551	2 773	630	884
			Titolu III Attivitajiet operattivi (DA)													
			— CA	5 531	5 320	0	0	211	0	0	0	5 531	5 320	0	0	211
			— PA	4 414	0	4 002	0	412	0	0	0	4 414	0	4 002	0	412
<b>Total</b>	<b>13 446</b>	<b>9 502</b>	<b>Total CE</b>	<b>13 446</b>	<b>12 450</b>	<b>0</b>	<b>677</b>	<b>996</b>	<b>743</b>	<b>0</b>	<b>128</b>	<b>14 189</b>	<b>13 193</b>	<b>0</b>	<b>677</b>	<b>1 124</b>
			<b>Total CP</b>	<b>12 329</b>	<b>0</b>	<b>10 429</b>	<b>677</b>	<b>1 197</b>	<b>743</b>	<b>615</b>	<b>128</b>	<b>13 072</b>	<b>0</b>	<b>11 044</b>	<b>677</b>	<b>1 325</b>

DA: approprijazzjonijiet differenzjati (l-approprijazzjonijiet ta' impenji jistgħu ikunu differenti mill-approprijazzjonijiet tal-pagamenti).

CA: approprijazzjonijiet ta' impenji f'sistema ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

PA: approprijazzjonijiet ta' pagamenti f'sistema ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

NDA: approprijazzjonijiet mhux differenzjati (l-approprijazzjonijiet ta' impenji jegwaljaw l-approprijazzjonijiet tal-pagamenti).

## L-UFFIĊĊJU KOMUNITARJU TAL-VARJETÀ TAL-PJANTI

Tabella 3

Kont tad-dħul u ta' l-infiq għas-sena finanzjarja 2005 <sup>(1)</sup>

	(1 000 euro)
	2005
<b>Dħul operattiv</b>	
Dħul	7 885
<b>Total (a)</b>	<b>7 885</b>
<b>Nefqa operattiva</b>	
Persunal	4 226
Amministrazzjoni	1 485
Attivitajiet operattivi	3 972
<b>Total (b)</b>	<b>9 683</b>
<b>Riżultat operattiv (c = a – b)</b>	<b>– 1 798</b>
Dħul ieħor (d)	367
Spejjeż oħra (e)	0
<b>Riżultat ekonomiku (f = c + d – e)</b>	<b>– 1 431</b>

<sup>(1)</sup> Iċ-ċifri għas-sena finanzjarja 2004 m'humiex mogħtija minħabba li m'humiex komparabbli ma' dawg għas-sena finanzjarja 2005 minħabba bidla fil-metodi tal-kontabilità applikati.

Tabella 4

Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(1)</sup>

	(1 000 euro)
	2005
<b>Attiv</b>	
Attiv fiss	3 513
Ri 'evibbli ta' skadenza qasira	897
Kontijiet likwidi	19 111
<b>Total</b>	<b>23 521</b>
<b>Passiv</b>	
Riżultati akkumulati mis-snin finanzjarji preċedenti	17 621
Riżlutat ekonomiku tas-sena	– 1 431
Debiti ta' skadenza qasira	7 331
<b>Total</b>	<b>23 521</b>

<sup>(1)</sup> Iċ-ċifri għas-sena finanzjarja 2004 m'humiex mogħtija minħabba li m'humiex komparabbli ma' dawg għas-sena finanzjarja 2005 minħabba bidla fil-metodi tal-kontabilità applikati.

Sors: Deġta ta' l-Uffiċċju — Dawn it-tabelli jagħtu sommarju tad-deġta provduta mill-Uffiċċju fil-kontijiet annwali tiegħu.

**IR-RISPOSTI TA' L-UFFIĊĊJU**

7. Il-baġit 2005 ġie kkonsidrat għal darb'oħra abbozzat skond il-prinċipju ta' l-ekwilibriju bejn id-dħul u l-approprijazzjonijiet ta' impennji. Il-baġit 2006 jirrispetta l-prinċipju ta' l-ekwilibriju bejn l-approprijazzjonijiet tal-pagament u d-dħul. L-implimentazzjoni ta' l-infiq previst jiddependi parzjalment minn fatturi ekonomiċi li ma jaqgħux taħt il-kontroll ta' l-Uffiċċju. Quddiem din is-sitwazzjoni, il-politika kostanti ta' l-Uffiċċju hija li tħalli spazju għal manuvra li tevita li titlob l-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità tal-baġit ta' spiss.

8. Is-sitwazzjoni deskritta mill-Qorti hija dovuta għal fatturi inċidentali. L-uffiċċju ser jieħu miżuri sabiex jassigura li fil-futur il-preżentazzjoni tal-kontijiet tkun konformi b'mod sħiħ u realizzata fiż-żminijiet perentorji previsti.

9. L-Uffiċċju qed jaħdem fuq taġmimir awtomatizzat għall-approssimazzjoni tad-dejta. Anke jekk l-approssimazzjonijiet għadhom parzjalment effettwati b'mod manwali, ir-riskju ta' żball iddikjarat mill-Qorti għad ma vverifikax ruħu sal-lum.

10. Id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' l-eżekuzzjoni huma s-suġġett ta' diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-aġenziji in vista ta' l-adozzjoni li jmiss fil-futur qarib. F'dak li jikkonċerna r-reklutaġġ, l-Uffiċċju ser jara li tiġi dokumentata l-applikazzjoni tal-kriterji ta' evalwazzjoni dokumentati fl-avviżi ta' postijiet tax-xogħol battala.

11. L-Uffiċċju jfakkar lill-kumitati ta' l-evalwazzjoni dwar il-ħtieġa li jiġu rispettati b'mod strett il-kriterji mxandra. Is-CPVO ħa nota tar-rimarki magħmula u jara li d-dispożizzjonijiet regolamentari jiġu rispettati b'mod strett.

**RAPPORT****dwar il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni  
fis-Suq Intern għas-sena finanzjarja 2005 flimkien mar-risposti ta'  
l-Uffiċċju****WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-2	107
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI .....	3-6	107
OSSERVAZZJONIJIET .....	7-11	107
Tabelli 1 sa 4 .....		109
<b>Ir-risposti ta' l-Uffiċċju</b> .....		<b>111</b>

## INTRODUZZJONI

1. L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (minn hawn il quddiem "l-Uffiċċju") kien imwaqqaf mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 <sup>(1)</sup> ta' l-20 ta' Diċembru 1993. Il-mandat tiegħu huwa li jimplementa l-leġiżlazzjoni tal-Komunità fuq *trade marks* u disinni, li jagħtu l-impriżi protezzjoni uniformi tul iż-żona kollha ta' l-Unjoni Ewropea.

2. It-Tabella 1 tiġbor fil-qosor il-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju. Informazzjoni prinċipali mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2005 hija preżentata fit-Tabelli 2, 3 u 4.

## DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni t'Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Kumitat tal-Baġit ta' l-Uffiċċju, skond l-Artikolu 137 tar-Regolament (KE) Nru 40/94.

4. Il-kontijiet ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 <sup>(2)</sup> ġew magħmula mill-President tiegħu, skond l-Artikolu 119 tar-Regolament (KE) Nru 40/94, u mib-ghuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet verifika skond il-politika u l-istandards tagħha, li huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-verifika li ġew adattati għall-kuntest Komunitarju. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

**Affidabilità tal-kontijiet**

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

**Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi**

It-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni l-opinjoni tal-Qorti.

## OSSERVAZZJONIJIET

7. Rigward l-implimentazzjoni tal-baġit, ir-rati t'implimentazzjoni ġenerali għall-impenji u għall-approprijazzjonijiet ta' pagament għas-sena finanzjarja kienu 95 % u 80 % rispettivament. Madanakollu, il-konsum ta' approprijazzjonijiet kien inqas għan-nefqa amministrattiva (Titolu II): madwar 10 % ta' l-approprijazzjonijiet għal din u għas-sena finanzjarja preċedenti kienu annullati u terz ta' l-impenji għas-sena finanzjarja għal din is-sena finanzjarja kienu trasferiti. Din is-sitwazzjoni għandha ġġiegħel lill-Uffiċċju jtejjeb il-previżjoni u l-ippjanar tan-nefqa amministrattiva tiegħu sabiex jevita li jimmobilita l-fondi mingħajr neċessità.

8. Is-segregazzjoni tad-doveri tal-bidu u l-verifikazzjoni ta' l-operazzjonijiet tal-baġit ma kinux kompletament garantiti. Tas-sew, il-verifika wriet li għexiren ta' impenji u aktar minn ta' pagamenti kienu t-tnejn mibdiha u validati mill-istess impjegat.

9. Fl-2005, il-Bord Amministrattiv kien għadu m'adotta l-ebda standards ta' kontroll intern minimi. Barra dan, l-uffiċjali li jawtorizzaw ma kinux għadhom ifformalizzaw il-proċeduri u s-sistemi ta' tmexxija u ta' kontroll intern li huma kienu qed japplikaw. B'din is-sitwazzjoni, l-uffiċjal li jawtorizza ma kienx f'pożizzjoni li jivvalida s-sistemi maħsuba biex jipprovdulu l-informazzjoni.

10. Eżami ta' proċedura għar-reklutaġġ ta' persunal temporanju wriet ċerti nuqqasijiet: nuqqas ta' deċiżjoni formali għall-ħatra ta' bordijiet ta' l-għażla, nuqqas li tiġi speċifikata d-data ta' skadenza għall-preżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet; nuqqas ta' użu sistematiku ta' skali ta' evalwazzjoni, l-ebda minuti tal-laqgħat tal-bord ta' l-għażla, reklutaġġ ta' żewġ kandidati meta l-avviż tal-pożizzjoni battala kienet tispeċifika biss għal reklutaġġ wieħed.

11. Ix-xogħol ta' verifika fuq l-akkwist u t-tmexxija ta' kuntratt wera ċerti anomaliji: nuqqas ta' preċiżjoni fl-avviżi tal-kuntratt rigward in-natura tal-kuntratti li qed jiġu ppubblikati (xogħlijiet jew provvisti) <sup>(3)</sup>, nuqqas li jiġi ġġustifikat adegwament l-użu tal-proċedura negozjata għall-estensjoni tal-kuntratt <sup>(4)</sup>, dokumentazzjoni inkompleta tal-proċedura jew applikazzjoni ta' l-għażla inadegwata u kriterja ta' l-evalwazzjoni provduta fl-avviżi tal-kuntratti <sup>(5)</sup>, għotja ta' erbgħa kuntratti speċifiċi għal tul ta' żmien li qabeż bi hdxar-il xahar id-data ta' skadenza tal-kuntratti qafas korrispondenti.

<sup>(1)</sup> ĠUL 11, 14.1.1994, p. 1.

<sup>(2)</sup> Dawn il-kontijiet ġew magħmula fit-28 ta' Frar 2006 u rċevuti mill-Qorti fit-5 ta' Lulju 2006.

<sup>(3)</sup> Każ wieħed misjub.

<sup>(4)</sup> Estensjoni li tinvolvi somma ta' żewġ miljun euro.

<sup>(5)</sup> Fil-każ ta' erba' kuntratti.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Settembru 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*

Hubert WEBER

*President*

\_\_\_\_\_

Tabella 1

## L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Alicante)

Oqsma ta' kompetenza tal-Komunità stipulati fit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Uffiċċju hekk kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Uffiċċju(2004)	Prodotti u servizzi provduti 2005	
<p><b>Moviment ħieles ta' l-oġġetti</b></p> <p>Projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ġustifikati abbażi tal-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali m'għandhomx jikkostitwixxu la mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.</p> <p>(Mill-Artikolu 30 tat-Trattat)</p> <p>Ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu provduti servizzi fil-Komunità għandhom jiġu projbiti fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li jkun stabili fi Stat tal-Komunità li ma jkunx dak tal-persuna li lilha jingħataw is-servizzi.</p> <p>(Mill-Artikolu 49 tat-Trattat)</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <p>Biex jimplimenta l-leġiżlazzjoni tal-Komunità fuq it-<i>trade marks</i> u d-disinn, li tagħti lill-impriżi d-dritt għal protezzjoni uniformi tul iż-żona kollha ta' l-Unjoni Ewropea</p>	<p><b>Kompiti</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Biex jirċievi u jdaħħal applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni</li> <li>— Biex jeżamina l-kundizzjonijiet għad-dħul fir-Reġistru u l-kompatibilità mal-leġislażzjoni tal-Komunità</li> <li>— Biex ifittex fl-uffiċċji ta' proprjetà industrijali ta' l-Istati Membri għal kwalunkwe <i>trade marks</i> nazżjonali</li> <li>— Biex jippubblika applikazzjonijiet</li> <li>— Biex jeżamina kwalunkwe oppożizzjoni minn partijiet terzi</li> <li>— Biex jirreġistra jew jirrifjuta applikazzjonijiet</li> <li>— Biex jeżamina applikazzjonijiet għar-revoka jew invalidità</li> <li>— Biex jitratta appelli kontra deċiżjonijiet</li> </ul>	<p><b>1 — Il-Bord Amministrattiv</b></p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru</li> <li>— Rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni</li> </ul> <p><b>Kompitu</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Biex jagħti parir lill-President dwar kwistjonijiet li l-Uffiċċju huwa responsabbli għalihom</li> <li>— Biex jipprepara listi ta' kandidati (Artikolu 120) għall-President, Viċi-Presidenti u <i>chairmen</i> u membri tal-Bordijiet ta' l-Appelli</li> </ul> <p><b>2 — Il-President ta' l-Uffiċċju</b></p> <p>Maħtur mill-Kunsill minn lista ta' mill-inqas tlett kandidati li ġiet ippreparata mill-Bord Amministrattiv</p> <p><b>3 — Il-Kumitat tal-Baġit</b></p> <p><b>Kompożizzjoni</b></p> <p>Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni u l-alterni tagħhom</p> <p><b>Kompitu</b></p> <p>Biex jadottaw il-baġit u r-regolament finanzjarju; jagħti approvazzjoni lill-President u jiddetermina l-prezz tar-rapporti tat-tfittixija</p> <p><b>4 — Deċiżjonijiet konnessi mal-proċeduri</b></p> <p>Deċiżjonijiet meħuda minn:</p> <ol style="list-style-type: none"> <li>a) l-Eżaminaturi;</li> <li>b) id-Diviżjonijiet ta' l-Oppożizzjon;</li> <li>c) l-Amministrazzjoni tat-<i>Trade Marks</i> u d-Diviżjoni Legali;</li> <li>d) id-Diviżjonijiet ta' Annulament;</li> <li>e) il-Bordijiet ta' l-Appelli</li> </ol> <p><b>5 — Verifika esterna</b></p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p><b>6 — Awtorità t'Approvazzjoni</b></p> <p>L-Uffiċċju tal-Kumitat tal-Baġit</p>	<p><b>Baġti finali 2005</b></p> <p>218 miljun euro (177 miljun euro) inkluż sussidju Komunitarju: 0 % (0 %)</p> <p><b>Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2005</b></p> <p>Numru ta' karigi fil-pjan ta' twaqif: 675 (675)</p> <p>Karigi okkupati: 611 (648)</p> <p>+ 78 (41) persunal ieħor(kuntratti awżiljarji, esperti nazżjonali ssekondati, persunal lokali, persunal ta' aġenzija li tħaddem)</p> <p><i>Total tal-persunal:</i> 689 (689)</p> <p>assenjati għad-doveri segwenti:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— produzzjoni: 548 (524)</li> <li>— sostenn: 141 (165)</li> </ul>	<p><b>Trade marks</b></p> <p>Numru ta' applikazzjonijiet: 64 112</p> <p>Numru ta' reġistrazzjonijiet: 60 570</p> <p>Numru ta' każijiet ta' oppożizzjoni: 17 216</p> <p>li minnhom każijiet kienu mif-tehma: 12 856</p> <p>Appelli lill-Bord ta' l-Appell: 1 505</p> <p>Żmien medju għar-reġistrazzjoni (eskluż l-oppożizzjoni jew l-appell:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— qabel il-pubblikazzjoni: 10 xhur</li> <li>— bejn il-publikazzjoni u r-reġistrazzjoni: 11-il xahar</li> </ul> <p><b>Disinni</b></p> <p>Disinni riċevuti: 63 700</p> <p>Disinni reġistrati: 67 887</p>

Sors: Informazzjoni mibgħuta mill-Uffiċċju.

UFFIĊĊJU GħALL-ARMONIZZAZZJONI FIS-SUQ INTERN

Tabella 2

Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Infiq													
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni ta' l-infiq	Approprijazzjonijiet skond il-baġit finali					Approprijazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti			Approprijazzjonijiet għas-sena finanzjarja u trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti				
				imdaħħla	impen- jati	imħallsa	trasferiti	annullati	dispo- nibbli	imħallsa	annullati	dispo- nibbli	impen- jati	imħallsa	trasferiti	annullati
Dħul proprju	133 533	157 600	Titolu I Persunal	58 165	57 072	55 680	995	1 491	1 001	669	332	59 166	58 073	56 349	995	1 823
Dħul ieħor	404	905	Titolu II Amministrazzjoni	32 477	29 352	19 658	9 685	3 134	8 890	7 894	996	41 367	38 242	27 552	9 685	4 130
Interest	3 100	4 387	Titolu III Attivitajiet Operattivi	38 669	36 884	22 613	14 226	1 829	16 323	16 198	125	54 992	53 207	38 811	14 226	1 954
Bilanċ mis-sena finan- zjarja preċedenti	81 353	90 171	Titolu X Riserva	89 079	0	0	0	89 079	0	0	0	89 079	0	0	0	89 079
<b>Total</b>	<b>218 390</b>	<b>253 063</b>	<b>Total</b>	<b>218 390</b>	<b>123 308</b>	<b>97 951</b>	<b>24 906</b>	<b>95 533</b>	<b>26 214</b>	<b>24 761</b>	<b>1 453</b>	<b>244 604</b>	<b>149 522</b>	<b>122 712</b>	<b>24 906</b>	<b>96 986</b>

Tabella 3

Kont tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2005 <sup>(1)</sup>

(1 000 euro)

	2005
<b>Dħul operattiv</b>	
Dħul proprju	156 944
Sussidji/dħul ieħor	823
<b>Total (a)</b>	<b>157 767</b>
<b>Nefqa operattiva</b>	
Persunal	56 278
Amministrazzjoni	28 610
Attivitajiet operattivi	35 850
<b>Total (b)</b>	<b>120 738</b>
<b>Riżultat operattiv (c = a - b)</b>	<b>37 029</b>
Dħul ieħor (d)	4 451
Spejjeż oħra (e)	38
<b>Riżultat ekonomiku (f = c + d - e)</b>	<b>41 442</b>

<sup>(1)</sup> Id-dejta għas-sena finanzjarja 2004 ma kinitx ippreżentata għaliex, wara l-bidla fil-metodi ta' kontabilità, ma tistax titqabbel mad-dejta għas-sena finanzjarja 2005.

Sors: Dejta ta' l-Uffiċċju — Dawn it-tabelli jiġbru fil-qosor id-dejta mogħtija mill- Uffiċċju fil-kontijiet annwali tiegħu.

Tabella 4

Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2005 u 2004 <sup>(1)</sup>

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Attiv</b>		
Attiv fiss	27 456	28 125
Riċevibbli	2 196	3 233
Likwidità disponibbli	208 020	156 638
<b>Total</b>	<b>237 672</b>	<b>187 996</b>
<b>Passiv</b>		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	132 575	132 575
Riżultat ekonomiku għas-sena	41 442	0
Passiv mhux kurrenti	613	784
Passiv kurrenti	63 042	54 637
<b>Total</b>	<b>237 672</b>	<b>187 996</b>

<sup>(1)</sup> Id-dejta għas-sena finanzjarja 2004 ġiet iddikjarata mill-għdid biex tkun komparabbli mad-dejta ta' l-2005.



**IR-RISPOSTI TA' L-UFFIĊĊJU**

7. L-Uffiċċju se jkompli bl-isforzi tiegħu sabiex itejjeb il-ġestjoni tal-kreditu tal-baġit tiegħu. Għat-totalità tal-baġit tiegħu, l-Uffiċċju rnexxielu jnaqqas il-livell ta' annullamenti ta' approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-snin preċedenti (Minn 10 % fl-2004 għal 6 % fl-2005).

8. Wara l-kumment mill-Qorti ta' l-Awdituri, fl-2006, l-Uffiċċju waqqaf proċeduri sabiex inaqqas il-każijiet fejn operazzjoni tal-baġit tiġi trattata mill-istess persuna li tkun l-maniġer ġerarkiku u uffiċjal ta' awtorizzazzjoni.

9. L-istandards ta' kontroll intern ġew adottati mill-Kumitat tal-Baġit permezz ta' deċiżjoni li ttieħdet fil-5 ta' Mejju ta' l-2006.

L-Uffiċċju se jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jimplementa dawn l-istandards.

10. Wara l-kumment mill-Qorti ta' l-Awdituri, l-Uffiċċju se jieħu l-miżuri neċessarji sabiex isaħħaħ il-proċeduri ta' reklutaġġ billi jtejjeb il-formalizzazzjoni u d-dokumentazzjoni tagħhom.

11. Wara l-kumment mill-Qorti ta' l-Awdituri, l-Uffiċċju se jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jikkoreġi n-nuqqasijiet identifikati billi jifformalizza u jiddokumenta l-proċeduri tiegħu aħjar f'dan il-qasam.

---

**KORRIĠENDA****Korriġendum għall-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea  
dwar is-sigurta' fl-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2005**

*(Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea C 266 tal-31 ta' Ottubru 2006)*

It-tabelli finanzjarji 1 u 2 ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni, pubblikati fil-paġni 11 u 12 tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea C 266 tal-31 ta' Ottubru 2006*, huma mibdula minn dan li ġej:

“Tabella 1  
Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa														
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet tal-baġit finali					Appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti			Appropriazzjonijiet disponibbli (appropriazzjonijiet ta' din is-sena finanzjarja u ta' dik preċedenti)					
				imdaħħla	impen- jati	imħallsa	trasfe- riti	annul- lati	impen- pen- denti	imħallsa	annul- lati	appro- pri- jazzjonijiet	impen- jati	imħallsa	trasfe- riti	annullati	
Sussidji komunitarji	22 138	18 930	Titolu I Persunal	16 192	13 968	13 754	214	2 224	314	212	102	16 506	14 282	13 966	214	2 326	
Dħul proprju	8 000	8 569	Titolu II Amministrazzjoni	3 691	3 428	2 646	782	263	810	732	78	4 501	4 238	3 378	782	341	
Dħul ieħor	1 443	1 472	Titolu III Attivitajiet Operattivi														
			CE	20 098	13 865	0	0	6 233	0	0	0	20 098	13 865	0	0	6 233	
			CP	11 698	0	4 656	5 611	1 431	264	237	27	11 962	0	4 893	5 611	1 458	
<b>Total</b>	<b>31 581</b>	<b>28 971</b>	<b>Total CE</b>	<b>39 981</b>	<b>31 261</b>	<b>0</b>	<b>996</b>	<b>8 720</b>	<b>1 124</b>	<b>944</b>	<b>180</b>	<b>41 105</b>	<b>32 385</b>	<b>0</b>	<b>996</b>	<b>8 900</b>	
			<b>Total CP</b>	<b>31 581</b>	<b>0</b>	<b>21 056</b>	<b>6 607</b>	<b>3 918</b>	<b>1 388</b>	<b>1 181</b>	<b>207</b>	<b>32 969</b>	<b>0</b>	<b>22 237</b>	<b>6 607</b>	<b>4 125</b>	

CE: appropriazzjonijiet ta' impenji, CP: appropriazzjonijiet ta' pagamenti

Tabella 2

## Kont tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2005

(1 000 euro)

	2005	2004
<b>Dħul operattiv</b>		
Sussidji Komunitarji	17 416	7 777
Sussidji/Dħul ieħor	13 053	601
<b>Total (a)</b>	<b>30 469</b>	<b>8 378</b>
<b>Nefqa operattiva</b>		
Persunal	13 636	5 557
Amministrazzjoni	4 016	1 521
Operazzjonijiet	11 660	2 081
<b>Total (b)</b>	<b>29 312</b>	<b>9 159</b>
<b>Riżultat operattiv (c = a - b)</b>	<b>1 157</b>	<b>- 781</b>
Dħul ieħor (d)	41	0
Spejjeż oħrajn (e)	- 14	- 1
<b>Riżultat ekonomiku (f = c + d + e)</b>	<b>1 184</b>	<b>- 782</b>

Sors: Dejta ta' l-Aġenzija — Dawn it-tabelli jagħtu sommarju tad-dejta provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha.”